# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Frar 2009 *** LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 64 SENA *** Nru. 905



# B'Tagħlimek saħħaħna fil-Fidi li ġibtilna

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

## GĦAL EWRO FIX-XAHAR!




### Minjiera ta' Tagħrif u Tagħlim dwar Għawdex u l-Għawdxin

*Meta tabbona tkun qed tieħu r-rivista bil- posta u b'nofs il-prezz li tiswa' (2 Ewro l-kopja). Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2009, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla l-formola li ssib taħt jew agħmel kopja tagħha u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew 'money order' ta' 10 Ewro lill-*

**Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",**
**Lumen Christi Media Centre,**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria VCT 2579, Għawdex.**















Isem ______________________________________________

Indirizz ____________________________________________

____________________________________________________

*Nixtieq: Nabbona (ġdid)* ☐ jew *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2009* ☐

☐ €10 Abbonament Regolari

☐ €20 Abbonament Benefattur (b'rigal tal-ktieb ġdid: ***'Il-Vanġelu ta' San Pawl'***)

Data ____________________ Firma ____________________



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 905***
***Frar 2009***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni*:**
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 2579**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**

***e-mail*: gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 (Lm 4.30)**
**Benefattur: €20 (Lm 8.60)**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Għawdex fil-Ġurnali • 15
Għawdex fil-Parlament • 16
Kotba minn Għawdex • 17
Osservazzjonijiet • 18
Speċjali Sena Pawlina (8) • 20
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Il-Misteru tal-Knisja (20) • 28
Snajja Qodma (17) • 30
Letteratura Għawdxija - Profil • 32
Kummentarju (2) • 34
Ilħna mill-bogħod fil-qrib (8) • 36
Passiġġata Biblika (43) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (12) • 40
Għawdex 300 sena ilu (171) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (7) • 43
Kummentarju (3) • 44
Picture Story (4) • 45
Kummentarju (4) • 46
Apprezzament • 48
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joseph J.P. Zammit, Charles Spiteri, Ted Attard, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *Il-kwadru titulari tan-Nawfraġju ta' San Pawl, xogħol ta' R. Caruana Dingli, fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar. Ħajr lill-Kappillan Fr. Tonio Galea.*




# *Il-Missjunarji li Jmorru, il-Missjunarji li Jiġu*

*Sinifikattiva l-arti sagra li naraw madwarna u li lil San Pawl tippreżentahulna fil-mumenti kruċjali, imma wkoll spettakolari, tal-ħajja tiegħu: il-waqgħa minn fuq iż-żiemel tal-persekuzzjoni għall-konverżjoni fit-triq ta' Damasku, il-ħelsien mill-għarqa u l-miraklu tal-lifgħa ġewwa artna, u ukoll il-waqt tal-martirju ġewwa Ruma. Kienu mumenti li lil Pawlu jiddefinuh; imma ma kenux il-ħajja tiegħu ta' kuljum. Pawlu kien missjunarju-vjaġġjatur, u kieku llum konna ngħidu li kellu s-sengħa fil-ġlud bħala "part-time job"!*

*Għaldaqstant, li kieku kelli f'subgħajja l-ħila tal-pittur, lil San Pawl kont nippreżentah, mhux kif is-soltu narawh raġel kbir imlibbes il-mantâr majestuż, iżomm f'idu l-waħda l-ktieb tal-Kelma u x-xabla tal-martirju, u driegħu l-ieħor merfugħ 'l fuq b'idu tħares 'il quddiem f'ġest ta' deklamazzjoni. Kont kieku nippreżentah fir-rokna tal-kwadru, raġel żgħir, imleflef fi ħwejjeġ fqar ta' vjaġġjatur bla sabar, u b'sorra mdendla ma' spalltu, b'dirgħajh merfugħ u juri b'idu l-wiċċ glorjuż ta' Kristu, li jimla l-isfond kollu tal-kwadru...*

***Għaliex illum fil-kuntest ta' pajjiżna, aktar mill-bieraħ u qabel il-bieraħ, il-Knisja ma tistax tistenna li ddoqq il-qanpiena tal-kampnar u n-nies tiġi għall-Kelma u għall-Quddies bħalma kien jiġri darba. Illum trid tmur Hi għand in-nies u għaldaqstant teħtieġ insara vjaġġjaturi, xandara tal-Kelma, bħal Pawlu ta' Tarsu!***

*Vjaġġjaturi huma l-missjunarji minn fostna li jħallu art twelidna biex ixandru lil Kristu u juru mħabbtu lil nies f'artijiet oħra fil-qrib u fil-bogħod, Il-paġni "Ilħna mill-Bogħod fil-Qrib" li minn żmien għall-ieħor jidhru f'din ir-rivista, huma ħjiel qawwi ta' din ix-xhieda. M'hemmx dubju li dan hu l-isbaħ rekord li għandu Għawdex tagħna.*

*Vjaġġjaturi huma l-missjunarji li fil-jiem ta' Jannar ta' din is-Sena Pawlina għaddew fit-triqat tagħna jżuru dar dar u jħabbtu bieb bieb, biex iwasslu l-messaġġ ta' l-imħabba ta' Kristu kif jagħtihielna San Pawl fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin. Missjunarji-vjaġġjaturi, ċkejknin kemm trid ħdejn l-Appostlu tal-Ġnus li għalih il-ħajja kienet Kristu u l-mewt gwadann. Imma kienu madwar ħames mija li taw xhieda tal-"ħmira tal-konvinzjoni" li kienu sejħulna għaliha l Isqfijiet fl-Ittra Pastorali tagħhom fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-Sena Pawlina. Ċkejknin forsi! Għaliex ħames mitt xrara ta' xhieda ntlaqgħu f'eluf ta' djar u familji; u min jaf kebbsux oħrajn? Għaliex fl-aħħar mill-aħħar, il-missjunarji tas-Sena Pawlina għandhom huma wkoll, bħal Pawlu, l-intenzjoni li jwasslu l-Aħbar it-Tajba bit-tama li l-Ispirtu jseddaq u jkattar; u l-eżempju żgħir, imma ġenwin tagħhom jista' jqanqal il-ħeġġa fejn il-fidi għotrot...*

**Joseph W. Psaila**

www.gozodiocese.org




## *It-Tielet Anniversarju mill-Konsagrazzjoni Episkopali ta' Mons Isqof Mario Grech*

**Nhar il-Ħamis 22 ta' Jannar, tifkira ta' San Publiju, Mons Isqof Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr biex ifakkar it-tielet anniversarju mill-konsagrazzjoni episkopali tiegħu. Il-quddiesa ta' radd il-ħajr saret fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria. Mons Isqof Grech kien assistit mill-Isqof Emeritu Mons Nikol Cauchi, u mill-Vigarju Ġenerali Mons Giovanni Gauci. Ikkonċelebraw madwar 70 saċerdot.**

Fil-bidu ta' l-omelija tiegħu Mons Isqof Grech tkellem dwar iż-żjajjar fil-familji li qed isiru bħalissa bħala parti mill-Missjoni Djoċesana li qed issir din is-sena fid-Djoċesi ta' Għawdex. Hu qal li waqt li aħna qed niċċelebraw l-Ewkaristija, diversi lajċi ħutna qegħdin iduru d-djar tagħna jwasslu kelma ta' mħabba u tama, kelma mibnija fuq l-imħabba li Alla wera magħna fi Kristu.

**Dawn iż-żjajjar, kompla Mons Isqof, qed juruna aktar x'inhi r-realtà tal-familji tagħna. Hu qal diġà rċieva diversi sinjali u messaġġi sbieħ, kemm mill-missjunarji stess kif ukoll mill-familji. Flimkien ma' dawn in-noti pożittivi, Mons Isqof semma' li diversi missjunarji qed jiltaqgħu ma' nies li jitkellmu mis-solitudni li jinsabu fiha. Hi realtà preżenti ħafna fis-soċjetà tagħna.**

**Mons Isqof qal li l-missjunarji qed jiltaqgħu ma' tliet forom ta' solitudni:**

a. is-solitudni soċjali jew eżistenzjali: numru mhux żgħir ta' nies, speċjalment anzjani u dawk li jgħixu weħidhom iħossuhom imwarrba, minsija u mhux maħbuba, xi drabi minn dawk stess li suppost juruhom l-imħabba;

b. is-solitudni tal-ħsieb jew tal-konvinzjonijiet personali: diversi persuni jistqarru li jħossuhom mifxula u inċerti quddiem it-tendenzi tal-kultura moderna; kważi kważi li l-kultura moderna, bir-relattiviżmu tagħha qed tagħmel vjolenza fuq il-konvinzjonijiet ta' ħafna, bir-riskju li dawn il-persuni jibdew jiddubitaw minn dak li sa issa kienu jżommu bħala tajjeb u ċert, saħansitra jiddubitaw anke mit-tagħlim tal-fidi tagħhom;

c. is-solitudni spiritwali: oħrajn, kompla Mons Isqof, iħossu li Alla hu mbiegħed minnhom, speċjalment meta jgħaddu minn mumenti ta' tbatija fil-ħajja tagħhom; hemm oħrajn li għal xi raġuni jew oħra tbegħdu huma stess minn Alla.

**Quddiem din ir-realtà tas-solitudni, kompla Mons Isqof Grech, il-Knisja trid tħoss id-dmir li twieġeb.** Quddiem is-solitudni soċjali l-Knisja trid tkun komunità li tassew hi animata mill-imħabba, komunità li mhux biss ma teskludi lil ħadd imma li tkun qrib min hu waħdu jew imwarrab mis-soċjetà. Din l-esperjenza ċkejkna ta' tant lajċi missjunarji li ħabbtu l-bibien kollha tal-gżira turina li hi possibbli li nersqu qrib ta' kulħadd u nwasslu lil kulħadd l-imħabba.

**Il-Knisja f'Għawdex, sostna l-Isqof Grech, trid tħoss aktar l-urġenza li twassal il-kelma, mhux il-kelma tal-bniedem imma l-Kelma ta' Alla, dik il-Kelma li saret laħam, Kristu. Il-Knisja, il-komunità ta' dawk li jemmnu, trid tkompli tinbena biex tfittex aktar il-Kelma ta' Alla, u tħalli lil Alla jimliha bil-verità tiegħu, dik il-Verità li tneħħi kull konfużjoni u dubju. Imsaħħa minn din il-Kelma tal-Ħajja, il-Knisja, jiġifieri l-membri tagħha jsibu l-faraġ ta' Kristu fil-ħajja tagħhom u l-qawwa li jwasslu bil-ferħ il-fidi tagħhom u l-imħabba ta' Kristu li ssuqhom , l-aktar lil min għandu bżonn lil Alla fil-ħajja tiegħu.**





***L-Isqof jiltaqa' mal-ġurnalisti u xandara Għawdxin***

Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Jannar Mons Isqof qaddes għall-ġurnalisti u xandara fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani, Victoria, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk de Sales, Isqof ta' Ġinevra u Duttur tal-Knisja u Patrun tal-Ġurnalisti. Wara tkellem ftit ma' dawk preżenti dwar l-importanza tal-professjoni tagħhom u d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom, waqt riċeviment f'waħda mis-swali tal-kunvent.

***Għeluq tat-tieni fażi tal-Missjoni Djoċesana***

Nhar il-Sibt 24 ta' Jannar kien l-aħħar jum taż-żjarat li saru fid-djar u l-familji Għawdxin tul ix-xahar ta' Jannar, liema żjarat kienu jiffurmaw it-tieni parti tal-Missjoni Djoċesana 2008-2009 fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina. Minħabba f'hekk saret laqgħa ta' radd il-ħajr lil Alla, u ta' ringrazzjament lil dawk il-missjunarji kollha li ħadu sehem, ġewwa ta' Pinu. F'din iċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla, id-diskors ewlieni sar mill-Isqof Mario Grech, li filwaqt li minn qalbu rringrazzja u faħħar lil dawk li b'xi mod jew ieħor ħadu shem f'din il-Missjoni, qal li l-Knisja f'Għawdex trid titgħallem minn din l-esperjenza u tkun Knisja Missjunarja, li ma tibżax itterraq iktar fit-toroq, u xxandar l-aħbar it-tajba tal-Vanġelu. Ix-xandir tal-Kelma hu x-xogħol prinċipali li għandha l-Knisja. Tkellem ukoll Dun Ġwann Curmi, is-segretarju pastorali djoċesan, li fisser xi ftit kif ħadem il-lat organizzattiv, filwaqt li fl-aħħar taċ-ċelebrazzjoni l-Kav. Joe M. Attard qara poeżija ta' l-okkażjoni.

***Żjara tal-President tar-Repubblika***

Il-President ta' Malta, Dr. Edward Fenech Adami, flimkien mas-Sinjura tiegħu, żaru lill-Kappillani Għawdxin tul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu tas-Sibt 24 ta' Jannar. Din seħħet fiċ-Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Taċ-Ċawla. Dr. Fenech Adami intlaqa' b'diskors ta' merħba mill-Kan. Tarcisio Camilleri li huwa wkoll is-segretarju tal-Kulleġġ tal-Kappillani. Imbagħad għamel l-intervent tiegħu Mons. Mario Grech, filwaqt li fl-aħħar Dr. Fenech Adami indirizza lil kappillani Għawdxin.

***Festi f'Jannar***



Ix-xahar ta' Jannar f'Għawdex huwa ikkaratterizzat minn għadd ta' festi li jsiru fi knejjes mhux parrokkjali f'ġieħ il-qaddisin li għalihom huma ddedikati. Fix-Xagħra saret il-festa ta' San Anton abbati fil-knisja ddedikata lilu. L-Isoqf Mons. Mario Grech mexxa l-quddiesa pontifikali li saret filgħodu kif ukoll mexxa l-purċissjoni u bierek l-annimali filgħaxija. Nhar il-25 ta' Jannar, ġewwa Marsalforn saret il-festa tal-konverżjoni ta' San Pawl li din is-sena kienet tinkludi fiha numru ta' ċelebrazzjonijiet speċjali fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina. Mons. Mario Grech ħa sehem f'din il-festa billi mexxa pontifikal solenni flimkien mal-kleru u l-kapitlu tax-Xagħra fis-6.00pm. Fl-istess ġurnata, ġewwa l-Knisja ta' Savina fir-Rabat ħabtet il-festa tal-Gwardji tas-SS.mu. Sagrament, fejn l-Isqof mexxa quddiesa solenni fl-4.30pm flimkien ma' l-Arċidjaknu Giovanni B. Gauci, rettur Ta' Savina. U nhar is-Sibt 31 ta' Jannar u l-Ħadd l-1 ta' Frar, saret ukoll il-festa ta' San Ġwann Bosco, ġewwa l-oratorju li jġib ismu fil-belt Victoria, bis-sehem ta' l-Isqfijiet (ara p.9).





*Il-President ta' Malta, l-E.T. Dr Edward Fenech Adami mal-E.T .Mons Isqof Mario Grech, flimkien mal-Kulleġġ tal-Kappillani u l-Kulleġġ tal-Konsulturi*

## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# KNISJA QAWWIJA GĦAX GĦANDHA L-KELMA T'ALLA



*Ftuħ tat-Tieni Fażi tal-Missjoni Djoċesana:*

## Iż-żmien ta' Missjoni u Tħabbira

*Il-Ħadd, 4 ta' Jannar 2009, Sollennità ta' l-Epifanija tal-Mulej) fil-Katidral t'Għawdex, l-Isqof Mario Grech mexxa quddiesa pontifikali flimkien mal-Kulleġġ tal-Kappillani u saċerdoti oħra li matulha huwa ta l-mandat lil madwar* ***500 lajċi*** *li fil-5 ta' Jannar bdew jagħmlu żjajjar lill-familji t'Għawdex. Fl-omelija l-Isqof qal li:*



**"Meta l-Kelma t'Alla tkun milqugħa u mmeditata fil-fidi, hija tgħin lill-bniedem jara l-istorja umana fil-profondità tagħha.** Għalkemm il-ħajja ta' ħafna, fuq livell individwali, familjari u soċjali, hija miżgħuda bi ġrajjiet negattivi, weġgħat u qtiegħ ta' qalb – tant li wieħed ikun ittentat jaħseb li l-ħolqien huwa mitluq għal riħu u ma jeżisti ebda pjan intelliġenti li jaħseb biex ikun hemm ordni. Il-Kelma t'Alla tgħin biex il-bniedem jeħles minn dan it-tħassib qalil, tħoll l-għoqda ta' l-istorja umana u ssolvi l-enigma tal-ħajja!

**Illum għandna bżonn nerġgħu nisimgħu lill-profeta Isaija, li fi żmienu kien jisħaq li l-umanità organizzata soċjalment u politikament mhix destinata għall-kaos jew qerda, imma hija miexja lejn "ċentru". Dan iċ-ċentru huwa Kristu, li sar bniedem biex il-bniedem ikun aktar bniedem.** Fi kliem San Pawl, 'il-pagani huma msejħa biex ikollhom sehem mill-istess wirt, ikunu membri ta' l-istess ġisem u jkollhom sehem mill-istess wegħda, fi Kristu Ġesù permezz ta' l-Evanġelju' (Ef 3,6).

Il-lajċi, li fit-tliet ġimgħat li ġejjin ser jagħmlu żjajjar fil-familji kollha t'Għawdex, huma bħal San Pawl, lilhom ingħatat il-grazzja li jxandru l-Evanġelju tal-għana ta' Kristu, għana li ebda moħħ ma jista' jifhmu, u li joħorġu għad-dawl quddiem kulħadd kif Alla temm il-pjan tal-Misteru. (Ara Ef 3,8-9).

Għalhekk, fl-okkażjoni tal-Missjoni Djoċesana **nagħmel sejħa lill-Knisja f'Għawdex biex 'tqum' ħalli wiċċha jiddi bid-dawl ta' Kristu.** U bħala l-ewwel evanġelizzatur fil-Knisja lokali nagħti lil kull lajk missjunarju l-mandat biex tiltaqgħu mal-familji u twasslulhom l-Evanġelju, li nagħmlu sintesi tiegħu fi tliet kelmiet: Alla huwa mħabba! **Hija xewqa tad-djoċesi li frott ta' din il-Missjoni ħafna jiċċaqalqu u jibdew ifittxu aktar tagħrif dwar Kristu billi jieħdu sehem f'laqgħat ta' formazzjoni evanġelika permanenti."**

# Inġibu 'l quddiem il-kwalità tal-ħajja

**"Iva" favur il-ħajja tfisser impenn biex il-ħajja umana tiġi mħarsa fl-integrità tagħha. Dan jimplika mhux biss impenn biex niddefendu l-ħajja tal-bniedem mill-mument tat-tnissil sal-mewt naturali tiegħu, imma wkoll attenzjoni biex il-bniedem ikollu kwalità ta' ħajja li tixraq lid-dinjità umana tiegħu.**

Hemm diversi fatturi li jistgħu jirrendu l-ħajja tal-bniedem tqila, bħal fil-każ fejn hemm il-faqar, l-injoranza, il-mard, il-għlied, eċċ. Barra minn dawk is-sitwazzjonijiet li jistgħu joħolqu tbatija fiżika, hemm kundizzjonijiet oħra li jistgħu jkunu ta' sofferenza kbira, bħal fil-każ ta' min ma jsibx lil min iħobbu, jifhmu, jaċċettah, jagħdru, eċċ.

Każ partikulari fejn persuna tista' ssib ruħha f'din il-qagħda huwa meta xebba toħroġ tqila barra miż-żwieġ! Diġà f'ċirkostanzi bħal dawn, it-tqala fiha nnifisha tista' tkun ta' wġiegħ ir-ras u l-qalb; imma t-tbatija toktor meta din ix-xebba-omm, u xi drabi anke missier it-tarbija li jkun hemm fil-ġuf, mhux biss ma jsibux min jaċċettahom u jifhimhom, mhux biss jibdew jirrealizzaw li mhumiex psikoloġikament u materjalment imħejjija biex jilqgħu r-responsabbiltà li ġġib magħha t-trobbija ta' tarbija, imma forsi jsibu lil min jissuġġerilhom jagħmlu abort! Forsi min jagħmel dan is-suġġeriment ikun motivat mill-ħsieb li jgħin lil din il-koppja "teħles" mit-tbatija! Imma għażla favur it-tneħħija tat-tarbija mill-ġuf tfisser qerda tal-ħajja mhux biss tat-tarbija, imma tal-ġenituri stess. L-esperjenza tixhed li meta persuna jkollha sehem biex isir abort, aktar u aktar il-ġenitur, din tkun fetħet ferita li tibqa' għajn ta' tbatija!

**L-"iva" favur il-ħajja umana għandha tkun fuq fomm kull bniedem, aktar u aktar fuq xofftejn in-Nisrani li għamel għażla favur Kristu – l-Iben t'Alla li sar bniedem biex il-bnedmin ikollhom il-ħajja fil-milja tagħha! Għalhekk, filwaqt li għandna nibqgħu ngħaqqdu l-forzi tagħna biex inġibu 'l quddiem il-kwalità tal-ħajja, għandna nagħtu l-appoġġ tagħna lil dawk l-istituzzjonijiet, bħalma hija *Dar Ġużeppa Debono* li qed jaħdmu biex fostna tikber il-kultura favur il-ħajja.**

*(Messaġġ għal "Jum il-Ħajja" fl-1 ta' Frar 2009)*



*Kummentarju (1)*

# *Ittra ta' San Pawl lill-Maltin*

*kitba immaġinattiva ta'* **DUN GEOFFREY G. ATTARD**

*Għeżież ulied Maltin u Għawdxin,*

Għaddew issa ftit inqas minn elfejn sena minn meta kont sibt ruħi fuq il-gżira tagħkom ta' Malta wara li jien u sħabi għal erbatax-il ġurnata konna ħsibna li sa nitilfu ħajjitna qalb il-mewġ imqalleb tal-baħar nofsani li jdawwarkom. Ma nista' ninsa qatt il-qalb tajba u mimlija mħabba ta' dawk missirijietkom li hekk kif raw ix-xini tagħna jaħbat ma' skoll, niżlu jħaffu lejn ix-xtajta f'dak il-jum kiesaħ biex jagħtuna l-ewwel għajnuna. Xi wħud mill-Maltin ta' dakinhar waqfu magħna b'dedikazzjoni liema bħala u saħansitra qabbdu ħuġġieġa biex nisħnu ftit wara dik li kienet tidher għarqa żgura. Huma tawna x'nieklu u qabbdulna ħuġġieġa biex nisħnu u ninxfu. F'waqt minnhom lifgħa ċkejkna kienet anke fittxet taħrab minn dik is-sħana u bħal qabdet ma' idi. Sa l-istess Publiju, il-ħakem tal-gżira mqiegħed mir-Rumani biex jiggverna l-gżejjer tagħkom, kien niżel jilqagħni.

**Illum, li elfejn sena dalwaqt ikunu għaddew minn dik il-ġrajja li siehbi Luqa kiteb fuqha fil-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli, nixtieq nerġa' nikkomunika magħkom. Bosta huma l-ħwejjeġ li għandi f'moħħi u li qed jinkwetawni fir-rigward tagħkom il-Maltin tas-seklu wieħed u għoxrin. Jiena nifhem li intom, il-Maltin u l-Għawdxin tal-lum, qegħdin tgħixu f'ċirkostanzi tant differenti minn dawk li kienu jgħixu fihom missirijietkom. Niftakar li kemm domt fostkom xandart il-Vanġelu ta' Kristu li lilu kont ippersegwitajt qabel ma deherli fit-triq lejn Damasku. Minn dakinhar 'il quddiem kont ħlift li nxandar lilu u lilu msallab. Għalhekk illum qalbi tuġagħni x'ħin nara li fil-waqt li żammejtu ħajja l-fidi fi Kristu, xi wħud minnkom bħal donnhom insew għal kollox dawk il-valuri sbieħ tal-Vanġelu li kont wassaltilkom.**

*Il-Familja Maltija*

Intom il-Maltin dejjem gawdejtu isem tajjeb fost il-ġnus ta' l-Ewropa għax minn dejjem għożżejtu l-valuri sbieħ tal-għaqda fil-familji tagħkom; bosta huma dawk l-Ewropej tat-tramuntana li jiġu f'pajjiżkom biex flimkien max-xemx u l-klima sabiħa tagħkom, jgħixu għal ftit ġimgħat f'ambjent fejn il-familja tidher li tiġi l-ewwel u qabel kollox u xejn u ħadd ma jeħdilha postha. **Imma rrid ngħidilkom li diġà dehru xquq li qed jheddu li jheżżu l-familja Maltija u Għawdxija. La titqarrqux minn dak li jidher sabiħ fil-wiċċ imma li ġewwa fih jista' jkun hemm susa u sadid. Min ikisser il-familja jkun kisser il-komunità kollha għax fuq il-familja jinbena dak kollu li nsibu madwarna; ordni soċjali, għaqda, imħabba, sliem u ftehim, u dawk il-valuri l-oħra li kont semmejt lill-Galatin fil-ħames kapitlu ta' l-ittra li kont ktibtilhom. Għalhekk nixtieq inħeġġiġkom biex terġgħu lura lejn l-għeruq li dejjem sawrukom u għamlukom dak li intom.** X'hemm isbaħ mill-familja naturali magħmula minn raġel u mara li jwegħdu l-fedeltà tagħhom sal-mewt u mberkin bl-ulied li miġbura madwarhom jgħixu ħajja hienja u fis-sliem waqt li jiffaċċjaw l-isfidi u d-diffikultajiet billi jifthemu bejniethom u jinġabru kuljum biex jitolbu! S'issa ħadd għadu ma sab xejn li jista' jissostitwixxi r-realtà tal-familja bħala dik il-ħolqa soda li torbot u ssaħħaħ is-soċjetà. Għalhekk lil dawk li daħlu għall-piż ħelu tal-bini tal-familja nħeġġiġhom kemm niflaħ biex iżommu ħaj id-djalogu sinċier li tant huwa nieqes fost il-familji ta' żminijietna!

*Il-Fidi Nisranija u l-immigranti illegali f'Malta*

Smajt ukoll li matul dawn l-aħħar snin, id-daqs u l-pożizzjoni tal-gżejjer tagħkom sfat il-mira ta' mijiet ta' nies li wara li ħallew pajjiżhom minħabba gwerer jew faqar soċjali, qed ifittxu l-kenn f'Malta u Għawdex tagħkom. **Jiena naf li bħalma lqajtu b'imħabba kbira lili u lil sħabi għalkemm konna barranin għalikom, hekk ukoll illum qed tilqgħu fostkom lil dawk il-barranin li qed ifittxu li jtejbu l-qagħda ta' ħajjithom billi joqogħdu fostkom. F'isem il-Mulej tagħna Ġesù Kristu rrid ngħidilkom li kull meta tagħtu mqar tazza ilma lil dawn l-imsejkna, intom tkunu qed tagħtuha lil Ġesù nnifsu.** L-ospitalità tagħkom il-Maltin illum saret magħrufa mad-dinja u nkiteb dwarha fil-letteratura; hija ospitalità ċertament imqanqla minn dak l-istess vanġelu li kont ippridkajtilkom jien. Tagħmlu sewwa li turu ħlewwa u mħabba ma' dawk ħutkom il-bnedmin li x-xorti ma tantx daħkitilhom. Madankollu ma rridx ninsa nifħilkom għajnejkom ukoll għall-għali kbir li tistgħu ssibu ruħkom

fih. **Waqt li tgħinu lill-imsejken u tagħmlu karità, fittxu wkoll li żżommu sħiħ dak li jagħmilkom dak li intom. Tinsewx il-fidi Nisranija li xandartilkom; waqt li tridu tittolleraw twemmin differenti minn tagħkom, ħadd ma għandu l-jedd li jcaħħadkom minn dak it-tagħlim li writtu minn għand missirijietkom!**

***L-orrur tad-droga***

**Hemm ħafna fostkom li qed ipoġġu l-flus l-ewwel u qabel kollox. Jekk għadkom tiftakru, lil Timotju kont wissejtu li "ir-regħba għall-flus hi l-għerq ta' kull ħażen" (1 Tim 6: 10). Frott din ir-regħba ta' min irid iħaxxen bwietu, qed tinxtered ukoll id-droga fost iż-żgħażagħ u l-familji tagħkom.** Intom tafu xi ħsara għamlet id-droga fost popli oħra u x'inhuma l-effetti koroh tagħha! Kemm familji żgħar, kemm koppji u kemm żgħażagħ oħrajn tilfu l-fjur ta' ħajjithom frott il-misħuta droga. Hemm fostkom min għandu skopijiet malinni u min tbiegħed sewwa mill-verità! L-abbuż tad-droga tħossu l-komunità kollha! Imberkin dawk li sabu għajnuna fost qrabathom u minn għand ħbieb ġenwini li wassluhom mill-ġdid fil-port tas-salvazzjoni! Id-droga qed tagħmel ħsara irreversibbli anke fost xi adolexxenti li ġa tilfu l-iskop u d-direzzjoni ta' ħajjithom. Nassigurakom li d-droga hija mifruxa aktar fost dawk li waqfu jipprattikaw il-fidi tagħhom u m'għadhomx ifittxu li jiftħu qalbhom ma' Alla fit-talb la weħidhom u wisq inqas fi ħdan il-komunità li tiltaqa' kull nhar ta' Ħadd. **La tinsewx għeżież uliedi dak il-kliem mitqlu deheb li kont għidt lin-nies ta' belt oħra li wkoll tinsab fil-baħar nofsani, jiġifieri n-nies tal-belt ta' Korintu. Kont għidtilhom: "Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed ħlief dak li diġà tqiegħed: u dan hu Ġesù Kristu" (1 Kor 3: 11). Ibnu fuq Ġesù Kristu; mhux biżżejjed li għandkom knejjes kbar u sbieħ li jgħaġġbu bi sbuħithom lil kull min iżurhom; hemm bżonn issa li intom stess tinbnew f'bini spiritwali li jogħġob lil Alla.**

***Il-vizzji qerrieda***

Irrid ngħid kelma wkoll lil dawk fostkom il-Maltin u l-Għawdxin li qed jagħtuha wisq għax-xorb bla rażan. Lil sieħbi fl-appostolat Timotju kont darba ktibtlu u għidtlu "tixrobx ilma biss, imma ħu ftit inbid għax jagħmillek tajjeb għall-istonku u l-mard tiegħek" (1 Tim 5: 13). Imma kollox għandu jsir bil-qies. **Ir-rażan fuqna nfusna għandu jkun waħda mill-virtujiet tagħna li niftaħru li aħna dixxipli ta' Kristu Ġesù. Ix-xorb żejjed iwassal biex iċajpar il-moħħ u jeqred il-ġewwieni tal-ġisem. L-ikel żejjed ukoll ma jagħmilx ġid! Mhux darba u tnejn li fil-komunitajiet li kont inżur, kont niltaqa' ma' nies li alla tagħhom hi żaqqhom. Kollox tajjeb imma mhux kollox jiswa!** Ftakru fil-kliem meqjus tal-Papa Benedittu li bħalissa jinsab imexxikom; aqraw il-messaġġ ċar tiegħu lis-sewwieqa u lil dawk li għandhom responsabbiltà kbira fit-toroq tagħkom; nuqqas ta' rażan fix-xorb qabel is-sewqan wassal diġà għal bosta mwiet ħesrem! Anke fil-familja, il-persuni li huma xurbana ma jrażżnux l-għemejjel tagħhom u mhux darba u tnejn li s-sokor wassal għall-firda u għall-vjolenza bejn il-koppji jew bejn il-ġenituri u l-ulied. La ġġibux fuqkom il-qerda tagħkom infuskom.

***Il-vantaġġi u żvantaġġi tal-mezzi ta' komunikazzjoni***

Ma nistax ma nfakkarkomx ukoll biex toqogħdu b'seba' għajnejn kif tużaw il-mezzi ta' komunikazzjoni; naf li ħafna minnkom tħobbu tqattgħu ftit tal-ħin mhux ħażin quddiem it-*television* jew inkella



*Parti mill-Ewwel Ittra lill-Korintin (Papir 46, Seklu 2)*

taraw xi *DVD*, jew fuq l-*internet*. Tassew li l-bniedem mexa ħafna 'il quddiem fl-iżviluppi tekonoloġiċi. Imma nħoss jidwi f'widnejja l-kliem tant siewi ta' l-isqfijiet tagħkom nhar l-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent permezz ta' l-ittra pastorali li kitbulkom. Jekk niftakar tajjeb, huma kienu qalulkom xi ħaġa hekk: **"Il-kisbiet sbieħ fit-teknoloġija ta' l-informatika waslu biex wkoll itellfu r-rispett lejn il-persuna u ż-żeblieħ b'mod speċjali tal-mara fil-pornografija. Dawn kollha huma sintomi li mat-tajjeb li hemm fis-soċjetà hemm ukoll mard serju".**

Jeħtieġ li tgħassu għax l-għadu tagħkom ix-xitan, kif darba qalli sieħbi Pietru, qisu ljun dejjem idur u jfittex lil minn jibla'. Jeħtieġ li tieqfulu imma l-ewwel tridu tkunu sħaħ fil-fidi! **Nifhem li tinsabu ibbumbardjati mill-*media* li minn kif nista' ninnota mhux dejjem qed tkun għas-servizz tal-verità! Għalhekk fittxu li tintrabtu mhux ma' dak li jgħaddi imma dak li jibqa' għal dejjem.** Iż-żmien tar-Randan jista' jkun għalikom l-aħjar opportunità biex tieqfu ftit u timmeditaw fuq il-ħtieġa li tiġġeddu fi Kristu li jien wassaltilkom.

**Ħallu l-Vanġelu jdawwal ħajjitkom! Minn qiegħ qalbi dan nawguralkom.** Il-grazzja ta' Sidna Ġesù tkun magħkom ilkoll!

***Tagħkom fi Kristu,***
***Pawlu ta' Tarsu.***

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Konferenza dwar it-Turiżmu f'Għawdex*

Operaturi fis-settur turistiku Għawdxi ngħataw l-opportunità li jsiru jafu aktar dwar l-implimentazzjoni ta' prattiċi ambjentali aktar responsabbli li finalment jirrendu wkoll aktar qligħ għall-investiment tagħhom fil-qasam tat-turiżmu. Dan sar permezz ta' konferenza, fil-Lukanda Kempinski f'San Lawrenz, imtellgħa mit-taqsima Turiżmu u Żvilupp Sostenibbli fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru flimkien mal-Federazzjoni ta' l-Operaturi Turistiċi (FTO).




*Il-Ministru Giovanna Debono waqt id-diskors tagħha fil-Lukanda Kempinski f'San Lawrenz.*

Kelliema minn din il-Federazzjoni taw preżentazzjonijiet b'informazzjoni u tagħrif dwar dawn il-prattiċi kif ukoll dwar mezzi użati fis-sistema tar-reklamar, li tippromwovi stabbilimenti turistiċi sostenibbli, kemm mil-lat ekonomiku kif ukoll minn dawk ambjentali, soċjali u kulturali. Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, indirizzat din il-konferenza, u qalet li s-suġġetti trattati għandhom relevanza qawwija partikolarment għal stabbilimenti f'Għawdex, speċjalment fir-rigward tal-viżjoni eko-Għawdex. Is-suċċess ta' din il-viżjoni huwa bbażat primarjament fuq żvilupp sostenibbli li jara li jissodisfa l-ħtiġijiet attwali tas-soċjetà mingħajr ma' jikkomprometti l-kwalità tal-ħajja ta' ġenerazzjonijiet futuri. Żvilupp sostenibbli huwa ta' benefiċċju għall-prodott turistiku u allura huwa meħtieġ li l-industrija turistika tikkontribwixxi biex jintlaħaq dan il-għan.

Il-Ministru Debono spjegat kif l-industrija turistika hija pilastru ewlieni għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku fil-gżira ta' Għawdex u hu għalhekk li l-Ministeru għal Għawdex jikkollabora kontinwament ma' dawk involuti f'dan is-settur. Fix-xenarju tal-kriżi ekonomika internazzjonali u r-riperkussjonijiet li mistennija tħalli fl-oqsma ekonomiċi u soċjali, huwa importanti li dawk direttament konċernati jagħrfu l-importanza u l-ħtieġa li jsaħħu l-prodott turistiku Għawdxi biex dan ikun aktar sostenibbli u kompetittiv fis-swieq turistiċi. Giovanna Debono ħeġġet lill-operaturi Għawdxin biex jipparteċipaw fl-Iskema għal Proġetti Turistiċi li ġiet imħabbra dan l-aħħar, fejn ġew allokatti 10 miljun ewro minn Fondi Strutturali Ewropej. Il-Ministru fakkret kif 14 minn 54 proġett eliġibbli għal finanzjament fl-iSkema ta' Għajnuna għal Stabbilimenti Turistiċi 2004-2006, kienu operaturi ta' stabbilimenti Għawdxin.

Dr Mario Demarco, Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu fi ħdan l-uffiċċju tal-Prim Ministru fetaħ din il-konferenza li kienet immexxija mis-Sur Peter Portelli, Segretarju Permanenti fl-istess Segretarjat Parlamentari.

## *Festa ta' San Ġwann Bosco fl-Oratorju fir-Rabat*



*Mons Isqof Mario Grech waqt il-Konċelebrazzjoni Pontifikali. Fuq ix-xellug tiegħu jidher Mons. George Tabone.*

Nhar il-Ħadd 1 ta' Frar, fil-Belt Victoria, ġiet iffestiġġjata l-festa ad unur San Ġwann Bosco.

Filgħodu, fil-Kappella ta' l-Oratorju Don Bosco, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, bis-sehem tal-*Chorus Urbanus*, taħt it-tmexxija ta' Mro. John Galea. Aktar tard matul il-jum, saret parata ta' żwiemel u ponijiet minn Pjazza San Franġisk sa ħdejn l-Oratorju, fejn sar it-tberik tal-*pets* u annimali minn Dun Ġorġ Mercieca. F'nofsinhar saret l-ikla tradizzjonali fil-lukanda Calypso, Marsalforn. Filgħaxija, fil-kappella ta' l-Oratorju, l-Arċipriet tal-Parroċċa Bażilika ta' San Ġorġ, Mons. Pawlu Cardona,

iċċelebra quddiesa. Ħa sehem il-Kor *Laudate Pueri*, taħt it-tmexxija tal-Kanonku Ġorġ Frendo. Wara marċ mill-Banda Ċittadina *La Stella* minn ħdejn l-Iskola Primarja fi Triq Vajrinġa sa Pjazza Santu Wistin, ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġwann Bosco, xogħol artistiku ta' Wistin Camilleri, li fiha ħadu sehem tfal, żgħażagħ, *Past Pupils* ta' l-Oratorju flimkien mat-tfal ta' l-iskejjel sależjani. Akkumpanjat il-purċssjoni l-Banda Ċittadina La Stella, b'daqq ta' innijiet lil San Ġwann Bosco. Mexxa l-purċissjoni Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet.

Mad-dħul lura tal-purcissjoni, ingħatat il-Barka Sagramentali u sar ukoll il-bews tar-Relikwa. Aktar tard fis-sala ta' l-Oratorju ittella' d-*Don Bosco Grand Concert* mill-*Gozo Youth Wind Band and Orchestra* taħt it-tmexxija ta' Mro. Joseph Grech.

## *Mfakkar Jum is-Siġar fix-Xewkija*

Studenti li jattendu l-Iskola Primarja tax-Xewkija fil-Kulleġġ ta' Għawdex, nhar il-Ġimgħa 16 ta' Jannar, ħadu sehem f'ċerimonja simbolika li fiha ġie mfakkar Jum is-Siġar. F'din l-attività ipparteċipaw tfal minn skejjel oħra flimkien ma' l-għalliema tagħhom.



*Waqt iċ-ċerimonja tat-tħawwil tas-siġar. Jidher Dun Anton (lemin) ibierek waħda mis-siġar.*

Il-programm kien jinkludi qari ta' proża u poeżiji, mima u esebizzjoni ta' proġetti li jittrattaw temi dwar is-siġar, li ġew maħduma mill-istudenti ta' l-istess skola. Wara l-programm, il-Kavallier Frank Gatt, Prinċipal tal-Kulleġġ ta' Għawdex, kixef lapida kommemorattiva li tfakkar it-tmenin anniversarju minn meta beda jiġi kkommemorat Jum is-Siġar f'Għawdex.

Ta' min jgħid li fl-ewwel ċerimonja ta' Jum is-Siġar kienu tħawlu s-siġar li hemm fi Pjazza San Franġisk quddiem il-bini tal-Ministeru għal Għawdex. Siġar oħra li tħawlu f'Għawdex fl-okkażjoni ta' Jum is-Siġar huma dawk li wiehed isib fit-triq ta' l-Għasri u fit-triq bejn ix-Xewkija u Għajnsielem.



*Joe Grech ikellem lill-istudenti u jagħtihom xtieli ta' siġar indiġeni sabiex l-istudenti jħawluhom fi djarhom.*

Din l-attività spiċċat billi studenti tas-sitt sena ħawlu siġra fil-ġnien ta' l-iskola li tbierket minn Dun Anton Refalo mix-Xagħra. Twaħlet ukoll tabella bl-ismijiet ta' dawn l-istudenti bħala tifkira. L-istudenti kollha li kienu preżenti ġew mogħtija żrieragħ ta' siġar indiġeni biex ikunu jistgħu jiżirgħuhom fil-ġnien tagħhom.

L-attivitajiet tal-*Hands on Farming* ikomplu għaddejjin matul is-sena skolastika fejn studenti mill-iskejjel kollha f'Għawdex jattendu għal sessjonijiet prattiċi ġewwa l-*farm* tal-Gvern fix-Xewkija fejn huma jiżirgħu pjanti indiġeni Maltin u jingħataw ukoll tagħrif dwarhom.

Is-sezzjoni tal-*Hands On Farming*, hi taħt it-tmexxija ta' Joe Grech minn Kerċem.

## *Festa tas-Sagra Familja fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex*



Nhar il-Ħadd l-1 ta' Frar, filgħodu, fl-Isptar tal-Ibraġ, ir-Rabat, Għawdex, ġiet iffestiġġjata l-festa ad unur is-Sagra Familja. Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni flimkien mal-Kappillani kollha tal-Isptar Ġenerali, Mons. Ružar Borg (Fontana), il-Kanonku Michael Mintoff (Ghasri), il-Kanonku George Farrugia (Xaghra), Mons. Franġisk Debrincat (Munxar), Fr Joe Cardona (Nadur) u Fr John Muscat (Sannat) Ħa sehem il-Kor tal-Parroċċa tan-Nadur *Jubilate Deo*, taħt id-direzzjoni tal-Kanonku Ġużeppi Grech.

*Waqt il-Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof Nikol Cauchi flimkien mal-Kappillani tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex.*



Fuq inizjattiva ta' Carmelo Bigeni, grupp ta' madwar erbgħin bandist, ħafna minnhom jaħdmu fl-Isptar Ġenerali, ingħaqdu flimkien fejn ferrħu lil dawk morda b'daqq ta' marċi. Wara dawk kollha preżenti fosthom il-bandisti sarilhom riċeviment żgħir ta' l-okkażjoni. Preżenti kien hemm ukoll is-Superintendent ta' l-Isptar Ġenerali Dr Anthony Livori.

Ta' min ifaħħar u jinkoraġixxi s-sehem ta' tant għaqdiet kulturali, reliġjużi, soċjali u filantropiċi li jistgħu jipprovdu servizz ta' ferħ u faraġ aktar ta' spiss lill-morda fl-Isptarijiet tagħna.

*Grupp ta' Bandisti li bid-daqq tagħhom ferrħu lill-morda.*

## Donazzjoni lil Dar Arka

Marcin Depczynski u Aleksandra Pomper dan l-aħħar għamlu donazzjoni ta' apparat speċjalizzat għal persuni b'diżabilità lil Dar Arka, f'Għajnsielem.

Saru jafu bil-Fondazzjoni Arka ftit tax-xhur ilu. Xtraw dar f'Għajnsielem u żaru Dar Arka fejn il-Fondazzjoni matul is-sena toffri akkomodazzjoni lil għadd ta' persuni b'diżabilità.

Id-Direttur tal-Fondazzjoni, Mons. Emmanuel Curmi f'kumment lil *Il-Ħajja f'Għawdex* qal li dawn il-barranin tant impressjonaw rwieħhom bix-xogħol li jsir f'din id-dar li meta huma ġabu l-għamara għad-dar il-ġdida tagħhom f'Għajnsielem, huma ġabu wkoll fil-*container* apparat speċjalizzat għal persuni b'diżabilità li jgħixu f'Dar Arka.



*Waqt il-preżentazzjoni ta' apparat speċjalizzat lil Dar Arka. Fir-ritratt jidher ukoll Mons Emmanuel Curmi (xellug).*

## Jagħlaq 100 sena

Franġisk Cauchi, magħruf fl-Għarb aktar bħala Ċikku, nhar is-Sibt 10 ta' Jannar iċċelebra l-100 sena ħajja mdawwar minn uliedu, fosthom Fr Giomarija Cauchi, t-tifel tiegħu li ġie mill-Brażil, fejn issa ilu hemm għal snin sħaħ fuq ħidma missjunarja, Ġuża, Elizabeth, Emanuela, Grezzju, Ġużeppi, Rita u Pauline. Franġisk, miż-żwieġ tiegħu ma' Marija, li mietet fl-1999, kellu ħdax tfal, 3 minnhom mietu trabi. Huwa nannu ta' 15 u bużnannu ta' tnejn.

F'quddiesa konċelebrata li saret filgħodu fid-dar tiegħu fi Sqaq l-Arċipriet, immexxija minn ibnu Giomarija, ħadu sehem ukoll Fr Christopher Cauchi li ġie apposta minn Toronto, il-Kanada u Fr Alex Cauchi li ġie apposta wkoll mil-Brażil. Dawn ta' l-aħħar Franġisk jiġi nannuhom. Hadet sehem ukoll il-Banda Viżitazzjoni. Fost dawk li żaruh f'daru kien hemm il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u Mons. Isqof Mario Grech.



*Mix-xellug għal-lemin jidhru Emanuela, Elizabeth, Grezzju, Fr John Mary, Joseph, Josephine, Pauline and Rita flimkien ma' missierhom Franġisk.*

Ċikku kien persuna attiva ħafna fir-raħal tal-Għarb minn età bikrija. Ta' 18-il sena, huwa kien diġà membru fil-kumitat tal-festa esterna, flimkien ma' Wiġi Micallef, Ċikku Tabone u Sander Cauchi. Kien ukoll membru ta' l-Azzjoni Kattolika flimkien mal-Kappillan tal-Knisja ta' Ta' Pinu ta' dak iż-żmien, Dun Ġużepp Portelli u ma' Frenċ Mercieca, magħruf bħala Frenċ ta' l-Għarb, fost l-oħrajn. Ċikku qatta' snin twal bħala sagristan fil-Knisja Parrokjali ta' l-Għarb, flimkien ma' Ġużepp Cauchi. Wara li rtira mix-xogħol, għal 27 sena sħaħ, Ċikku kien idoqq il-qniepen tal-knisja kull nhar ta' Ġimgħa fit-3.00 p.m. Ċikku jħobb jaqra ħafna u jikteb ukoll l-esperjenzi li jiftakar mill-passat. Huwa kiteb ukoll dak li jiftakar dwar il-bini tal-Knisja Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu.

Fl-2001, Ċikku Cauchi kien onorat b'Ġieħ l-Għarb waqt serata fl-okkażjoni ta' Jum l-Għarb.



*Il-Ministru Giovanna Debono waqt iż-żjara li għamlet lil Franġisk Cauchi fl-Għarb.*

## *Tmiem xieraq għaċ-Ċelebrazzjonijiet taċ-Ċentinarju tal-iScouting f'Malta*

L-Assoċjazzjoni tal-iScouts ta' Malta dan l-aħħar iċċelebrat il-mitt sena mit-twaqqif tal-moviment tal-i*scouts* f'Malta permezz ta' programm ta' attivitajiet li fihom kienu involuti l-gruppi kollha tal-i*scouts* tal-gżejjer Maltin.



*Iż-żewġ* Group Scout Leaders *waqt li ħawlu is-siġra ta' l-okkażjoni.*

Il-*Victoria Scout Group* ma naqasx li jfakkar ċ-ċentenarju tat-twaqqif tal-I*scouts* f'Malta. Il-qofol tal-attivitajiet li organizza l-*Victoria Scout Group* biex ifakkar dan iċ-ċentenarju kienet il-parata madwar ir-Rabat li fiha ħadu sehem bosta *Scout Groups* minn Malta u li ġibdet numru sabiħ ta' Għawdxin. Kien avveniment storiku għall-V*ictoria Scout Group* u għal Għawdex.

F'Għawdex iċ-ċelebrazzjonijiet ċentenarji ġew fi tmiem xieraq b'sensiela ta' attivitajiet madwar Għawdex favur il-komunità Għawdxija u l-ambjent organizzati mil-*Victoria Scout Group*. Ix-*Xagħra Scout Group* issieħbu mal-*Victoria Scout Group* f'dan il-programm kommemorattiv ta' attivitajiet.

Tħawwlet siġra minn Lorrie Saliba, *Group Scout Leader* tal-*Victoria Scout Group* u Vince Vella, *Group Scout Leader* tax-*Xagħra Scout Group* f'biċċa art ħdejn il-funtana li tinsab quddiem il-Ċentru għall-Istudji Avanzati Sir Michelangelo Refalo fi Triq Repubblika, r-Rabat. Dan il-ġest jissimbolizza l-vitalità tal-Moviment tal-I*scouts* fil-gżejjer Maltin u t-tama fil-futur. Imbagħad, iż-żewġ *Group Scout Leaders* kixfu plakka kommemorattiva li tfakkar il-mitt sena mit-twaqqif tal-Moviment tal-i*Scouts* f'Malta.



*Waqt l-attivita' tat-tindif fl-inħawi tal-parkeġġ tar-Rabat.*

Wara li spiċċat din iċ-ċeremonja, l-*Cubs*, l-i*Scouts* u l-*Venture Scouts* tal-*Victoria Scout Group* u membri tax-*Xagħra Scout Group* inqasmu fi gruppi li kienu mmexxija mill-liders taż-żewġ gruppi. L-attivitajiet li saru kien tindif fil-Polverista fiċ-Ċittadella, f'Wied ta' Żejta, fl-inħawi tal-*parking* ewlieni tar-Rabat u fil-*Calypso Cave*, b'dan tal-aħħar isir mix-*Xagħra Scout Group*. Sar ukoll xogħol ta' tiżbigħ fir-*Respite Centre* tal-Fundazzjoni Arka, Għajnsielem. Sar ukoll tħawwil ta' diversi siġar tal-ħarrub f'Għajnsielem.

## *Servizz Ekumeniku fil-Munxar*



*Mument waqt is-servizz ta' Talb fil-Parroċċa tal-Munxar. Jidhru Mons. Salv Debrincat,il-Kappillan tal-Anglikani Rev Jeff Williams, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, il-Kappillan Fr Tonio Galea u Mons. Ġużeppi Curmi.*

Fl-okkażjoni tal-Ottava ta' Talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara li ssir kull sena bejn id-19 u l-25 ta' Jannar, il-Leġjun ta' Marija f'Għawdex, nhar l-Erbgħa 28 ta' Jannar, organizza Servizz Ekumeniku b'kant u talb. Billi qegħdin fis-Sena Pawlina li tfakkar l-2000 sena mit-twelid ta' San Pawl, din il-funzjoni saret fil-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar.

Il-Kappillan Dun Tonio Galea ta merħba lill-miġemgħa li ġiet indirizzata mill-E. T. l-Isqof Mario Grech u l-Kappillan tal-Anglikani Rev Jeff Williams. Dwar it-tema *Biex huma jsiru ħaġa waħda f'idejk*, meħudha mill-Profeta Eżekiel, it-tnejn qalu li b'ħidma aktar kuraġġjuża, iktar kuntatti, iktar tolleranza lejn xulxin u iktar talb, l-għaqda tista' ssir realtà. Il-Kor tal-Munxar *Ilħna Smewwija* u l-organista Swor Giovanna Francesca Curmi ferrħu lill-udjenza waqt li wara sar riċeviment żgħir fiċ-Ċentru Parrokkjali, ipprovdut mill-Kunsill Lokali tal-Munxar.



*Il-Kor tal-Munxar "Ilħna Smewwija" waqt is-Servizz Ekumeniku.*

## *Attività ta' Jum il-Ħajja*

'Il-Qawwa tal-Ħajja fis-Sofferenza' hija t-tema magħżula minn pajjiżi Ewropej għall-okkażjoni ta' Jum il-Ħajja 2009. Dan kien is-suġġett ittrattat waqt serata mtella' f'Għawdex, fir-ristorant Ta' Frenċ, f'Marsalforn.

*Pro-Life Day* jiġi ċċelebrat f'numru ta' pajjiżi fl-Ewropa nhar l-ewwel Ħadd ta' Frar ta' kull sena, bil-għan li jippromwovi l-valur tal-ħajja. Din hija l-ewwel sena li Għawdex, permezz ta' Dar Ġużeppa Debono, ingħaqad ma' dawn il-pajjiżi biex anke din il-gżira tiċċelebra dan l-avveniment billi titqajjem kuxjenza u jiżdied l-għarfien dwar il-valur tal-ħajja. Tħejja programm għall-okkażjoni fejn erba' kelliema ewlenin indirizzaw lil dawk preżenti u tkellmu dwar it-tema tas-sofferenza u l-ħajja f'kuntesti differenti. Dawn il-kelliema kienu jinkludu lis-sinjura Kate Gonzi, lill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, il-membru Parlamentari tal-Partit Laburista Justyne Caruana u lil Mons. Carmelo Refalo, Arċipriet tax-Xagħra. Kien hemm preżenti wkoll Ms Maria Attard, Direttriċi ta' Dar Giużeppa Debono.



*Waqt is-Serata ta' Jum il-Ħajja. Jidhru mix-xellug għal-lemin, il-Ministru Giovanna Debono, Kate Gonzi, mart il-Prim Ministru, Mons. Arċipriet Carmelo Refalo, il-Membru Parlamentari Justyne Caruana u Marija Attard, id-direttriċi ta' Dar Ġużeppa Debono.*

Il-programm għal din l-ewwel ċelebrazzjoni ta' "Jum il-Ħajja" f'Għawdex, kien jinkludi siltiet mużikali li ndaqqu minn mużiċisti lokali ewlenin. Sar ukoll irkant ta' pittura mill-artist Għawdxi Christopher Saliba flimkien ma' skultura ta' artist Għawdxi ieħor, Victor Agius.

Dar Ġużeppa Debono, f'Għajnsielem, kienet infetħet minn Mons. Isqof Nikol Cauchi nhar it-8 ta' Diċembru 1985. L-għan tat-twaqqif ta' din id-dar kien li tkun ta' għajnuna u toffri kenn lill-ommijiet mhux miżżewġa fiż-żmien tat-tqala sakemm ikollhom it-tarbija. Matul iż-żmien il-ħidma minn din id-dar żviluppat f'organizzazzjoni li toffri diversi servizzi b'mod speċjali fil-qasam soċjali u dak edukattiv. Il-ħidma prinċipali tiffoka dwar it-tixrid ta' tagħrif u ż-żieda fl-għarfien dwar il-valur u l-kultura tal-ħajja permezz ta' *counselling,* seminars u attivitajiet oħra.

## *Festa ta' Sant'Anton Abbati fix-Xagħra*

Fl-okkażjoni tal-festa ta' Sant'Anton Abbati, meqjuma fil-knisja iddedikata lilu fix-Xagħra, nhar il-Ħadd 18 ta' Jannar, filgħodu, fi Pjazza Sant'Anton Abbati, saret iċ-ċerimonja tat-tberik taż-żwiemel minn Mons. Carmelo Refalo, Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xagħra. Wara telqet sfilata taż-żwiemel minn Triq San Ġużepp għal Triq il-Knisja u Pjazza l-Vitorja li akkumpanjat l-istatwa ta' Sant'Anton fuq il-perilja, biż-żwiemel Reno ta' disa' snin u Silver ta' ħdax-il sena, mmexxija minn Victor Muscat u ibnu Gabriel, sal-Bażilika ta' Marija Bambina. Ħadu sehem l-i*Scouts* tax-Xagħra.



*Sant'Anton Abbati fuq il-perilja joqrob lejn il-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina. Jidhru wkoll-iscouts tax-Xagħra.*

Aktar tard fi Pjazza Sant'Anton Abbati, saret wirja tal-klieb, organizzata mill-Kunsill Lokali. Wieħed seta' jammira wkoll it-tlielaq tat-tfal.

Filgħaxija fil-Bażilika ta' Marija Bambina, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem tal-Kor *Voci Angeliche.* Wara saret purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Anton Abbati mmexxija minn Mons. Isqof Mario Grech. Akkumpanjat il-purċissjoni l-Banda *Victory.* Mal-wasla fi Pjazza Sant'Anton, sar it-tberik ta' l-annimali. Il-purċissjoni spiċċat fil-knisja ta' Sant'Anton fejn ingħatat l-Benedizzjoni Sagramentali.



*Waqt iċ-ċerimonja tat-tberik taż-żwiemel. Jidhru l-Arċipriet Carmelo Refalo jagħti ħobża u xgħir imbierek lil Jimmy Muscat. Jidhru wkoll Bernardette u Annette Muscat u t-tifel Dylan Azzopardi.*

## Għajnuna lil Guatemala - Servizz Missjunarju ta' Tabib Voluntier



Qabel reġa' telaq għall-ħidma voluntarja u fl-istess ħin missjunarja, fil-Guatemala, it-Tabib Stephen Vassallo ġie ppreżentat b'ċekk ta' flus mill-President tal-Għaqda tat-Tobba Għawdxin, Dr Robert Sciberras. Il-flus ingħataw speċifikament għall-użu ta' klinika għall kura medika li t Tabib Vassallo qed imexxi fil-Guatemala.

It-Tabib Vassallo flimkien ma' martu Jacqueline ilhom imexxu din il-klinika għal xahrejn u anke għal tliet xhur fis-sena, sa mis-sena 2001.

*It-Tabib Robert Sciberras (lemin) jidher jippreżenta ċekk lit-Tabib Stephen Vassallo. Tidher ukoll martu Jacqueline.*

## Ċelebrat Jum il-Munxar

Waqt serata organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Munxar fl-okkażjoni ta' Jum il-Munxar, Swor Giovanna Francesca Curmi ġiet mogħtija 'Ġieħ il-Munxar' għall-inizjattiva tagħha, ix-xogħol u l-impenn li wriet f'diversi oqsma fosthom sabiex il-Munxar ikollu l-Kor tiegħu bl-isem ta' 'Ilħna Smewwija'.



*Swor Giovanna Francesca Curmi wara li ġiet ippreżentata b'Ġieħ il-Munxar, flimkien mal-Kunsillier, (mix-xellug għal-lemin) Mario Camilleri, Sammy Spiteri, Viċi Sindku, Joseph Sultana, Sindku, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Avukat Chris Said, Carmen Said, Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv Anthony Grech.*

Is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Avukat Chris Said f'kelmtejn ta' l-okkażjoni waqt li faħħar ħidmiet Swor Giovanna Francesca Curmi, qal li l-Munxar huwa xempju ta' kif għandu jitħaddem il-kunċett ta' lokalità sostenibbli. Huwa qal li l-Kunsill Lokali tal-Munxar qed jaħdem biex jiżviluppa l-lokalità tal-Munxar u fl-istess ħin isaħħaħ l-identità u l-karatteristiċi ta' dan il-post. L-Avukat Said faħħar ukoll il-koperazzjoni sħiħa li teżisti bejn il-Kunsill Lokali, il-Parroċċa u l-għaqdiet f'kull qasam fil-Munxar.

Is-Segretarju Parlamentari nnota li minkejja li l-Kunsill Lokali tal-Munxar għandu taħt ir-responsabbilità tiegħu il-lokalita' turistika tax-Xlendi, xorta ġie minn ta' quddiem fir-rapport ta' effiċjenza. Huwa qal li l-Kunsill tal-Munxar iħares lejn il-lokalità tax-Xlendi bħala potenzjal u mhux bħala problema u dan jixduħ id-diversi inizzjattivi meħudha f'din il-bajja. Żied igħid illi Jum il-Munxar huwa okkażjoni li jfakkar u jsaħħaħ l-identità ta' dan ir-raħal.




"Fraħt meta qaluli,
'Immorru f'dar il-Mulej'"

PELLEGRINAĠĠ
FL-ART IMQADDSA

mill-Ħadd 19 sal-Ħadd 26 ta' April 2009

Hi x-xewqa ta' kull min iħobb l-Art tal-Bibbja li fiha twieled u għex Ġesu`. F'April li ġej, ġimgħa wara l-Għid, il-Knisja ta' Sant' Anton Abbati flimkien mal-Patrijiet Franġiskani u l-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa qed noffrulek opportunita` unika biex tara din l-Art Imqaddsa fejn iżżur mhux inqas minn 30 Santwarju f'din l-art li l-Papa Pawlu VI sejħilha 'Il-Ħames Vanġelu'

Dun Ġwann Sultana Mob: 9982 6350

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***L-isfidi quddiemna***

"Il-Prim Ministru qal li l-prijorità tal-Gvern hi li jkompli joħloq l-impjiegi. Dan jgħodd ukoll għal Għawdex li jżid il-valur ta' dak kollu li l-pajjiż jipprovdi... Hu qal li hemm sfidi kbar fil-qasam ta' l-infrastruttura u għalkemm sar ħafna xogħol fis-snin li għaddew kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, baqa' aktar xi jsir. Fakkar li t-toroq lokali ma jistgħux isiru mill-fondi ta' l-UE, iżda mill-fondi lokali."

**Charles Muscat**, *Rapport, In-Nazzjon, 2 ta' Frar 2009*

***U sfida għall-Gozo Channel***

Hemm ukoll il-kwistjoni tal-monopolju u li għal din ir-raġuni din is-sena trid toħroġ sejħa għall-offerti biex jiġi offrut is-servizz. Xi ġimgħat ilu ktibt dwar mistoqsijiet parlamentari li għamilt lill-Ministru Tonio Fenech fejn dan qed jgħid li l-Gvern ma għandu ebda pjan ta' kontinġenza rigward il-ħaddiema f'każ li l-*Gozo Channel* ma tieħux it-'*tender*' hi u li allura ma jista' jagħti ebda garanzija lill-ħaddiema."

**Justyne Caruana**, *L-Orizzont, 15 ta' Jannar 2009*

***Tifħir mir-Ramblers***

*They said parliamentary secretary Chris Said has also taken action to clean up the countryside from old vehicles, domestic machinery and rusty drums dumped in open spaces. They said Said had proved to be receptive to ideas that RAM proposed to him. "The reform of the local councils is a supreme example. He has involved local councils in the clean-up and maintenance of the green environs within their boundaries."*

*Rapport,* **MaltaToday**, *14 ta' Jannar 2009*

***Tifħir għll-għalliema Għawdxin tal-Cospicua Primary***

*"I also remember a number of teachers from Cottonera and Gozo, all serious and pleasant in their character and extremely well prepared in their work."*

**Anthony Licari**, *The Times, 3rd January 2009*

***Għawdex ma jissemmiex, imma...***

*"There was no mention of Gozo whatsoever in the bill presented to Parliament last May entitled Public Administration Act 2998 and which has now been reported to the House for its third reading. However, its exclusion does not mean that the proposed Act would not have any relevance to Gozo. Indeed, the Act as presented could have two very serious negative effects on the administration of the island."*

**Frank J. Psaila,** *The Malta Independent, 2nd February 2009*

***Tindif tal-pajsaġġ fil-Gżira Ekoloġika***

*"Cleaning operations are so far taking place in 26 localities in Malta and 6 in Gozo. The phase of the operation varies from one locality to the other. There are localities in which the cleaning operation is in full flow while in others we are still in the process of identifying sites."*

**Chris Said**, *The Malta Independent, 2nd February 2009*




***Biex naslu biex nifhmu li hemm Politika u politika***

"L-inawgurazzjoni ta' l-Iskola Politika saret il-Ġimgħa filgħaxija f'Għawdex stess mill-Prim Ministru u Kap tal-PN, Lawrence Gonzi. Fid-diskors tiegħu, il-Prim Ministru fakkar kif il-politika għandha tkun għodda li permezz tagħha l-individwu jtejjeb is-soċjetà ta' madwaru u b'hekk tittejjeb il-kwalità tal-ħajja tan-nies. Saħaq ukoll dwar l-importanza ta' kif tintuża l-għodda politika, u għalhekk il-ħtieġa tal-valuri fil-ħidma tal-politiku."

*Rapport,* **Il-Mument**, *1 ta' Frar 2009*

***Kemm għadu Għawdex gżira agrikola?***

*"Gozo contribution to the gross domestic product at market prices stands at 5.8 per cent or 315.2 million Euro, according to the provisional estimates for last year... The contribution of Gozo's agriculture and fishing sector amounted to 7.7 per cent of the island total GVA while in Malta this was valued at 2.3 per cent, confirming the small island's higher dependence on this primary sector compared to the mainland."*

*Rapport,* **The Times**, *31st December 2009*

***Min jistenna jithenna!***

"Minn kemm ilu li beda jingħata dan is-sussidju (ġej mill-UE), ta' kull sena għall-ħabta ta' Marzu-April, id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura jagħmel sejħa lill-bdiewa u r-raħħala, fultajm u partajm, biex jimlew l-applikazzjonijiet għas-sussidju fuq l-uċuħ tar-raba', fost għajnuniet oħra. Issa qed joqrob dak iż-żmien li jerġgħu jinfetħu dawn l-applikazzjonijiet għal dan il-għan. Tajjeb li wieħed ikun jaf ukoll, li l-flus is-soltu jingħatawlna kull sena b'lura għal ħabta ta' Marzu. Irrid ngħid li s-sussidju tas-sena 2007 li suppost ingħatalna f'Marzu tal-2008, għandna ma rċivejnieħx... Ġieli mort l-uffiċċju ta' l-Agrikoltura r-Rabat, nistaqsi meta se jingħatalna dan is-sussidju. It-tweġiba dejjem kienet li hawn Għawdex ma jafu xejn f'dan ir-rigward, għax skont huma, dawk il-flus mill-uffiċċju ta' l-Għammieri f'Malta jintbagħtu."

**Xbajna Nistennew, Victoria,**
*L-Orizzont,27 ta' Jannar 2009*

***Dak li Alla tana, nibżgħu għalih!***

*"The Azure Window natural rock formation in Gozo is to compete with the Gran Canyon and Mount Everest among some two hundred other spectacular places in the next phase of the global competition for the New 7 Wonders of Nature."*

**Annaliza Borg**, *The Malta Independent, 8th January 2009*

# MILL-PARLAMENT

***Għawdex - Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika***

**4953. L-Onorevoli ALFRED SANT staqsa lill-Onorevoli TONIO FENECH (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment):** B'riferenza għal dak li ntqal fil-*pre-budget documents* għas-snin 2007 u 2009, kif ukoll fil-Programm Elettorali tal-Gvern, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika għar-rigward ta' firxa aktar wiesgħa ta' statistika marbuta ma' Għawdex? Jekk fl-affermattiv, x'sar s'issa u x'qed isir f'dan ir-rigward? Liema oqsma ġodda ta' l-attività soċjo-ekonomika t'Għawdex se tkopri din il-firxa aktar wiesgħa? *07/01/2009*

**Tweġiba:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika diġà jiġbor u jippubblika statistika fuq bażi reġjonali f'livell ta' NUTS III, kif rikjest mill-*Eurostat*. Dan jinkludi statistika ta' natura demografika, statistika dwar il-qasam tax-xogħol, statistika dwar l-edukazzjoni u indikaturi oħra ta' natura soċjali. Indikaturi ekonomiċi jinkludu tagħrif dwar il-Prodott Domestiku Gross. Qasam relattivament ġdid huwa *pilot survey* li sar dwar in-nefqa tal-Maltin li jqattgħu btala Għawdex, kif ukoll statistika dwar it-turiżmu f'Għawdex.




L-Uffiċċju qed jistudja l-possibbiltà li jestendi l-ġbir u l-pubblikazzjoni ta' aktar tagħrif soċjo-ekonomiku dwar Għawdex. *12/01/2009*

***Servizz ta' l-ajru bejn Malta għal Għawdex***

**3296. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli LAWRENCE GONZI (Prim Ministru):** Jista' l-Prim Ministru jgħid x'inhuma l-pjanijiet tal-Gvern dwar servizz ta' l-ajru mill-ajruport internazzjonali ta' Malta għal Għawdex? *15/11/2008*

**Tweġiba:** Kull operatur Ewropew fis-settur ta' l-avjazzjoni jista' jekk hekk jixtieq, jopera servizz bejn iż-żewġ gżejjer bil-ħelikopter. Apparti dan, il-Gvern iżomm kull alternattiva miftuħa għall-operazzjoni sostenibbli li tista' tkun proposta minn żmien għal żmien. *16/10/2008*

***Residenti f'Għawdex - Valur ta' l-investimenti barra minn Malta***

**4954. L-Onorevoli ALFRED SANT staqsa lill-Onorevoli TONIO FENECH (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment):** Jista' l-Ministru jgħid kemm kien il-valur ta' l-investimenti *(portfolio investment assets)* barra minn Malta ta' residenti f'Għawdex fl-aħħar ta' kull sena mill-2001 'l hawn? X'kienet id-distribuzzjoni ġeografika tagħhom? *07/01/2009*

**Tweġiba:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi ma tinżammx statistika separata dwar il-valur li residenti f'Għawdex għandhom f'investimenti (*portfolio investment*) barra minn Malta. *12/01/2009*

***Għajnuna lill-għaqdiet tal-persuni b'diżabbiltà***

**4853. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid x'ħidma wettaq il-Ministeru u x'għajnuna ta lill-għaqdiet tal-persuni b'diżabbiltà f'Għawdex? *14/01/2009*

**Tweġiba:** Jiena nfurmata illi minn barra l-ħidma mwettqa kif spjegat fil-Mistoqsija Parlamentari numru 4852 b'risq persuni b'diżabbiltà, matul is-sena li għaddiet il-Ministeru iffirma ftehim mal-Federazzjoni Għawdxija Persuni b'Diżabbiltà għat-twaqqif ta' *one-stop-shop* għas-servizzi kollha li jingħataw f'dan il-qasam. *17/12/2008*

***Xewkija - Qasam Industrijali - ħaddiema li jaħdmu ma' kumpaniji***

**4787. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli JOHN DALLI (Ministru għall-Politika Soċjali):** Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ħaddiema li jaħdmu ma' kumpaniji li huma allokati fabbriki, uffiċini, ċentri ta' servizzi, ecc fil-qasam industrijali tax-Xewkija fl-aħħar ta' kull sena mill-1999 sal-2007 kif ukoll fl-aħħar ta' Marzu u Novembru ta' din is-sena? Jista' jagħti l-informazzjoni skont id-diversi tipi ta' attività ekonomika u skont it-tip ta' xogħol li jagħmlu? *12/12/2008*

**Tweġiba:** Nitlob l-Onor. Interpellant biex jirreferi l-Mistoqsija tiegħu lill-Ministru konċernat biex jiġbor l-informazzjoni mitluba u wara jerġa' jirreferi l-Mistoqsija lill-Ministeru tiegħi biex b'hekk inkunu nistgħu naħdmu fuq l-informazzjoni miġbura. *14/01/2009*

***Dipartiment ta' l-Edukazzjoni - Edukazzjoni sesswali fl-iskejjel***

**4850. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli DOLORES CRISTINA (Ministru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport):** Tista' l-Ministru tgħid x'ħidma qed iwettaq id-Dipartiment tal-Edukazzjoni in konnessjoni ma' l-edukazzjoni sesswali fl-iskejjel f'pajjiżna kif ukoll xi pjanijiet għandu l-Gvern dwar din it-tip ta' edukazzjoni fost it-tfal u żgħażagħ tagħna? *13/01/2009*

**Tweġiba:** L-edukazzjoni sesswali hija materja mgħallma fis-suġġett ta' l-Iżvilupp Personali u Soċjali (*Personal and Social Development – PSD*) kemm fil-livell primarju kif ukoll fil-livell sekondarju.

Żewġ uffiċjali edukattivi ta' l-Iżvilupp Personali u Soċjali flimkiem ma' xi għalliema mis-settur sekondarju, qed iħejju pubblikazzjoni ta' riżorsi dwar it-tema *"L-Edukazzjoni Sesswali"* biex jitqassam lill-għalliema kollha f'dan is-settur biex jiffaċilita iżjed din it-tema. *17/12/2008*

KOTBA

# L-APPOSTLU LI SAR VANĠELU ĦAJ

**Knox Mons. Ronald, *"Il-Vanġelu ta' San Pawl", Lumen Christi Publications,* Gozo Press, Frar 2009, Prezz 5 ewro.**

L-isem ta' dan il-ktieb mhux wieħed mil-lista tal-kotba kanoniċi li għandna fil-Bibbja. Frattant dan iħaddan kontenut marbut mal-Bxara t-Tajba li għandha l-qofol tagħha fi Kristu. Kien għalhekk li Mons. Ronald Knox, biblista magħruf Ingliż, sejjaħlu **l-Vanġelu ta' San Pawl** u f'sitt konferenzi ttratta **r-Rabta l-Qadima, id-Divinità u l-Umanità ta' Kristu, il-Ġisem Mistiku, u l-Qawmien fil-Ħajja tan-Nisrani.**

Il-kelma "Vanġelu" San Pawl isemmiha kemm-il darba huwa u jikteb lill-komunitajiet insara. Infatti jistqarr mal-Korintin fejn jgħid li **"Kristu bagħatni nxandar l-Evanġelju"** *(1 Kor 1, 17),* u jkompli jżid li "Jekk jien inxandar l-Evanġelju m'għandix biex niftaħar, jien obbligat nagħmlu dan. **Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju**" *(9, 16).*

**Ladarba l-Appostlu Pawlu ma kienx xhud tal-ħajja pubblika ta' Kristu, wieħed jifhem li dan il-Vanġelu jkun ta' għamla oħra, u ma jirrakkontax ġrajjiet u mirakli li seħħew tassew. L-awtur jaqsam magħna dawk l-esperjenzi li joħorġu minn dak li kiteb San Pawl fl-ittri tiegħu u li joffru xhieda tal-Vanġelu ta' Kristu, mhux bħala wieħed imxandar biss, kif aħna mdorrijin bih, imma fuq kollox billi għaraf jagħġnu ħaġa waħda ma' ħajtu.**

F'dan il-ktieb il-qarrej jiskopri wkoll kif San Pawl inqeda ħafna minn dak li wiret b'kultura profonda tar-reliġjon Lhudija u hekk seta' jfisser aħjar il-messaġġ kristjan fejn ra kif twettqu l-wegħdiet ta' l-imgħoddi. Kellu dik it-tħejjija reliġjuża u kulturali li biha kien imħeġġeġ biex, wara li jagħmlu tiegħu, jgħaddi l-istess Vanġelu lill-ewwel komunitajiet ta' nsara li ġie f'kuntatt magħhom fost popli oħrajn.




Il-ktieb, maqlub għall-Malti b'kapaċità minn Carmel Cachia, iwassal bi kliem ċar dan l-istudju li joqgħod ħafna għalina l-Maltin bħala wlied San Pawl li għadu jtenni: **"Jiena hu li, bl-Evanġelju, nissiltkom fi Kristu. Bil-qawwa kollha ngħidilkom: ixbhu lili!"** *(1 Kor 4, 15-16).* Letteratura ta' din l-għamla tikkorrispondi ħafna mat-temi li l-Q. T. il-Papa Benedittu XVI beda jagħmel dwar San Pawl fl-Udjenzi Ġenerali matul is-Sena Pawlina. Eżempju minnhom hija dik tat-8 ta' Ottubru 2008 fejn il-Papa wera kif **Pawlu ttrasforma l-Vanġelu ta' Kristu f'ħajtu u fil-persuna tiegħu.**

Maħruġ mil-*Lumen Christi Publications* fl-okkażjoni tal-festa tan-Nawfraġju ta' Missierna San Pawl f'din is-Sena Pawlina, jinsab għall-bejgħ għand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex, jew direttament mil-*Lumen Christi Bookshop,* Victoria, għall-prezz ta' 5 ewro.

***Mons. Salv Grima***

Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

OSSERVAZZJONIJIET

# L-ISTATISTIKA TAL-"GOZO CHANNEL"



*Jikkumenta*
ANTON TABONE

**B'mod regolari u bi prominenza u b'sodisfazzjon kbir għalina l-Għawdxin, naqraw fil-ġurnali jew nisimgħu fix-xandir fuq in-numru ta' passiġġieri u ta' vetturi li jkunu qasmu l-fliegu fuq il-vapuri tal-*Gozo Channel* f'perijodu, ta' xahar jew ta' sena sħiħa, ipparagunat ma' l-istess perijodu tas-sena ta' qabel, u minn fejn ikun irriżulta li dak il-paragun juri żieda fl-għadd li qasmu. B'hekk ikun ġie stabbilit rekord ieħor. Rekord jikser ir rekord ta' qablu.**

Kif għidt diġa' dawn in-numri jagħtu sodisfazzjon lil kulħadd, imma b'mod dirett u partikulari, l-ikbar sodisfazzjon nieħduh aħna l-Għawdxin, speċjalment dawk ta' l-età tiegħi li għadhom jiftakru tajjeb il-faqar ta' servizz fil-kommunikazzjonijiet tal-baħar li kien jeżisti bejn Għawdex u Malta u lura, fl-imgħoddi mhux tant imbiegħed.

Iżda issa naħseb li wasal iż-żmien li l-istatistika tal-*Gozo Channel* għal finijiet ta' kejl speċjalment dak tat-turiżmu, turi l-impatt fuq Għawdex. L-istatistika għandha tagħti iktar tagħrif dettaljat tal-passiġġieri u tal-vetturi li jkunu qasmu. Jiġifieri tagħti '*breakdown*' taċ-ċifri uffiċjali li hi tagħmel disponibbli għall-pubblikazzjoni. Għax xi drabi l-għadd totali jiġi interpretat li kull passiġġier u kull vettura jkunu qasmu kollha lejn Għawdex *one way*, meta fir-realtà dak l-għadd tagħhom ikun japplika 'l hinn u 'l hawn i.e. *'both ways'*. Per eżempju dan l-aħħar fl-okkażjoni tat-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Kumpanija, Ministru stqarr li matul is-sena 2008 il-flotta tal-*Gozo Channel* għabbiet kwazi erba' miljun passiġġier u 'l fuq minn miljun vettura. Hija ħaġa ovvja li dawn iċ-ċifri għandhom ikunu interpretati korrettament billi jiġu applikati fi vjaġġi kemm lejn l-Imġarr u kemm lejn ċ-Ċirkewwa. Imma fl-għaġla tal-impressjonijiet li jista' jieħu dak li jisma' jew jaqra aħbar bħal dik, malajr taf tidħol il-perċezzjoni żbaljata li f'sena waħda Għawdex assorba 4 miljun passiġġier u 'l fuq minn miljun vettura addizzjonali!

Ara kieku kemm kien ikun hawn min jaħseb li Għawdex ma jonqsu xejn iżjed! La lukandi, la pubbliċità, la impiegi u xejn infrastruttura turistika!! Kien ikun hawn min jgħid li Għawdex jmorru fih iktar turisti milli jżuru lil Malta fl-istess sena waħda! **Iżda il-verità sagrosanta hi li dawk l-erba' miljun passiġġier u l-miljun vettura jridu jinqasmu minn nofs bħala punt ta' tluq għal kull kalkolu u għal kull konsiderazzjoni fil-kompilazzjoni taċ-ċifri u tat-tifsira tagħhom. Per eżempju meta kont Ministru u anki bħala *Speaker* minħabba raġunijiet ta' xogħol, mhux darba waħda qsamt darbtejn 'l hinn u darbtejn 'l hawn fl-istess 24 siegħa. Tal-vapur ikun immarka lili u lix-xufier tiegħi erba darbiet għal kull wieħed minnha, u lill-vettura erba' darbiet oħra.** Madankollu la jien u lanqas ix-xufier ma nistgħu nitqiesu bħala turisti, la interni u lanqas esterni. U wisq inqas il-vettura!

L-eżerċizzju biex tingabar l-informazzjoni meħtieġa sabiex twassal figuri ta' nies u tal-vetturi tagħhom b'mod li jiddistingwu il-passiġġier Għawdxi minn dak Malti u minn dak strangjier, fil-fehma tiegħi m'għandux ikun eżerċizzju diffiċli jew komplikat. Naħseb li l-*Gozo Channel* ġa għandha l-mezzi kif tista' tissepara kategorija minn oħra. Niftakar li ftit wara l-elezzjoni ġenerali tal-1987 kont ressaqt proposta fil-Kabinett biex il-prezz tal-biljetti fuq il-flotta tal-*Gozo Channel* jinqasmu fuq tlett kategoriji: prezz għall-Għawdxin, ieħor għal Maltin u ieħor għal Barranin. Infatti dik il-proposta kienet saret realtà u b'hekk il-passiġġier Għawdxi bil-vettura tiegħu kien iħallas l-inqas prezz, segwit mill-passiġġier Malti li bil-vettura tiegħu kien iħallas prezz daqsxejn ogħla; u għal dak li jkun ġej minn barra l-pajjiż kien mitlub iħallas għalih u għall-vettura tiegħu l-għola prezz. Għalhekk dak iż-żmien kien hemm stampa ċara tas-separazzjoni bejnhom it-tlieta.

Iżda wara l-elezzjoni ġenerali tal-1996, il-Gvern il-ġdid għolla il-prezz tal-biljett tal-Għawdxin filwaqt li xorta żammu fl-orħos kategorija, iżda il-biljett għall-Maltin għollieh sal-livell tal-Barranin. Mal-bidla fil-Gvern wara l-elezzjoni ġenerali tal-1998 l-affarijiet baqgħu l-istess, jiġifieri l-Għawdxin f'kategorija għalihom filwaqt li l-Maltin baqgħu fl-istess kategorija mal-Barranin. Tul l-aħħar snin ħarġu bosta skemi biex iħajru aktar nies jaqsmu bejn il-gżejjer, bħall-Anzjani u dawk li minn Malta jivvjaġġaw lejn Għawdex wara il-5 ta' filgħaxija, f'ċerti ġranet u f'ċerti staġuni, kif ukoll għal xi avvenimenti/attivitajiet speċifiċi bħal *Notte Bianca* eċċ.

**Minbarra konsiderazzjonijiet ta' turiżmu, l-*'breakdown'* fl-istatistika għandha toħroġ għad-dawl tax-xemx kategoriji oħrajn ta' nies li jivvjaġġaw ta' kuljum fuq il-bastimenti tal-kumpanija. Per eżempju jkun interessanti li joħroġ fil-beraħ l-ammont ta' ħaddiema u studenti Għawdxin li jaqsmu lejn Malta għax-xogħol jew għall-istudji terzjarji jew studji oħrajn. In-nies li jmorru Malta għan-negozju tagħhom. Oħrajn li jaqsmu biex iżuru lil qrabathom fl-isparijiet kif ukoll kemm imorru għall-kura. In-numru ta' vetturi kbar li jġorru l-merkanzija.**

Importanti ukoll li jitkejjel in-numru dejjem jespandi t'Għawdxin li jżuru lil Malta għal skopijiet edukattivi/kulturali, bħal tfal ta' l-iskejjel li b'mod programmat jittieħdu f'postijiet ta' nteress nazzjonali. Il-Kunsilli Lokali u l-Parroċċi li jorganizzaw ħarġiet regolari lejn Malta. L-istess *'breakdown'* tkun tista tiffoka fuq l-għadd viżibilment dejjem jikber t'Għawdxin li jistgħu tabilħaqq jitqiesu bħala viżitaturi, li jmorru Malta għal '*weekend breaks*' u anki bħala '*day trippers*'u li anki dawn qegħdin jikkostitwixxu parti sew minn dak li jissejjaħ "Turiżmu Intern." Iżda din id-darba magħmul mill-viżitaturi/ turisti Għawdxin, li dawn ta' l-aħħar jissejħu hekk għax il-



viżita tagħhom f'Malta tilħaq ir-rekwiżiti ta' x'jikkwalifika turist u ċioe' li jqatta btala bl-irqad ta' lejl jew tnejn fid-destinazzjoni li jagħżel, f'dan il-każ f'Malta.

**Għalhekk wieħed jistenna li l-Kumpanija *Gozo Channel* tibda tissuplixxi statistika dettaljata u b'hekk tibda taqdi bżonn urġenti li permezz tiegħu tingħata stampa ċara u korretta tal-mobilità u tal-moviment li jinqabdu f'ritratt li jista' jinġibed biss minn fuq l-istess bastimenti li jikkostitwixxu l-flotta tagħha. Ma ninsewx li Għawdex għandu dritt, u ħaddieħor għandu l-obbligu jara li tiġi ippublikata perjodikament statistika uffiċjali fuq Għawdex peress li l-gżira hija kkunsidrata skond l-adezjoni ta' Malta fil-UE bħala reġjun fil-livell ta' NUTS 3 li tagħmilha mandatorja li lis-statistika uffiċjali għandna toħroġ b'mod separat bejn Għawdex u Malta. Imma anki kieku ma kienx hekk, xorta waħda statistika speċifika fuq Għawdex (u Kemmuna) hija essenzjali,anzi indispensabbli jekk verament wieħed irid b'mod konkret u tanġibbli jibni l-ekonomija Għawdxija. L-Uffiċċju li jieħu ħsieb l-istatistika nazzjonali għandu responsabilità tiegħu u fuqu f'dan ir-rigward!**

Sadanittant nieħu l-okkażjoni biex nsellem lill-ħaddiema kollha u mexxejja tagħhom li fl-imgħoddi kif ukoll illum taw servizz fuq il-linja tal-baħar bejn il-gżejjer; u filwaqt li nifirħilhom li rnexxilhom jibnu pont permezz tal-vjaġġi li jipprovdu, nawguralhom ġejjieni li jkompli jagħtihom sodisfazzjon fil-mestjier tagħhom.

*anton.tabone@onvol.net*

Sizzlers
A La Carte • Take Away
Fortunato Mizzi Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 21 566 599
Mob: 99 90 90 90
99 85 41 76

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

GP gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

Servizz Speċjali Sena Pawlina - 8

# MALTA SALVAT LIL PAWLU... PAWLU JSALVA LIL MALTA

*"Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta" (Atti 28:1)*



kitba ta' FR. CHARLES BUTTIGIEG

### *Mill-Palestina għal Ruma*

**Żgur li waħda mill-isbaħ paġni li nsibu fl-Iskrittura Mqaddsa għalina l-Maltin u l-Għawdxin, huma l-kapitli 27 u 28 ta' l-Atti ta' l-Appostli fejn naraw ir-rakkont tal-vjaġġ ta' San Pawl lejn Ruma sabiex jappella għand Ċesari. Hawnhekk l-awtur sagru San Luqa, preżenti huwa nnifsu ma' San Pawl, idaħħalna f'din l-esperjenza ta' dan il-vjaġġ, liema vjaġġ isib il-kenn tiegħu fin-nawfraġju hawn f'Malta. Esperjenza li ddaħħal il-qarrej fil-vjaġġ ta' din in-navigazzjoni, imma fuq kollox lilna bħala Maltin meta jsemmi l-isem ta' 'Malta' fl-Atti 28:1.** Hekk jiktbilna l-biblista J.S. Howson fit-Tieni Volum tad-Dizzjunarju Bibbliku li kien ippubblikat ġewwa Londra fl-1863 f'pagna 315: *"Malta has an illustrious place in Scripture, as the scene of the shipwreck of St. Paul which is described in such a minute detail in the Acts of the Apostles."*

### *Ir-Raba' Vjaġġ Missjunarju*

Ma nkunux qegħdin niżbaljaw jekk mat-tliet vjaġġi missjunarji ta' San Pawl li huwa għamel qabel is-sena 58 W.K., inżidu dan il-vjaġġ li għamel Pawlu mill-Palestina għal Ruma bħala priġunier, imma li l-Providenza ta' Alla riedet ukoll li dan il-vjaġġ jieħu xejra missjunarja meta wara n-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, nilmħu l-predikazzjoni tiegħu fit-tliet xhur li huwa għamel fil-gżejjer tagħna. Dan il-vjaġġ bil-baħar huwa rrakkontat b'mod dettaljat ħafna mill-għaref San Luqa, awtur tat-tielet Evanġelju ukoll. Fiż-żewġ kapitli msemmija, jiġifieri dawk 27 u 28 ta' l-Atti, insibu xejn inqas minn 18-il kelma griega marbuta man-navigazzjoni fosthom: *anago, pleo, ekpipto, periaireo, nautes, paralegomai, hypopleo, chalasantes* u *skeuos*. Il-valur ta' dan ir-rakkont juri l-qofol tiegħu ukoll għaliex wieħed mill-protagonisti huwa l-awtur nnifsu. San Luqa għalhekk, mnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu, f'dan ir-rakkont jilbes il-libsa ta' ġurnalista per eċċellenza. Infatti dawn il-kapitli jagħmlu parti mill-'*we sections/narratives*' jew is-'sezzjonijiet – aħna', li jirriflettu x-xhieda awtentika okulari ta' Luqa, li dejjem jikteb b'mod eżatt u bi kliem tassew meqjus, fil-plural "aħna".

Il-vjaġġ lejn Ruma kellu jieħu lil San Pawl sabiex huwa jappella għand Ċesari wara li kien arrestat u miżmum għal sentejn fil-ħabs ta' Ċesarija Marittima. Fuq il-ġifen huwa jkun flimkien ma' priġunieri oħra li kienu kollha taħt il-kustodja taċ-ċenturjun Ruman Ġulju li kien jappartjeni għat-truppi Rumani tal-kumpanija ta' Awgustu. Kien hemm Luqa, Trofimu, u Aristarku Maċedoni minn Tessalonika (ara Atti 19:29 u 27:2). Fil-bidu telqu ma' ġifen li kien mill-port ta' Adramitti (*Adramytium*) fil-Misja, fuq il-kosta Eġeja, qrib Troas. Il-ġifen kien sejjer lejn il-portijiet tal-Asja Minuri tal-lum, fejn kien dejjem jgħabbi u jħott il-merkanzija. **In-navigazzjonijiet dejjem kienu jgħaddu qrib il-portijiet u dan għal ħafna raġunijiet, fuq kollox minħabba l-maltemp. Ta' min isemmi hawnhekk li t-temp favorevoli għan-navigazzjoni kien bejn April u Settembru, l-iktar l-iktar sa Ottubru. Fix-xitwa, minn Novembru sal-bidu ta' Marzu, il-baħar kienu jgħidu li kien ikun 'magħluq' għat-tbaħħir.**

Aktarx telqu minn Ċesarija Marittima fil-Palestina. Il-jum ta' wara għaddew minn Sidon (illum Saida, fil-Libanu), fejn f'din l-ewwel tappa, iċ-ċenturjun Ġulju ppermetta lil Pawlu jinżel mill-ġifen u jżur xi ħbieb, li daru bih. Telqu mbagħad minn Sidon u qabdu jbaħħru lejn it-tramuntana, taħt ir-riħ ta' Ċipru, imma billi r-riħ ma kienx favorevoli għaddew minn wara Ċipru u qasmu l-baħar taċ-Ċiliċja u Pamfilja, u wara ħmistax-il ġurnata waslu fil-port ta' Mira fil-Liċja, fin-nofs in-nhar ta' l-Asja Minuri (illum Andraki, fejn San Nikola kien Isqof fir-4 seklu W.K.). Hawnhekk niżlu minn dan il-ġifen li kien sejjer lejn Adramitti u telgħu fuq ġifen ieħor li kien ġej minn Lixandra probabilment b'tagħbija qamħ għall-Italja. Din kienet is-sistema tan-navigazzjoni fil-vjaġġi twal bil-baħar, fejn kienu jibdlu l-ġifen u jitilgħu fuq ieħor, dejjem fuq dak li kien se jwassalhom l-iktar qrib tal-post tad-destinazzjoni.

Huma baqgħu jivvjaġġaw għal diversi jiem u dan għaliex forsi ma kellhomx ir-riħ favorihom, għax suppost f'ġurnata waħda kellhom jaslu fi Knido, peninsula ta' Karia, bejn Kos u Rodi. Minħabba li dejjem kellhom riħ ma tantx favorevoli, huma salpaw lejn nofs in-nhar lejn il-gżira ta' Kreta, lejn in-




*Mappa bil-kortesija tal-Għaqda Biblika Maltija*

naħa ta' Salmone f'ilvant tal-gżira (illum *Capo Sideros*) u għaddew 'l isfel lejn *Buona Porti* jew Portijiet is-Sbieħ (illum *Kali Limenes*) fejn kien hemm il-belt ta' Lasaja.

## *Tempesta Qalila*

Billi kienet għaddiet il-festa tal-Espjazzjoni jew Jum il-Maħfra, li tiġi bejn Settembru u Ottubru, dan il-vjaġġ lejn Ruma beda jsir perikoluż ħafna. Pawlu saħaq li jibqgħu għall-kenn fi Kreta minħabba l-qilla tat-temp xitwi u għaliex il-vjaġġ kien ta' periklu kbir, kemm għalihom kif ukoll għat-tagħbija tal-qamħ li kien qed iġorr fuqu l-ġifen lejn Ruma: **"Irġiel, nara li s-safra se tkun b'periklu u ħsara kbira, mhux biss tat-tagħbija u tal-ġifen, imma ta' ħajjitna ukoll."** (Atti 27:10).

Iżda Pawlu hawnhekk ma ngħatax widen għaliex iċ-ċenturjun, il-kaptan u sid il-ġifen ħadu r-riskju li jsalpaw il-bastiment lejn il-port iktar kenni ta' Feniks (illum *Phineka*) fi Kreta stess. Irridu niftakru hawnhekk, li l-qamħ mill-Eġittu kien ta' utilità kbira għal belt bħal Ruma li kienet nieqsa ħafna minn dan l-element mill-iktar essenzjali għall-ikel. Żgur mela li l-konsenja tat-tagħbija tal-qamħ kellha fattur importanti hawnhekk. Tant hu minnu dan, li dawk il-baħħara li kienu jbaħħru fix-xitwa bil-qamħ kienu jitħallsu tajjeb ħafna mill-Imperatur ta' Ruma.

Hekk kif bdew isalpaw, beda jonfoħ ir-riħ xlokk li beda jmexxihom ġol-majjistral kif xtaqu, u għalhekk baqgħu qrib il-kenn ta' Kreta. **Però qam riħ qawwi ta' forza tremenda (bil-grieg: *tuphonikos*) mill-grigal (bil-malti: riħ mill-Greċja; bil-grieg, fil-manuskritti l-iktar awtentiċi: *eurakulon*; bil-latin: *euraquilo*) u kellhom iħallu l-ġifen imur mar-riħ li beda ibegħidhom dejjem iżjed minn Kreta: "Iżda wara ftit ġie min-naħa tal-gżira riħ tar-rwiefen, jgħidulu Grigal" (Atti 27:14).**

L-identifikazzjoni ta' dan ir-riħ hija mportanti ħafna u għalhekk kien impossibbli għall-ġifen li jmur fil-port kenni ta' Feniks, għax ir-riħ kien qed jimbotta l-ġifen fid-direzzjoni opposta, jiġifieri 'l isfel u 'l bogħod minn Kreta u mhux lejn Kreta; infatti għaddew taħt ir-riħ tal-gżejra ta' Kawda. Dan ir-riħ mela, kien qiegħed jimbotta l-ġifen lejn it-Tuniżija jew il-Libja u għalhekk ukoll lejn il-gżejjer Maltin u żgur mhux lejn il-Greċja jew lejn id-Dalmazja jew lejn l-Italja. Fil-fatt kellhom biża' kbir li jaħbtu fuq is-Sirti (bil-grieg: *surtis*), dik il-medda ta' bajja ramlija fil-golf ta' Sidra, li titfgħek fuq id-deżert niexef, ta' sħana tremenda u ta' mewt żgura fuq il-kosta ramlija tal-Libja, fejn il-kundizzjonijiet għall-għixien huma mpossibbli. Biża' li tant jiżdied meta f'xi żoni ta' din il-kosta, minħabba li r-ramel ikun tant maħlul minħabba l-ilma tal-baħar, li l-bniedem meta jsib ruħu fih ma jkunx jista' jimxi għax jibda jegħreq fih. Għalhekk dawn kienu xtut li kienu jnisslu biża' kbir fost il-baħħara kollha.

## *In-Nawfraġju f'Malta*

L-għada ta' din it-tempesta li qamet, bdew jarmu t-tgħabbija fil-baħar u dan ifisser li l-ġifen kien qed jimtela bl-ilma tal-ħallel tal-baħar. Fit-tielet jum bdew jarmu ukoll parti mit-tagħmir tal-ġifen bħall-ħbula u mqadef biex dejjem inaqqsu mill-piż tal-bastiment. Għal diversi ġranet ma dehritx ix-xemx u lanqas il-kwiekeb bil-lejl, u għalhekk kienu mingħajr ebda direzzjoni kemm għal matul il-jum u kemm għal matul il-lejl. Wara li għal diversi ġranet ma kielu xejn, Pawlu jqum u jgħidilhom li kien aħjar li kieku semgħu minnu u baqgħu fi Kreta. Huma kienu raw tassew il-mewt diversi drabi f'din it-tempesta li kienet dejjem



*Pittura ta' l-artal ta' San Pawl fil-Knisja Arċipretali tal-Qala, xogħol ta' ĠANNI VELLA: "Il-Wasla f'Malta" - "Jeħtieġ li naħbtu ma' gżira" (Atti 27, 26-40). Speċjali f'din il-pittura hija d-dehra tal-gżejjer Maltin qabel tidħol San Pawl il-Baħar, kif jidhru mill-grigal fl-isfond ta' fuq - Għawdex, Kemmuna u Malta.*

tiħrax: **"u ma kien baqagħalna l-ebda tama li neħilsu"** (Atti 27:20). Iżda Pawlu iqawwilhom qalbhom u jgħidilhom li kienu se jsalvaw kollha, waqt li l-ġifen biss kellu jintilef, għax kellu dehra mill-anġlu tal-Mulej li kien 'jeħtieġ' (bil-grieg: *dei*) jaħbtu ma' gżira (ara Atti 27:26). Meta wasal l-erbatax-il lejl sa minn meta kienu mitlufin fil-baħar tal-Adrija, (il-baħar ta' bejn il-Greċja, Sqallija u l-Afrika, illum il-baħar Jonju u l-Mediterran ċentrali, u mhux l-Adrijatiku tal-lum bejn l-Italja u l-ex-Jugoslavja), għal nofs il-lejl il-baħħara kellhom l-impressjoni li kienu qrib l-art. Tefgħu l-ankri u sabu għoxrin qama u ftit wara ħmistax-il qama. Il-qies u l-fond tal-qama tal-baħar hija metru u 85cm. Dawn l-indikazzjonijiet kienu qegħdin juri li kienu resqin lejn xi blat jew lejn l-art. Billi kien bil-lejl tefgħu erba' ankri mill-poppa sabiex jistennew biex jaraw fejn kienu qegħdin x'ħin jisbaħ.

**Issa meta naraw li d-distanza minn fejn telqu minn Kreta għal Malta hija ta' 960 km, wieħed jista' jikkalkula li f'dik il-konfużjoni ta' riħ u maltemp u l-ġifen mitluq għal riħu, kienu mexjin madwar 3 km fis-siegħa u għalhekk iż-żmien ta' erbatax-il ġurnata jqarreb lejn id-destinazzjoni ta' Malta.** Waqt li kienu qegħdin jistennew li jisbaħ Pawlu kompla jagħmlilhom il-qalb u ħajjarhom biex jieklu xi ħaġa. Għalhekk: "qabad il-ħobż, radd il-ħajr lil Alla (bil-grieg: *eucharistesen*, l-istess kelma għall-Ewkaristija) quddiem kulħadd, kisru u beda jiekol" (Atti 27:35).

**Iżda x'ħin sebaħ lemħu bajja li kellha xatt fiha, imma sakemm waslu, inkaljaw fuq sikka bejn żewġ ibħra** (bil-grieg: *topos dithalassos*) **billi kienet qed tifred il-baħar (ara Atti 27:41).** Billi l-ġifen beda jitkisser l-għassiesa tal-ħabsin riedu joqtlu lill-priġunieri kollha. Iżda ċ-ċenturjun ma riedx dan għax ried isalva lil Pawlu, alavolja suldat jew għassies jekk jaħrablu priġunier kien jeħel huwa nnifsu l-piena li kien ħaqqu l-priġunier tiegħu. Għalhekk huwa ta' l-ordni biex il-priġunieri jinħelsu u jitħallew jersqu l-art bil-għum jew jaqbdu ma' xi biċċa għuda tal-ġifen: **"U hekk kulħadd wasal l-art qawwi u sħiħ"** (Atti 27:44). **X'ħin telgħu l-art sabu li l-gżira kien jisimha Malta (li tfisser 'post ta' kenn', bil-grieg '*Melite*') u li n-nies kienu barbari (bil-grieg: *barbaroi*), jiġifieri la kienu jitkellmu bil-grieg u lanqas bil-latin imma b'xi lingwa barranija, lingwa semitika u punika li tqarreb lejn l-aramajk li bih kien jitkellem żgur Pawlu (ara Atti 28:2). In-Nawfraġju seħħ ħdejn il-gżejjer ta' San Pawl, proprju fil-grigal ta' Malta.**

## *Pawlu f'Malta*

San Luqa jirrakkonta b'mod partikulari kif il-Maltin laqgħu lil dawn in-nawfraġi u kif urew ospitalità liema bħalha. Imbagħad naraw il-miraklu li seħħ fuq San Pawl fejn il-velenu tal-lifgħa ma jagħmillu ebda deni u li kien hawnhekk li l-Maltin bdew jgħidu li kien alla. Wara li Publiju, il-kap tal-gżira, laqagħhom kollha għandu għal tliet ijiem fir-residenza tiegħu, **San Pawl dam tlett xhur hawn f'Malta f'ħidma ta' predikazzjoni u ta' fejqan fosthom, il-fejqan ta' missier Publiju (ara Atti 28:8-9).** Dan Publiju kien il-Prokuratur tal-gżira (bil-grieg: *Protos Melitaion* jew bil-latin: *Melitensium Primus Omnium*), għaliex Malta kienet provinċja imperjali u mhux waħda senatorjali bħalma kienet Sqallija, kif kienu jixhdu l-muniti u l-iskrizzjonijiet bil-grieg u bil-latin ta' dak iż-żmien. **Publiju huwa msemmi fil-Martiroloġju Ruman li jgħid li kkonverta għall-kristjaneżmu minn San Pawl u li qabel ma telaq mill-gżira ikkonsagrah isqof.**

Wara li Malta salvat lil Pawlu, issa l-Appostlu tal-Ġnus ried isalvaha billi jagħtiha l-aħbar tas-salvazzjoni tal-Evanġelju ta' Kristu Rxoxt. Wara li għadda ż-żmien tax-xitwa u t-temp sar favorevoli għall-vjaġġ, huma telgħu fuq ġifen tal-qamħ minn Lixandra bix-xbiha ta' Dijoskuri, (li jfisser 'tfal ta' Zeus u Leda', fil-fatt it-tewmin Kastru e Polluci li kienu l-allat protetturi tal-baħħara u marbutin mal-kostellazzjoni ġemelli), **mgħobbi b'dak kollu li kienu jeħtieġu mill-Maltin u telqu lejn Sqallija, lejn Sirakuża mnejn tkompla l-vjaġġ lejn Ruma (ara Atti 28:11-13).**

## *Kontroversja bla bażi*

Matul is-snin inqalgħu xi idejat strambi u żbaljati, li n-nawfraġju ta' San Pawl f'dan il-vjaġġ lejn Ruma ma seħħx f'Malta imma fuq xi gżira oħra; jew fuq il-gżira fil-baħar Adrijatiku bl-isem ta' *Mljet* jew *Meleda* fid-Dalmazja, eżattament fil-Kroazja tal-lum qrib Dubrovnik, bi dritt Pescara fin-naħa l-oħra ta' l-Italja, jew inkella fil-gżira ta' Ċefalonja fil-Greċja. *Mytilene* qrib Troas u Militos (*Miletus*), it-tnejn fil-punent tat-Turkija, għalkemm


Ħarsa lejn il-Grigal

ssemmew xi darba, qatt ma kienu fil-qalba tal-kontroversja.

**Bħalma qegħdin naraw, dawk li ma jaqblux man-nawfraġju f'Malta lanqas ma jaqblu bejniethom, għaliex xi uħud isostnu li n-nawfraġju seħħ fi Mljet fid-Dalmazja u xi uħud fosthom xi griegi ortodossi f'Ċefalonja. Din il-kontroversja bla bażi kellha l-bidu tagħha fis-seklu 10 W.K., mill-Imperatur Bizantin Kostantinu VII** *Prophyrogenitus* fix-xogħol tiegħu '*De Administrando Imperio*'. Din l-ideja kienet ukoll sostnuta mill-Isqof ta' Dulcigno fl'ex-Jugoslavja Martino Segono u mill-Benedittin Don Ignazio Giorgi minn Ragusa fl-1730. Anke O.F.A. Meinardus fl-1834, mexa fuq l-Imperatur Biżantin Kostantinu. Riċentament tfaċċaw il-Ġermaniżi H. Warnecke tal-Università ta' Bremen fl-1987 u T. Schirrmacher fl-1992 bit-teorija li n-nawfraġju sar f'Ċefalonja (jew Kefallinia) fil-Greċja li tinsab bi dritt il-Kalabrija u għalhekk 'l fuq minn Sqallija. Din Ċefalonja hija ferm iktar muntanjuża minn Malta u għalhekk setgħet tingħaraf mill-ewwel mill-baħħara tal-ġifen ta' Pawlu: *"X'ħin sebaħ, l-art ma għarfuhiex." (Atti 27:39).*

Lil dawn ngħidulhom ukoll, li **San Luqa jgħid li n-nies ta' Malta kienu '*barbaroi*'.** Żgur li f'dawn il-gżejjer qrib il-Greċja, bħal Ċefalonia u Mljet, in-nies tagħhom kienu jitkellmu bil-grieg u ta' nisel Grieg. Mela ma setgħux kienu '*barbaroi*' bħalma kiteb San Luqa. Għandna ukoll l-indikazzjoni tar-riħ, il-Grigal fit-tempesta, u għalhekk **il-ġifen ma seta qatt jinkalja fuq dawn il-gżejjer, għax r-riħ kien ta' direzzjoni opposta. Tant hu minnu dan, li l-baħrin beżgħu li jaħbtu fuq is-Sirti fuq il-kosta tal-Afrika ta' Fuq (illum il-Libja) u mhux mal-kosta tal-Greċja jew tad-Dalmazja.** U kieku n-nawfraġju seħħ f'dawk il-gżejjer, kellu għalfejn il-ġifen ta' Lixandra, tliet xhur wara, jinżel 'l isfel lejn Sqallija, flok mar bi dritt lejn Brindisi,imur lejn Sirakuża u mbagħad jerġa' jitlaq 'l fuq lejn Ruma? U nistgħu nkomplu nsibu iktar argumenti li jwaqqgħu għal kollox dawn l-idejat u teoriji żbaljati marbuta man-nawfraġju f'Malta.

Kienu bosta dawk il-kittieba Maltin u barranin li ċaħdu dawn it-teoriji żbaljati. Infatti dawn it-teoriji żbaljati kienu miċħuda bil-qawwa kollha mill-Konti Antonio Ciantar f'żewġ opri tiegħu fl-1738 u fl-1763, kif ukoll minn F. Agius de Soldanis fl-1758, J. Smith fl-1856, riċentament J. Wehnert, Professur ta' l-Iskrittura fl-Università ta' Tubinga u diversi biblisti u storiċi oħra, kemm Maltin kif ukoll barranin, fosthom Mons. L. Sciberras fl-aħħar ktieb tiegħu, "Pawlu, l-Appostlu tal-Ġnus u Missier il-Maltin".

Dan huwa proprju l-iskop tiegħi f'dan l-istudju, ħalli **nneħħu kull dubju u nwarrbu għal kollox dawn l-idejat żbaljati dwar in-nawfraġju ta' San Pawl fuq gżiritna fil-vjaġġ lejn Ruma.** Dan ser inkompli nagħmlu billi nħarsu lejn l-Iskrittura Mqaddsa, it-Tradizzjoni f'Malta, u lejn il-Maġisteru u t-Tagħlim tal-Knisja, tliet għejjun fundamentali għall-verità sħiħa. Lil dawk li qalgħu dawn il-kontroversji ngħidulhom ukoll, li ma aħniex qegħdin niċħdu l-presenza ta' Pawlu jew it-tradizzjoni ta' Pawlu f'dawk il-gżejjer tagħhom, għaliex żgur San Pawl seta' żar dawk l-inħawi, speċjalment fil-vjaġġi missjunarji **li għamel qabel** is-sena 58 W.K. San Pawl seta' ukoll forsi xi darba waqt dan is-safar sab xi periklu ta' baħar kif jurina biċ-ċar huwa stess f'2 Kor 11:25-26 fejn **jgħid li tliet darbiet huwa ra l-għarqa (din is-silta nkitbet qabel huwa ġie Malta)**: *"...Tliet darbiet rajt il-għarqa; għaddejt lejl u jum f'nofs il-baħar. Għamilt safar bla għadd; sibt ruħi f'perikli ta' xmajjar, perikli mill-ħallelin, perikli min-nies ta' ġensi, perikli mill-pagani, perikli fl-ibliet, perikli fid-deżert, perikli fil-baħar... ".* Il-verità però hija waħda, li **San Pawl fil-vjaġġ tiegħu bħala priġunier lejn Ruma sab il-kenn tiegħu fuq il-gżira tagħna ta' Malta għal tliet xhur u ta' dan għandna provi ċarissimi** kif ser naraw issa.



*C. MANGION, "San Pawl, Missier il-Maltin", kwadru-profil fis-sagristija tal-Knisja Arċipretali tal-Qala; impressjoni fuq Atti 27, 41-44; 28,1-3. Jidher fl-isfond il-ġifen maqsum u mwaħħal "ma' sikka bejn żewġ kurrenti" u x-"xtajta", imsemmija fl-Atti, kif kienu fi żmien San Pawl, fin-naħat ta' San Pawl il-Baħar, faċċata grieg-lvant ta' Malta.*

### *Il-Verità tal-Kelma t'Alla*

**Inutli wieħed joqgħod jargumenta jew joħlom b'xi ideja, mingħajr ma jħares lejn l-għajn tal-verità fl-Iskrittura Mqaddsa.** U għalhekk irridu mmorru għall-manuskritti l-iktar qodma li l-iktar li jersqu qrib lejn it-test oriġinali grieg ta' San Luqa għall-Atti ta' l-Appostli. F'dan l-istudju, li l-biblisti jsejħulu studju ta' kritika testwali, insibu l-kelma griega '*Melite*' fil-kodiċijiet unċjali l-iktar qodma, li huma l-Kodiċi *Vaticanus* tas-sena 300 W.K. (sigla B jew O3) li huwa l-eqdem fost il-kodiċijiet unċjali kollha, *Sinaiticus* tar-4 seklu W.K. (sigla S jew O1), *Alexandrinus* tas-seklu 5 (A jew O2), u *Ephraemi* tal-5 seklu. It-traduzzjoni latina ta' San Ġirolmu, il **Vulgata** iġġib ukoll l-istess isem għal Malta, '*Melita*'. F'dawn il-manuskritti mill-iktar awtentiċi ma nsibux ismijiet oħra li jirreferu għal xi gżira oħra differenti minn Malta. Mela l-Kelma t'Alla tgħid ċar u tond li n-nawfraġju seħħ fil-gżira ta' Malta u mhux fil-gżira ta' Ċefalonja jew dik ta' Mljet.

### *Il-Verità tat-Tradizzjoni*

**Irridu ukoll naraw il-valur awtentiku tat-tradizzjoni qawwija ta' San Pawl f'Malta marbuta man-nawfraġju u mas-soġġorn tiegħu hawn Malta.** Għandna l-ewwel nett il-gżejjer ta' San Pawl, qrib San Pawl il-Baħar, bħala l-post li huwa emmnut fejn seħħ tradizzjonalment in-nawfraġju. Insemmu ukoll il-grotta ta' San Pawl fejn huwa għex matul iż-żmien tiegħu hawn Malta. Hemm ukoll il-katakombi ta' San Pawl. Insemmu ukoll Għajn Rażul, jigifieri l-għajn ta' l-Appostlu fejn San Pawl kien ħareġ l-ilma minn ġol-blat biex jgħammed. Għandna l-post ta' San Pawl Milqi, fejn San Publiju flimkien man-nies laqa' lil San Pawl, fin-naħat ta' Burmarrad fejn għandna l-knisja magħrufa ta' San Pawl Milqi mibnija fl-1629 mill-Granmastru de Wignacourt, fuq fdalijiet fejn Publiju kellu l-villa rumana u fejn qagħdu Pawlu u sħabu għal tlett ijiem. Insibu ukoll il-knisja antika ta' 'San Pawl ta' Barra' fejn kien jippriedka San Pawl, u nsemmu tant postijiet oħra flimkien ma' diversi parroċċi u knejjes f'Malta u Għawdex marbuta ma' San Pawl. Din hija tradizzjoni qawwija u antikissima, li bdiet proprju man-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, kważi elfejn sena ilu.

### *Il-Verità tat-Tagħlim tal-Knisja*

**Il-Missirijiet tal-Knisja flimkien ma' ħafna studjużi ta' l-Iskrittura Mqaddsa matul is-sekli kollha, fil-kummenti bibliċi tagħhom dejjem tkellmu dwar Malta tagħna (*Melite Africana* jew *Sicula Melita*) fuq il-passi ta' l-Atti ta' l-Appostli.** Il-papiet dejjem rrikonoxxew ukoll lil Malta bħala l-post tan-nawfraġju ta' San Pawl fil-vjaġġ tiegħu lejn Ruma. Meta l-Papa Ġwanni Pawlu II fis-sena 2001 għamel vjaġġ fuq il-passi ta' San Pawl, waħda mit-tappi ta' dan il-vjaġġ memorabbli kienet proprju Malta u bbeatifika lil Dun Gorg Preca, Adeodata Pisani u Nazju Falzon. Anke dan l-aħħar meta fl-Udjenza Ġenerali tas-27 ta' Awwissu 2008, il-Papa Benedittu XVI ta bijografija dwar San Pawl, fid-diskors tiegħu semma' lil Malta tagħna.

### *Teoloġija Biblika*

Jixraq li nagħlaq dan l-istudju tiegħi dwar in-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta b'xi riflessjonijiet ta' teoloġija bibblika. L-ewwel nett, ir-radd il-ħajr fuq il-ħobż li jagħmel San Pawl fuq ix-xtut ta' Malta f'Atti 27:20 kien mument ta' kuraġġ, tama kbira u ta' salvazzjoni. Il-ġesti li jwettaq San Pawl f'din l-ikla tat-tama fl-erbatax-il jum, għandhom xebħ kbir mal-ġesti ta' Kristu fil-miraklu tat-tkattir tal-ħobż f'Luqa 9:16, fl-Aħħar Ċena f'Lq 22:19 u fl-episodju tad-dixxipli ta' Emmaws f'24:30, fejn Luqa juża f'dawn is-siltiet **l-istess terminoloġija griega għal dawn il-ġesti ewkaristiċi. Il-mument ta' radd il-ħajr li għamel San Pawl fuq il-ġifen kien mument ta' karattru qawwi ewkaristiku, għaliex l-Ewkaristija hija verament l-ikel tat-tama għas-salvazzjoni tagħna.**

Il-mitejn u sitta u sebgħin persuna fuq il-ġifen, li kienu l-parti l-kbira priġunieri, flimkien mal-baħħara u s-suldati u l-għassiesa, jirrappreżentaw li **s-salvazzjoni hija miftuħa għal kulħadd. L-insara u l-pagani huma fl-istess ġifen**, fejn narawhom jaslu l-art qawwijin u sħaħ, uħud permezz ta' biċċa għuda mill-ġifen. U din hija l-missjoni proprja tal-'ġifen' tal-Knisja ta' Kristu fil-'baħar' tal-ħidma fil-familja tagħha, fil-ħidma ekumenika u fost reliġjonijiet oħra, li tħabbar is-salvazzjoni (bil-grieg: *soteria*) lil kulħadd u tħalli lil kulħadd 'jaqbad u jiggranfa mal-għuda tal-ġifen tagħha'. Għaliex Alla jrid lil kulħadd isalva: **"li jrid li l-bnedmin kollha li jsalvaw u jaslu biex jagħarfu l-verità. Għax wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, Kristu Ġesù, li ta lilu nnifsu bħal mezz tal-fidwa għal kulħadd; u x-xhieda ta' dan ingħatat f'waqtha"** (1 Tim 2:4-6).

Il-lifgħa bil-velenu tagħha meqruda fin-nar turi r-rebħa tal-verità ta' Alla fuq il-ħażen u l-konverżjoni mid-dnub għal ħajja tassew: **"Fejn hi, ja mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja mewt in-niggieża tiegħek? In-niggieża tal-mewt hi d-dnub, u l-qawwa tad-dnub hi l-liġi. Niżżu ħajr lil Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu."** (1 Kor 15:55-57). Nimmaġina li San Pawl meta ħass it-tingiża tal-lifgħa, ġab quddiem għajnejh dan il-kliem li huwa kien kiteb lill-Korintin sabiex jurihom ir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt.

Nagħlaq b'silta mill-poeżija tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila: **"Malta u Pawlu min jifridhom? Ħadd, jixhduh iż-żmenijiet, l-ebda qawwa ma taf tħollu, dak li ntrabat fis-smewwiet."** J'alla ma nħallu xejn jifridna mill-Evanġelju ta' Kristu li ġabilna Pawlu. Ħalli dik il-gżira ta' Malta msemmija fl-Atti ta' l-Appostli, li fis-sena 60 W.K. salvat lil Pawlu u lil sħabu, tkompli tgħożż il-fidi nisranija u t-tagħlim li ġabilha San Pawl, ħalli ssalva ruħha tassew minn kull periklu u minn kull theddid.



*San Pawl Patrun tal-Munxar: Allegorija ta' San Pawl jippreżenta mudell tal-knisja parrokkjali tal-Munxar lil Santa Marija taż-Żebbuġ;parti mill-arzella tal-kappella tat-tramuntana, xogħol ta'Pawlu Camilleri-Cauchi (2005) fil-Katidral ta' Għawdex.*

***Biblijografija***


ACWORTH, A., *"Where was St. Paul shipwrecked?"*, *JTS* 24 (1973) 190.

BRUCE, F.F., *The Book of the Acts*, Grand Rapids (MI) 1981.

BURRIDGE, W., *Seeking the Site of St. Paul's Shipwreck*, Valletta 1952.

COLACRAI, A., *"Malta 'conquistata' da Paolo"*, in *Paulus. International Magazine on Saint Paul*, 1/2 (August 2008) 38-39.

CORNUKE, R., *The Lost Shipwreck of Paul*, Bend (OR) 2003.

DE LORENZI, L., *"Chilometro dopo chilometro..."*, in *Paulus. International magazine on Saint Paul*, 1/2 (August 2008) 33.

FITZGERALD, M., *"The Ship of Saint Paul. Comparative Archaeology"*, *Biblical Archaeologist* 53/1 (1990) 31-39.

GILCHRIST, J.M., "The Historicity of Paul's Shipwreck", *JSNT* 61 (1996) 29-51.

HADJIFOTI, L.I., *Saint Paul. His Life and Work*, Athens 2004.

RICCA, P., *"Cristiani e pagani sulla stessa barca"*, in *Paulus, International Magazine on Saint Paul*, 1/2 (August 2008) 34.

SAYDON, P.P., *"The Site of St. Paul's shipwreck"*, *Melita Theologica* XIV, 58-61.

SCIBERRAS, L., *Pawlu, l-Appostlu tal-Ġnus u Missier il-Maltin*, Lumen Christi Publications, Għawdex 2008.

WARNECKE, H. – SCHIRRMACHER, T., *War Paulus wirklick auf Malta?*, Stuttgart 1992.

VELLA, A.P., *Storja ta' Malta*, I, Valletta 1974.



**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

**7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA**
**TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133**
**e-mail: tokkjpetravel@onvol.net**

**108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA**
**TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536**
**e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net**

**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 6.00pm - 10.00pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



*Siltiet mill-ktieb tal-Kardinal Basil Hume: 'The Mystery of the Incarnation'*

# IT-TIELET MILLENJU

*Il-Kardinal Basil Hume, Arċisqof ta' Westminster, kien kiteb dawn in-noti bi tħejjija għall-Ġublew, għaxar snin ilu, qabel ma miet fis-17 ta' Ġunju 1999. Issa dħalna fid-disa' sena tal-millennju l-ġdid. Ejjew naraw jekk ir-riflessjonijiet tal-Kardinal Basil Hume jistgħux lilna jservuna ta' valutazzjoni. F'hiex aħna?*

## 1 DAK LI QAL SENA QABEL IL-ĠUBLEW

Fuq l-inizjattiva tal-mibki Papa Ġwanni Pawlu II, l-insara ħejjew ruħhom biex iħarsu lejn it-Tielet Millennju bħala

**BIDU SPIRITWALI ĠDID**

Huwa importanti li aħna nidħlu fit-Tielet Millennju bħala **Insara Differenti, Insara Ġodda**



*10 Kundizzjonijiet biex inkunu: Insara Differenti, Insara Ġodda*

1) Indawru spallejna lejn dak li hu żbaljat u ħażin.
2) Induru lejn Alla.
3) Insiru bnedmin tat-talb.
4) Inkunu bnedmin ta' fidi soda u konvinta.
5) Inkunu bnedmin li naqdu lill-oħrajn.
6) Nistinkaw biex ikollna valuri sbieħ u diċenti fis-soċjetà.
7) Nisħqu li hemm liġijiet morali – il-Kmandamenti – u dawn għandhom ikunu mħarsa.
8) Nipprotestaw kontra dak li hu indiċenti u degradanti.
9) Irridu nissieltu favur **id-don tal-ħajja u ta' l-Imħabba.**
10) Inkunu mixgħulin biż-**żelu lejn Kristu u l-Vanġelu tiegħu**.

*Evalwazzjoni :*

*Kemm wettaqt minnhom f'disa' snin?*
*X'nista' nagħmel għas-sena 2009?*

## 2 KRISTU F'ĦAJJITNA

Ikompli l-Kardinal Basil Hume: *Nitlobkom:*

1) li tiltaqgħu ma' **Kristu fil-Vanġelu.**
2) tiftakru li kull kelma fil-Vanġelu hija ndirizzata għalik **personalment.**
3) Tkabbru d-**devozzjoni** tagħkom lejn il-preżenza vera u reali ta' Kristu fis-Sagrament ta' **l-Ewkaristija**.
4) **Niċċelebraw l-Ewkaristija** bl-akbar ġabra, bl-akbar dinjità u bl-akbar qima.
5) **Niffurmaw** *prayer groups*, nitolbu quddiem Ġesù Sagramentat u niċċelebraw il-quddiesa bl-akbar ħeġġa.
6) Kull nisrani jinbidel għall-aħjar biex nibnu soċjetà aħjar.
7) *Din il-biċċa xogħol qed taraha tqila?* **Nemmen li Kristu nnifsu qed isejħilna personalment biex nagħmlu ħwejjeġ kbar għalih u għall-kawża tal-Vanġelu.**
8) Ftakru li kull wieħed minna huwa **msejjaħ.**

## 3 IL-KNISJA U AĦNA

1) Il-Knisja teżisti biex tkun strument ta' għaqda bejn Alla u l-bnedmin.

**Dawl għall-Ħajja** *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# BIDU SPIRITWALI ĠDID



2) **Fil-Knisja hemm post għal kull wieħed u waħda minna.**
3) Il-Knisja hi l-post fejn
   - aħna niġu milqugħa
   - aħna niġu mfejqa
   - aħna niġġeddu.
4) Għamilna x'għamilna, **Alla għadu jħobbna**.
5) Id-dirgħajn ta' Kristu fuq is-salib għadhom miftuħin beraħ biex iħaddanna miegħu lkoll. Qisu li ħadd ma jħossu eskluż mit-tgħanniqa ta' Kristu.
6) Naf li hemm ħafna Kattoliċi mgħammdin li għal xi raġuni jew oħra
   - ma għadhomx jipprattikaw ir-reliġjon
   - u li saħansitra jħossuhom maqtugħin mill-Knisja.
7) **Żewġ Appelli**
   - lil dawk li huma mbegħdin mill-Knisja, ngħidilhom: **Erġgħu ejjew fil-Knisja.**
   - U lill-insara li jiġu l-Knisja, ngħidilhom: **Ilqgħuhom u agħtuhom merħba** lil dawk li jerġgħu lura l-Knisja.
8) **Alla jridkom terġgħu lura għandu mill-ġdid** biex idduqu u tesperjenzaw l-imħabba tiegħu għalikom.

## 4 INKUNU NSARA ĠODDA

**L-impenn tagħna llum** hu li aħna **nduru lejn Kristu għax hu biss jista' jħott il-ħitan**

- li jifirduna minn Alla
- u jifirduna minn xulxin.

Irridu naħdmu flimkien ma' nsara oħra.

B'hekk niżguraw li t-**Tielet Millennju** jkun **bidu spiritwali ġdid għad-dinja kollha.**

Hija xierqa l-kwotazzjoni mid-Dokument "*Tertio Millennio Adveniente*" (nru. 42) tal-Papa Ġwanni Pawlu II:

"Kulħadd għandu jikkonċentra fuq l-iskop ewlieni tal-Ġublew **li nsaħħu l-Fidi u x-Xhieda ta' l-Insara.**

Huwa meħtieġ għalhekk li nnisslu fil-fidili nsara kollha

- **Xewqa Vera għall-Qdusija,**
- **Xewqa ħerqana għall-konverżjoni u t-tiġdid,**

f'atmosfera ta' aktar talb imħeġġeġ u ta' solidarietà mal-proxxmu, speċjalment ma' dawk li huma l-aktar fil-bżonn.

# *IŻ-ŻMIEN HUWA L-ARKITETTURA TAL-ĦAJJA*

*Diskors ta' l-Isqof Mario Grech - Festa Djoċesana ta' Kristu Re -*
*Knisja Parrokkjali, Xewkija - Il-Ħadd, 23 ta' Novembru 2008*

Iż-żmien huwa l-arkitettura tal-ħajja! Il-mod kif nirregolaw il-ħin huwa aspett essenzjali tal-ħajja tagħna individwali, familjari u soċjali. Il-ħajja umana ssarraf daqskemm isarraf iż-żmien; jekk il-mod kif inqassmu ż-żmien jagħmel sens, daqshekk ieħor tagħmel sens ħajjitna. Ara kemm jiswa l-ħin għalik u għas-soċjetà, u għandek kejl biex tagħraf kemm tiswa l-ħajja ta' l-individwu u tas-soċjetà.

Għal sekli sħaħ il-bilanċ bejn il-ħin iddedikat għax-xogħol u l-ħin tal-mistrieħ kien fattur determinanti fl-organizzazzjoni soċjali, ekonomika u etika tas-soċjetà. Imma f'dawn l-aħħar snin rajna bidla fl-*istruttura soċjali taż-żmien*. It-teknoloġija ħarbtet ir-ritmu naturali taż-żmien; għax it-teknologija ma għandhiex ritmu, tista' tibqa' taħdem mingħajr waqfien għax il-magni jistgħu jibqgħu għaddejjin. Imma billi huwa l-bniedem li jħaddem il-magna, anke l-bniedem kellu jibda jirrelata mal-ħin u ż-żmien b'mod differenti.

Il-produttività saret ir-ruħ ta' l-ekonomija. Biex l-ekonomija tikber, ridna nkattru l-produttività, anke jekk dan sewa prezz għoli għax ħarbatna ċ-ċiklu ta' l-alternanza tal-ħin tal-mistrieħ u l-ħin tax-xogħol. Kellna nibdew nużaw il-ħin tal-mistrieħ biex nipproduċu aktar. Illum hawn min huwa konvint li huwa dnub mejjet kontra l-ekonomija jekk il-produzzjoni tieqaf fil-jum tas-Sibt u tal-Ħadd. Fostna hemm min ifittex jieħu vantaġġ biex ikompli bl-attività produttiva tiegħu anke l-Ħadd; hemm ukoll min minħabba s-sistema, ma jistax ma jaħdimx il-Ħadd. Mhux qed nirreferi għal dawk li jaħdmu f'ċerti oqsma, bħalma huma l-qasam tas-saħħa, ta' l-ordni pubbliku u l-*catering*. Lil dawn ħutna nsellmilhom, għax qed jagħtu servizz meħtieġ. Qed nirreferi għal min tant irid ikollu, li jagħżel li jaħdem, iħaddem u jxennaq biex wieħed jaħdem ukoll il-Ħadd.

L-istess kultura konsumista timbuttana biex nużaw il-ħin liberu għax-xogħol, ħalli hekk ikollna aktar flus fil-bwiet u nkunu nistgħu nkattru l-konsum. Il-konsum huwa ħidma produttiva oħra, għax aktar ma s-soċjetà tonfoq, aktar tiġġenera l-ekonomija. Il-konsumiżmu mhuwiex biss infieq bla rażan, imma huwa ideoloġija – sistema ta' ħsieb u mġieba promossa biex ikollna soċjetà ta' konsumi. Fil-loġika tal-konsum, il-bniedem jagħti importanza lill-oġġetti, u dak li ma jibqax jagħtih gratifikazzjoni jarmih biex jakkwista oġġett ieħor. Il-mentalità ta' l-akkwist hija ta' detriment fil-bini tal-personalità ta' l-individwu. Din il-mentalità tiddisponi lill-bniedem biex jibni relazzjonijiet superfiċjali, mhux biss ma' l-oġġetti imma anke mal-persuni, u hekk huwa ssagrifikat dak ir-rapport profondament personali – partikularment bejn l-istess individwi – li għandu jikkaratterizza l-ħajja umana.

Imbagħad anke fost dawk li, għall-grazzja ta' l-argument, għadhom jistennew il-jum tal-Ħadd, hemm attitudni li dan il-jum iqattgħuh bħala pawsa miż-żmien produttiv biex jirkupraw l-enerġija ħalli jkunu jistgħu jaħdmu aktar. L-istess jum tal-Ħadd qed ngħixuh fi klima ta' xogħol u produzzjoni. Allura l-jum tal-Ħadd qed nużawh bħala ngranaġġ ieħor biex indawru r-rota ta' l-ekonomija.

F'soċjetà mibnija fuq ix-xogħol u l-qligħ, il-Ħadd flok ma huwa apprezzat bħala jum ta' festa, fejn il-bniedem jista' jifraħ flimkien ma' oħrajn u jħossu ħieles, beda jitqies bħala żmien moħli u vojt. Il-mistrieħ bdejna nsejħulu evażjoni mill-psewdo-dmir li naħsbu li għandna biex nikkontribwixxu għall-ekonomija tal-pajjiż u ta' l-Ewropa!

Din ir-rikostruzzjoni żbaljata taż-żmien qed tħalli l-vittmi! Xi drabi mhux biss qed titnaqqar il-kwalità tal-ħajja, imma l-istess ħajja qed tiġi ssagrifikata. Addottajna sistema jew qed jimponulna sistema li, għalkemm qed tipproduċi l-oġġetti, qegħda wkoll tkisser il-bniedem! Jekk effett tas-sistema l-qligħ żdied, imma ċ-ċiviltà qed tħallas prezz għoli. Għandna persuni psikoloġikament għajjenin u dgħajfin, tant li għalihom il-ħajja ġiet ħafna ridimensjonata. Imbagħad għandna miżżewġin u familji li ma jifilħux iġorru dan il-piż kollu u qed jitfarrku. Huwa fatt li l-indikazzjonijiet li qed nagħtu biex naqraw kollox mil-lenti ta' l-ekonomija, qed jibagħtu messaġġi li jikkontrastaw mal-ħajja taż-żwieġ u l-familja. Huwa l-każ meta l-miżżewġin, speċjalment dawk li qed irabbu, jingħataw inċentivi biex jinvestu l-enerġija u l-ħin tagħhom fil-magna tal-produzzjoni nazzjonali.

Il-familja, speċjalment fejn hemm l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, issib diffikultà biex tgħaddi waqtiet sereni ma' xulxin. Minħabba ċ-ċirkostanzi li qed insemmu, min jista', juża l-Ħadd bħala "żmien tiegħu" aktar milli spazju personali u soċjali.

Ħmistax ilu l-COMECE [il-Kummissjoni tal-Konferenzi ta' l-Isqfijiet ta' l-Unjoni Ewropea] ġibdet l-attenzjoni għal dak li qalu xi membri parlamentari Ewropej dwar l-isfreġju li qed nagħmlu mill-jum tal-Ħadd: "Kumpaniji li jdaħħlu l-ħaddiema għax-xogħol fil-jum tal-Ħadd jirrapportaw aktar każijiet ta' mard u assentiżmu minn kumpaniji li ma jħaddmux il-Ħadd. Is-saħħa tal-ħaddiema tiddependi, fost ħwejjeġ oħra, fuq l-opportunitajiet li jingħatawlhom li jirrikonċiljaw ix-xogħol mal-ħajja tal-familja, li jwaqqfu u jsostnu kuntatti soċjali u billi jkunu jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet spiritwali tagħhom. Il-jum tal-Ħadd, li tradizzjonalment huwa meqjus bħala l-jum ta' mistrieħ matul il-ġimgħa, jgħin biex jintlaħqu dawn l-għanijiet aktar milli kieku l-jum tal-mistrieħ jingħata f'xi ġurnata oħra tal-ġimgħa." Billi fis-16 ta' Diċembru li ġej il-Parlament Ewropew għandu jieħu vot dwar il-jum tal-Ħadd, il-Knisja permezz tal-COMECE tħeġġeġ lill-membri parlamentari Ewropej biex jagħtu sehemhom ħalli din l-istituzzjoni tagħmel għażla li tħares il-jum tal-Ħadd, ikkunsidrat minn ħafna bħala "ġebla tax-xewka" fil-Mudell Soċjali Ewropew.

F'dan ix-xenarju, fejn il-kriżi tal-jum tal-Ħadd saret il-kriżi tal-bniedem, il-poplu t'Alla għandu kontribut x'joffri lis-soċjetà: il-Ħadd għalina huwa jum ta' festa għax huwa Jum il-Mulej. Sa mill-bidu, l-insara "fl-ewwel jum tal-ġimgħa kienu jinġabru biex jaqsmu l-ħobż flimkien" (Atti 20,7). Kienu jiltaqgħu l-Ħadd għax kien fil-jum ta' wara s-Sibt li Ġesù

Kristu qam mill-mewt; kien f'dak l-istess jum li, wara li rxoxta, ġie jiltaqa' ma' l-appostli li kienu mbeżża' u dgħajfin fil-fidi (ara Lq 24; Ġw 20); kien fil-jum tal-Ħadd li bagħat fuqhom l-Ispirtu s-Santu u hekk tahom garanzija li jibqa' magħhom sal-aħħar taż-żmien. Ma kinitx il-Knisja li għażlet "Jum il-Mulej" (Apok 1,10), imma kien Hu, l-Mulej stess li wera biċ-ċar li ried li l-ewwel jum tal-ġimgħa jkun tiegħu u għalih! Kif jgħid is-Salmista: "Dan hu l-jum li għamel il-Mulej, ejjew nifirħu fih" (Salm 118,24). Dan huwa l-jum li fih Ġesù ltaqa' mad-dixxipli ta' Għemmaws.

L-esperjenza ta' Kristu rebbieħ fuq il-mewt issir waqt il-quddiesa. Proprju għalhekk għalina l-Kattoliċi m'hemmx Ħadd mingħajr quddiesa. Is-sehem tagħna fl-Ewkaristija mhux biss osservanza ta' preċett, imma huwa marbut ma' l-identità li rridu nħarsu u nixhdu għaliha. Għalina l-jum tal-Ħadd jieħu tifsira biss mill-parteċipazzjoni tagħna fil-quddiesa. L-isfida li toffri l-Ewkaristija, li hija għotja frott l-imħabba u forġa tal-komunjoni, hija l-isfida li għandu quddiemu n-Nisrani u l-Knisja.

Il-fatt li ħafna Nsara ma jieħdux sehem attiv fil-liturġija tal-quddiesa, kif ukoll il-fatt li numru mhux traskurabbli ta' Nsara għażlu li jgħaddu mingħajr il-quddiesa tal-Ħadd ma jawgurax tajjeb la għall-ħajja ekkleżjali u anqas għall-ħajja ċivili. Pastoralment dan għandu jġegħilna nistħarrġu x'għandna nagħmlu biex f'Jum il-Mulej il-komunità tingabar ma' mejda waħda biex taqsam il-Kelma u l-Ħobż, u hekk insiru nafu aktar lil Alla u lilna nfusna.

M'hemmx futur għalina jekk ma nirkuprawx Jum il-Mulej! Fis-sena 304 wK f'Abitene, post fit-Tuniżija, grupp ta' disgħa u erbgħin insara għażlu li jieħdu l-mewt flok ma jħallu l-quddiesa tal-Ħadd. Il-Prokonslu staqsa lill-presbiteru Saturnino għaliex ma kinux obdew l-amar ta' l-Imperatur, li ipprojbilhom jiċċelebraw Jum il-Mulej. Dan wieġbu: "Għaliex ma nistgħux nittraskuraw il-quddiesa tal-Ħadd". Il-Prokonslu dar fuq Emeritu, raġel tal-familja, u staqsih għaliex kien laqa' fid-dar tiegħu lill-Insara biex jiċċelebraw il-quddiesa tal-Ħadd. It-tweġiba ta' Emeritu kienet radikali: "Ma stajtx ma nilqagħhomx, għax aħna l-Insara ma nistgħux ngħaddu mingħajr l-Ewkaristija tal-Ħadd". U min kiteb l-Atti ta' dan il-martirju jżid nota: huwa jum il-Ħadd li jagħmel bniedem Nisrani, u huwa n-Nisrani li jagħmel il-jum tal-Ħadd għax il-wieħed ma jeżistix mingħajr l-ieħor. Meta hemm Nisrani, ifisser li hemm komunità li tiċċelebra l-Mulej; u meta tisma li hemm assemblea miġbura, jfisser li hemm ukoll l-Insara".

Illum ma għandniex l-imperatur li jipprojbixxi li niltaqgħu għall-Ewkaristija tal-Ħadd; imma għandna sistema materjalista u konsumista li, jekk inħalluha, tkompli tiddettalna biex il-Ħadd ma nitilfux ħin fil-quddiesa!

Huwa fatt li m'hemmx jum il-bniedem (*dies hominis*) jekk m'hemmx Jum il-Mulej (*dies Domini*).

---

# ĠURNALIST PROVOKATUR TAL-ĦSIEB

*Messaġġ ta' Mons Isqof Mario Grech waqt quddiesa għall-ġurnalisti fl-Istitut Kattoliku,Floriana*
*27 ta'Jannar 2009*

Għalkemm hemm min jippreferi jiddeskrivi l-epoka li qed ngħixu fiha bħala "żmien ta' kriżi, nippreferi li nsejħilha bħala "epoka li għaddejja mill-uġiegħ tal-ħlas". Għax għalkemm ma nistgħux ma nirrikonoxxux id-diversi forom ta' tbatija u kontradizzjonijiet li l-bniedem u s-soċjetà qed iġarrbu llum, wieħed jittama li dawn huma l-esperjenzi li jwasslu għal tnissil ta' ġenerazzjoni ġdida li jkollha kwalità ta' ħajja aħjar.

Quddiem il-problema ta' l-infertilità, hemm koppji li huma ħerqana li jilqgħu l-ħajja; fost dawk li sfortunatament kellhom falliment ta' ħajja miżżewġa, hemm min għadu jemmen fiż-żwieġ, tant li jixtieq li jesplora jekk jistax ikollu possibbiltà li jerġa' jiżżewweġ; għalkemm illum is-sosteniment u l-manteniment tal-familja saru piż mhux żgħir, għandna ħafna li b'sagrifiċċju personali jaraw kif jistgħu jaqilgħu xi ħaġa aktar biex idawru r-rota; affrontati b'diffikultajiet soċjali, qed nassistu għal staġun ġdid fid-dinja tat-tredjunjoniżmu! Dawn l-eżempji u istanzi oħrajn mill-ħajja familjari u soċjali ta' ġensna jixhdu li l-poplu tagħna għandu *"voglia di vivere"*, u bl-ebda mod ma jidher li b'xi mod ser inċedu għat-tentazzjoni li naqtgħu qalbna u ma nissiltux biex ngħixu ħajjitna fil-milja tagħha!

Quddiem din ir-realtà umana, dawk kollha li b'mod jew ieħor għandhom xi responsabbiltà fis-soċjetà, għandhom iħossuhom kontinwament interpellati dwar x'qed jagħmlu biex "din l-epoka li għaddejja mill-uġiegħ tal-ħlas" ma twellidx tarbija mejta, imma twelled ġenerazzjoni li tkun kapaċi tgħix il-ħajja fil-milja tagħha.

F'dan il-kuntest, meta llum, festa ta' San Franġisk de Sales, qed niċċelebra din l-Ewkaristija magħkom li intom impenjati fil-qasam wiesa' tal-midja, nixtieq nistedinkom tirriflettu dwar il-ħidma tagħkom bħala "edukaturi" tas-soċjetà: għax b'dak li l-ġurnalist jgħid (jew ma jgħidx!), jikteb (jew ma jiktibx), jikkomunika (jew jagħżel li ma jikkomunikax) bil-gazzetti, televiżjoni, radju, internet, eċċ, hu jkun qed mhux biss jgħarraf lil ħaddieħor, imma wkoll isawwar il-moħħ u l-qalb ta' dawk li jirċievu l-messaġġ tiegħu. Tkun ħasra meta fuq naħa naraw li n-nazzjon tagħna qed jagħmel sforz biex itejjeb is-sistema edukattiva tiegħu, mbagħad is-sistema medjatika tagħna ma tagħrafx tinqeda b'potenzjal formattiv bħalma huma l-mezzi tal-komunikazzjoni, biex ilkoll nikkontribwixxu biex possibbilment il-bniedem ikun jista' jissodisfa x-xewqa inerenti tiegħu li jgħix ħajtu b'mod sħiħ.

Kif jikteb il-filosofu J. Maritain: *"La cosa più importante nell'educazione non è un 'affare' di educazione, e ancora meno di insegnamento*". Huwa jkompli jispjega li "l-esperjenza, li hija frott inkomunikabbli tat-tbatija u tal-memorja, u li permezz tagħha huwa ffurmat il-bniedem, ma tista' tiġi mgħallma fl-ebda skola u fl-ebda kors".

L-esperjenza integrali tal-ħajja hija għalliema għax tiggarantixxi l-iżvilupp tad-dimensjonijiet kollha tal-bniedem. Biex jagħmel din l-esperjenza integrali, l-bniedem jeħtieġ li jiġi f'kuntatt mar-realtà sħiħa. Għalhekk l-edukatur ma jistax jippreżenta parti mir-realtà jew jimmanipulaha, għax

altrimenti jkun qed ifixkel dan il-proċess edukattiv.

Il-ħidma ta' l-edukatur (fil-każ tagħna tal-ġurnalista) hija li jiddokumenta r-realtà f'mod konkret u personali biex min jaqraha, jaraha jew jismagħha, jkun jista' jagħmel "esperjenza" ta' dik ir-realtà skont il-kapaċità tiegħu.

Għaldaqstant, min jikkomunika r-realtà għandu jipprovoka lill-interlokutur tiegħu biex bil-libertà jagħżel li jidħol f'relazzjoni ma' dawk il-persuni, fatti, ċirkostanzi proposti mill-midja.

Dan il-proċess edukattiv tal-midja jista' jqanqal tensjoni: tensjoni fil-ġurnalist għax irid jagħmel ħiltu biex jippreżenta r-realtà fl-oġġettività tagħha. F'dan il-każ il-ġurnalist mhuwiex dejjem ħieles minn pressjonijiet ta' natura kummerċjali, partitika, ideoloġika. Fuq in naħa l-oħra, anke min jirċievi l-aħbar jgħaddi minn tensjoni: għax b'mod ħieles huwa għandu jagħti tifsira lil dak il-fatt dokumentat, u hekk kull darba jkompli jaħżen il-verità u jsir aktar ħieles! Jekk il-fatti jaslu kontaminati, allura jiġi mfixkel – xi drabi serjament – il-proċess tal-bniedem biex jikber fil-verità u jkun ħieles tassew.

Għaliex l-edukazzjoni hija ftuħ għall-verità! Li l-bniedem huwa maħluq għall-verità mhix biss assjoma tat-twemmin Kristjan, imma tar-reliġjonijiet l-oħra. Għaliex il-kuntatt mar-realtà tal-ħajja għandu jwassal lill-bniedem biex ibexxaq it-tieqa fuq il-"misteru". Għalina l-Insara, il-wiċċ ta' dan il-Misteru huwa Alla l-Missier li wera lilu nnifsu lilna fi Kristu Ġesù.

Huwa għalhekk li l-argument dwar il-libertà reliġjuża mhux biss huwa aspett partikulari ta' l-edukazzjoni għal-libertà, imma huwa l-qofol ta' dan il-proċess li jwassal għal ħelsien sħiħ.

Naf li fil-kultura tagħna hemm min ma jaqbilx ma' din il-konvinzjoni. Hemm min itenni li ma jistax ikun hemm libertà umana vera jekk nammettu li hemm fundament veritattiv – li l-verità għandha fundament! Biex nikkwota lil filosofu kontemporanju Taljan, Gianni Vattimo, dan jgħid: "Jekk l-affarijiet għandhom in-natura tagħhom, allura hemm dejjem xi awtorità li taf aktar minni u li tista' timponili kontra r-rieda tiegħi. Allura aħna ninsistu fuq l-oġġettività u d-"*datità*" (il-fatti fihom infushom) tal-veru sempliċement biex nagħtu garanzija li xi ħadd ikollu l-awtorità fuqna!".

Però dan ma huwa paradoss xejn, għax il-premessi mhumiex korretti. L-ewwelnett il-"verità" mhix biss dik razzjonali, għax altrimenti l-bniedem jagħmel lilu nnifsu Alla: hemm verità li għalkemm mhix kontra r-raġuni umana, ma nistgħux naslu għaliha bir-raġuni biss: *"Si comprehendis, non est Deus"* (Santu Wistin).

Barra minn dan, li l-bniedem huwa ħieles ma jfissirx li fil-kuxjenza tiegħu huwa jista' jkun kreattiv u joħloq huwa stess dak li huwa "tajjeb" u "ħażin". L-eżerċizzju tal-libertà l-bniedem jagħmlu quddiem il-proposta tal-verità: huwa jista' jilqagħha jew jirrifjutaha. Infatti, l-Konċilju Vatikan II, li kien imniedi 50 sena ilu bħal nhar il-Ħadd li għadda, jgħallem li "fil-ħwejjeġ reliġjużi ħadd m'għandu jkun imġiegħel li jmur kontra l-kuxjenza tiegħu jew li jkun imfixkel milli fil-limiti tal-ġust jimxi skont il-kuxjenza tiegħu fil-ħajja privata jew pubblika." (*Dignitatis Humanae, 2)*

Xi drabi Alla jiġi deliberament eskluż mill-midja jekk mhux ukoll kumbattut, bl-argument li l-midja hija lajka. Jekk b'lajċità nifhmu "esklużjoni tar-reliġjon", dan illum huwa kunċett antik u superat. Filosofi bħal Habermas u Bockenforde illum jirrikonoxxu li lajċità sana toħloq spazju fis-soċjetà kemm għal-lajċi kif ukoll għal min għandu twemmin reliġjuż.

Is-soċjetà għandha bżonn ta' ġurnalisti li ma jkunux biss operaturi medjatiċi, imma fuq kollox "ħassieba" provokaturi tal-ħsieb: bir-rapportaġġ tar-realtà, u meta jaraw il-ħtiega akkumpanjat bil-kumment tagħhom distint mill-fatt irrekordjat, huma jedukaw lill-membri tas-soċjetà biex huma wkoll jaħsbu fuq dak li jirċievu, u hekk jiksbu l-verità li tagħmilhom ħielsa.

---

# IL-FAMILJA NISRANIJA ATTRIĊI FIT-TIĠDID TAS-SOĊJETÀ

*Nhar is-Sibt 31 ta' Jannar 2009, l-Isqof t'Għawdex Mario Grech kellem lil għadd sabiħ ta' koppji membri fi ħdan il-Gruppi Familji Nsara (GRUFAN) fil-laqgħa ġenerali tagħhom li saret fis-Seminarju tal-Virtù, ir-Rabat, Malta. Mons Isqof qal:*

It-tiġdid tas-soċjetà jiddependi ħafna mit-tiġdid taż-żwieġ u tal-familja; imma ż-żwieġ u l-familja jiġġeddu jekk il-bniedem jiskopri l-verità kollha tal-proġett t'Alla għalih. Għalhekk, il-familja Nisranija għandha sehem importanti fl-evanġilizzazzjoni l-ġdida li l-Knisja f'pajjiża hemm bżonn li twettaq.

Illum il-familja Maltija għaddejja minn tensjonijiet qawwija: jekk minn naħa hija esposta għall-proċess ta' sekularizzazzjoni, fl-istess waqt hemm għatx għas-sagru; jekk teżisti konfużjoni dwar dawk li huma mudelli ta' ħajja miżżewġa u tal-familja, hemm ukoll xewqa li wieħed isib mudell sod ta' kif jgħix l-esperjenza ta' l-imħabba. Għax jgħożżu l-ħajja, dawk li għandhom problemi ta' infertilità jixtiequ gwida etikament tajba kif jaffrontaw din id-dilemma. Min iż-żwieġ tiegħu falla, jixtieq dawl u għajnuna biex ħajtu ma tibqax vojta. Il-familja li għandha piżijiet finanzjarji, tixtieq issib rimedju biex tevita li minħabba x-xogħol tissagrifika l-kwalità tar-relazzjoni fiż-żwieġ.

Din ir-realtà għandha tiġi "evanġelizzata", fis-sens li fid-dawl ta' l-Evanġelju li "huwa l-qawwa t'Alla għas-salvazzjoni ta' dawk li jemmnu" (Rum 1,16), il-familja ssir forġa ta' valuri u virtujiet, skola ta' umanizzazzjoni u Knisja tad-dar. Il-proposta ta' l-Evanġelju hi urġenti meta wieħed iqis li fis-soċjetà qed jilħqu "duttrini" oħra li jippropagaw għerf miftum

minn Alla jew huma motivati mil-ligi tal-profitti, bħalma huwa n-negozju tal-kontraċettivi.

F'din l-evanġelizzazzjoni l-ġdida, l-familja trid tkun is-suġġett li jxandar l-*evanġelju favur il-ħajja* li hija don t'Alla; l-*evanġelju tal-ġisem uman* li jikxef kemm l-etika sesswali Nisranija fiha messaġġ pożittiv; l-*evanġelju tal-komunjoni* kontra l-kruha ta' l-abbandun u l-iżolament; l-*evanġelju tas-salib glorjuż* li juri l-valur tas-sagrifiċċju fil-ħajja.

Il-familja twettaq din il-missjoni ta' evanġelizzazzjoni billi tiskopri d-diversità ta' ministeri ekkleżjali li hija tista' twettaq f'oqsma partikulari, bħalma huma fl-iskejjel u oqsma edukattivi oħra, ma' l-għarajjes, ma' familji oħra, u ma' koppji irregolari.

---

# *RADJU RTK U S-SENA PAWLINA*

*Messaġġ lis-Semmiegħa*

Kieku San Pawl kien jgħix fostna llum, m'hemmx dubju li kien juża r-radju. Il-fatt li kien jikteb tant ittri lill-komunitajiet insara biex iwasslilhom il-Bxara t-Tajba ta' Ġesu' Kristu, jikkonvinċini li l-Appostlu llum kien juża l-ħila komunikattiva tiegħu biex itella' programmi fuq ir-radju. Imma qabel ma kien jinqeda bir-radju biex 'ixandar', kien jużah biex minnu jikseb tagħrif dwar in-nies ta' żmienu, d-diffikultajiet u l-isfidi tagħhom biex imbagħad ikun jista' jipproponilhom soluzzjonijiet imnebbħa mill-Evanġelju.

Għalina, l-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali huma għodda importanti biex aħna niksbu viżjoni ta' x'ikun għaddej - kemm madwarna kif ukoll lil hinn minn xtutna. Għandu jkollna dan l-interess mhux b'kurżita' jew għax irridu nindaħlu fejn ma għandniex, imma biex aħna stess nithejjew għal sfidi ġodda u fl-istess ħin naraw kif forsi nistgħu nkunu qrib tal-proxxmu u noffrulu għajnuna, partikularment billi ngħinuh jagħraf is-sewwa.

Radju b'ispirazzjoni Kattolika bħalma huwa l-RTK huwa ta' benefiċċju kbir għalina individwalment,għall-Knisja u għas-soċjeta'. L-ewwelnett għaliex bil-programmi varjati li joffri jgħinna nitfgħu l-ħarsa tagħna permezz ta' lenti Kristjana fuq l-istorja li qed tinkiteb illum.B'dan il-mod, RTK jgħinna ninterpretaw il-ġrajjiet ta' żminijietna bi kriterji awtentikament umani u evanġeliċi.

Imbagħad, meta ma nkunux tant sajmin dwar dak li għaddej madwarna, ma nħossuniex inkapaċi li nieħdu sehem fid-djalogu pubbliku li kontinwament għaddej fil-pjazez tagħna. Permezz ta' dan il-kontribut, nippruvaw noffru tweġiba u soluzzjoni li tirrispetta l-bniedem fid-dinjità tiegħu.

Hekk għamel Pawlu! Hekk għamlet il-Knisja. Hekk għandna nagħmlu aħna.

---

Segreterija Pastorali
Kurja tal-Isqof
Rabat
Għawdex

2 ta' Frar 2009

Stqarrija għall-Midja

## Dikjarazzjoni ta' l-Isqof Grech

Kuntrarjament għal dak li f'dawn l-aħħar jiem uħud mill-midja rrapportaw li qal l-Isqof Mario Grech dwar il-persuni omosesswali, b'rispett lejn is-sewwa u lejn l-istess persuni li għandhom dan l-orjentament, l-Isqof Grech jikkomunika li fl-omelija li għaliha saret riferenza, huwa qal biss: "Il-fatt li l-Knisja tagħna ma tibqax waħda tal-massa imma ssir minoranza, ma għandux itaqqal il-qalb. Billi ftit melħ huwa biżżejjed biex jagħti t-togħma, huwa importanti li l-melħ ma jkunx maqtugħ! Min ma jaċċettax it-tagħlim ta' Kristu, ikun koerenti miegħu nnifsu jekk jiskomunika lilu nnifsu mill-Knisja".

F'din l-omelija l-Isqof Grech ma semma ebda kategorija ta' persuni; hu qatt ma semma l-persuni omosesswali, u inqas u inqas li l-omosesswali għandhom jitilqu mill-Knisja.

L-orjentament sesswali fih innifsu qatt ma hu diżordni morali; huwa l-użu ħażin ta' dan l-orjentament li jmur kontra l-ordni morali.

Min jaf x'inhi l-Knisja, jaf li hi qaddisa u fl-istess ħin fi ħtieġa kontinwa ta' purifikazzjoni. Fi ħdanha hemm il-midinbin li, għax jixtiequ jiskopru l-imħabba vera, jiftħu qalbhom għall-Kelma ta' Kristu u kuljum jitolbu l-ħniena ta' Alla.

Għalhekk, min huwa lest li jilqa' l-Bxara t-Tajba, iżomm lil Kristu bħala Feddej tiegħu u huwa miftuħ għall-konverżjoni, u qatt mhuwa eskluż mill-Knisja, anke jekk id-dgħufija tiegħu, tkun xi tkun l-għamla tagħha, tagħmel dan il-proċess twil u diffiċli.

Dan jgħodd ukoll għall-persuni b'orjentament omosesswali. Lilhom ukoll għandna nilqgħuhom b'rispett, imħabba u delikatezza. Huma msejħa biex jagħmlu r-rieda t'Alla f'ħajjithom; jekk huma Nsara, għandhom jgħaqqdu d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom minħabba l-qagħda tagħhom mas-salib glorjuż ta' Kristu.

---

***Nota tad-Direzzjoni:***
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u konservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.

TIFSIR FUQ IT-TAGHLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (71)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(L-GHOXRIN PARTI)*

## IL-KNISJA U DAWK LI HUMA BARRA MINNHA

**Ma humiex membri tal-Knisja, dawk li għadhom ma rċivewx il-Magħmudija, għax mingħajr dan is-sagrament tal-bidu tal-ħajja nisranija, wieħed ma jistax ikun imsieħeb magħha. Iżda mhux l-imgħammdin kollha għandhom sħubija sħiħa magħha.**

Dawk li huma barra mill-merħla ta' Kristu, li hija l-Knisja, huma ta' diversi kategoriji, u r-relazzjonijiet li għandhom mal-Knisja ma humiex ta' l-istess għamla. Ma dawk li ġew mgħammdin u li jemmnu fi Kristu, ovvjament, il-Knisja għandha iktar elementi komuni u rabtiet iktar mill-qrib, milli għandha mal-Lhud. Fil-Knisja Ortodossa, hemm iktar elementi komuni mal-Knisja Kattolika, bħal ma huma d-dommi u s-sagramenti li hemm fil-komunitajiet reliġjużi li bdew mar-Riforma Protestanta.

Barra minn hekk, ir-relażżjonijiet li għandha mal-Lhud, li jemmnu f'Alla wieħed kif ġie rrivelat fir-Rabta l-Qadima, u mal-monoteisti bħal ma huma l-Musulmani, li bħalna jaduraw Alla wieħed huma iktar sħaħ minn dawk li għandha ma' nies ta' reliġjonijiet oħra bħal ma huma l-Buddisti u l-Hindu, waqt li hija iktar qrib lejn dawn milli lejn l-anjostiċi u lejn l-ateji. Il-Knisja tħoss li lejn l-insara mhux kattoliċi u n-nies ta reliġjonijiet jew gruppi oħra u lejn dawk kollha li huma barra minnha, għandha dmirijiet li huma ikbar jew iżgħar u jvarjaw, skond relażżjonijiet u r-rabtiet li għandha magħhom. (Donald Flanagan, "*What is the Church*?, p.27.)

Il-Konċilju Vatikan II waqt li jsemmi dawk li huma barra mill-Knisja, flok ma jinsisti fuq dak li jifred il-Kattoliċi minnhom, jindikalna r-rabtiet li l-Knisja għandha magħhom, speċjalment ma' dawk li ħadu l-Magħmudija valida għad li għadhom mifrudin minna l-Kattoliċi (*Lumen Gentium*, 15)

### *Insara mhux kattoliċi*

**Difatti nafu mill-istorja, li fis-seklu ħdax, fl-Orjent infirdu mill-Knisja ta' Ruma, dawk li jissejħu insara ortodossi. Dawn żammew kważi t-tagħlim kollu tagħha, kif ukoll il-Quddiesa u s-sagramenti, iżda ma jagħrfux lil-Papa, bħala ragħaj u Mexxej tal-Knisja Universali.**

Fis-seklu sittax, imbagħad, fl-Ewropa ġrat il-firda tar-Riforma Protestanta. Xi gruppi ta' nsara li bdew isejħulhom "Protestanti" infirdu u nqatgħu mill-Knisja Kattolika. Għad li jemmnu fi Kristu bħala l-Iben t'Alla u jqimu l-Bibbja bħala ktieb ispirat minn Alla, iżda jiċħdu ħafna mill-veritajiet li temmen u tgħallem Ommna l-Knisja u ma għadhomx iżommu xi wħud mis-sagramenti. Hemm ukoll nuqqas ta' qbil, bejnhom u l-Kattoliċi, rigward l-Ewkaristija, is-saċerdozju tal-Liġi l-Ġdida u s-setgħa tal-Papa, bħala Għalliem u Ragħaj tal-Knisja Universali. Fost il-Protestanti jeżistu gruppi jew denominazzjonijiet bħal ma huma l-Luterani, il-Kalvinisti u oħrajn li għandhom twemmin u tradiżżjonijiet li huma differenti minn ta' xulxin.

**"Il-Knisja taf li għal ħafna raġunijiet, hija magħquda ma' dawk li għalkemm mgħammdin u mżejnin bl-isem ta' nsara, iżda ma jipprofessawx il-fidi fl-integrità tagħha jew ma jħaddnux l-unità tal-komunjoni taħt is-suċċessur ta' Pietru"** (*Lumen Gentium*,15).

Il-Konċilju jirreferi kemm għall-Protestanti kif ukoll, għall-Ortodossi meta jgħid (*Lumen Gentium*,15): "Hemm ħafna, infatti, li jżommu l-Iskrittura Mqaddsa bħala regola ta' fidi u ta' ħajja u juru wkoll żelu reliġjuż sinċier; huma jemmnu b'imħabba f'Alla Missier li jista' kollox u fi Kristu, Iben ta' Alla u Salvatur, huma mmarkati bil-magħmudija li tgħaqqadhom ma' Kristu; anżi huma jagħrfu u jaċċettaw fil-knejjes jew komunitajiet ekkleżjastiċi tagħhom sagramenti oħra wkoll. Ħafna minnhom għandhom ukoll l-episkopat, jiċċelebraw l-Ewkaristija Mqaddsa u jħaddnu d-devozzjoni lejn il-Verġni Omm Alla. Ma' dan wieħed irid iżid l-għaqda fit-talb u f'ġid spiritwali ieħor; anzi hemm ċerta għaqda vera fl-Ispirtu s-Santu li jaħdem fihom ukoll bil-qawwa tiegħu li jqaddes, bid-doni u l-grazzji tiegħu, u lil xi wħud minnhom tahom qawwa li jżommu sħiħ sat-tixrid ta' demmhom."

**Iżda fl-istess ħin tidher ċara d-distinzjoni li hemm bejn il-komunitajiet ekkleżjali tal-Protestanti u l-knejjes Ortodossi. Ta' l-ewwel ma jistqarrux il-fidi kattolika kollha kemm hi, tat-tieni għad li għandhom il-fidi tal-Knisja u s-seba' sagramenti, imma jħossuhom independenti mis-Santa Sede.**

Kif naqraw fl-istqarrija tal-Fidi tal-Papa Pawlu VI, (30-6-

1968) "waqt li nagħrfu, barra mill-organiżmu tal-Knisja ta' Kristu, l-eżistenza ta' ħafna elementi ta' qdusija u ta' verità, li bħala doni propji tal-Knisja nfisha jieħdu lejn l-għaqda kattolika, u waqt li nemmnu fil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, li fid-dixxipli kollha ta' Krsitu, jqanqal ix-xewqa għal din il-għaqda, aħna għadna t-tama li l-insara li s'issa m'humiex fil-komunjoni sħiħa ma' l-unika Knisja, għad ġurnata, jingħaqdu f'merħla waħda taħt ragħaj wieħed."

Difatti l-ħidma ekumenika ssir kemm mill-kattoliċi kif ukoll minn insara oħra, u għalhekk, il-Konċilju jinnota (*Lumen Gentium*, 15); "l-Ispirtu jqajjem fid-dixxipli kollha ta' Kristu ix-xewqa u l-ħidma sabiex ilkoll, bil-mod li jrid Kristu, jingħaqdu fil paċi f'merħla waħda taħt ragħaj wieħed. Biex tilħaq dan l-iskop il-Knisja omm ma tiqafx li titlob, li tittama u li taħdem. Hija tħeġġeġ lil uliedha biex jissaffew u jiġġeddu sabiex is-sinjal ta' Kristu jixgħel iktar ċar fuq wiċċhom. L-azzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu tmur iktar 'il bogħod mill-familja nisranija mnissla mill-fidi u l-Magħmudija. **L-aħwa mifrudin (minnha) mill-Knisja Kattolika huma magħqudin magħna. Aħna naqsmu magħhom ħafna elementi li flimkien jibnu l-Knisja tal-Mulej. Waqt li aħna nemmnu li l-knejjes u l-komunitajiet reliġjużi oħra ma għandhomx l-istruttura li Kristu ried li jkollha l-Knisja tiegħu, aħna nammettu li minkejja s-separazzjoni għandna xirka magħhom fl-Ispirtu s-Santu għad li b'mod limitat."**

L-Ekumeniżmu, mela, huwa moviment fi ħdan il-knejjes insara, li jiġbor fih il-ħidmiet ta' dawk li jixtiequ jwieġbu għat-talba ta' Kristu biex "ikunu ħaġa waħda bejniethom" (*Gw* 17,21) u bi spirtu ta' sogħba għall-firdiet ta' bejniethom, jitobu u jħabirku, ħalli mmexxijin mill-Ispirtu s-Santu, jkunu jistgħu jiksbu komunjoni sħiħa fost l-imgħammdin kollha.

Il-Konċilju Vatikan II li skond ix-xewqa tal-Beatu Papa Ġwanni XXIII, kellu wkoll l-għan li jfejjaq il-firdiet li hemm fost l-insara, heġġeġ ħafna għall-unità fost dawk li jemmnu fi Kristu u ta appoġġ sħiħ lill-ekumeniżmu, u tana d-direttivi kif għandu jitwettaq. Fid-Digriet "*Unitatis redintegratio*, (n.4) jgħidilna; "Dan is-Sinodu Mqaddes, jagħraf bil-ferħ li s-sehem tal-fidili kattoliċi fil-ħidma ekumenika qiegħed jikber kuljum iżjed u jirrikmanda lill-sqfijiet f'kull naħa tad-dinja biex iġibuh 'il quddiem bil-ħerqa u jmexxuh bil-prudenza."

**Dawn li ġejjin huma xi wħud mid-direttivi dwar l-ekumeniżmu tal-Knisja Kattolika, u dwar is-sehem li għandhom jagħtu il-membri tagħha għall-għaqda fost l-insara:**

**(i) il-Kattoliċi m'għandhomx iżommu pregudizzi kontra l-insara ta' denominazzjonijiet oħra u għandhom jkunu ġusti fil-kliem li jgħidu dwarhom.**

**(ii) Iktar ma jgħixu ħajja qaddisa, skond il-Vanġelu, iktar ikunu ta' għajnuna għall-Għaqda ta' l-Insara.**

**(iii) Il-Kattoliċi għandhom jitolbu biex iseħħ l-ideal ta' l-unità**

**(iv) Għandhom jikkoperaw ma' dawk li ma humiex Kattoliċi f'ħidmiet li huma ta' ġid għall-bnedmin.**

**(v) Jeħtieġ li nsiru nafu iktar dwar ir-reliġjonijiet l-oħra.**

### *Reliġjonijiet li ma humiex insara*

Kemm fil-*Lumen Gentium* (n.16) kif ukoll fl-istqarrija *Nostra Aetate*, il-Konċilju Vatikan II jitkellem fuq dawk li ma humiex insara, iżda jemmnu f'Alla, u fuq ir-relazzjonijiet li l-Knisja jista' jkollha magħhom jew id-djalogu inter-reliġjuż. **Dawn huma fost l-oħrajn membri tar-reliġjon Lhudija u dawk tar-reliġjon Musulmana.**

**Għal ta' l-ewwel il-Konċilju jgħidilna** (*Lumen Gentium*, 16) **"Ewlenin fosthom huwa l-poplu li Alla tah it-Testment u l-wegħdiet u li minnu twieled Kristu skond il-ġisem. Dan il-poplu huwa għażiż skond l-għażla li Alla kien għamel minħabba Missirijietu, għax Alla ma jindimx mid-doni u mis-sejħat li jagħmel."**

Dwar ir-relazzjonijiet tal-Knisja ma' dawk li jħaddnu r-reliġjon Lhudija, il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (n.839) jgħallimna li: "waqt li tistħarreġ il-misteru tagħha, il-Knisja tara li hi marbuta mal-Poplu Lhudi 'li lilu qabel kulħadd waslet il-Kelma ta' Alla'. Il-fidi Lhudija, b'differenza mir-reliġjonijiet l-oħra mhux insara, hi ġa tweġiba għar-rivelazzjoni ta' Alla fil-Patt il-Qadim. Tal-Poplu Lhudi huma: 'l-adozzjoni ta' wlied Alla, il-glorja, il-pattijiet u l-liġi, il-liturġija u l-wegħdiet, tagħhom huma l-patrijarki u kien minnhom li, skond il-ġisem, ħareġ Kristu'" (*Rum* 9,4).

Fl-istqarrija "*Nostra Aetate*" (n.4) naqraw "Ladarba il-wirt spiritwali komuni għall-insara u l-Lhud huwa daqshekk kbir, dan is-Sinodu Mqaddes irid iħeġġeġ u jirrikmanda illi huma jsiru jafu u jirrispettaw iżjed lil xulxin; dan jistgħu jiksbuh fuq kollox permezz ta' studji tal-Bibbja u tat-teoloġija flimkien u permezz ta' djalogu ta' l-aħwa."

**Dwar l-Islam il-Konċilju jgħidilna li "il-pjan tal-fidwa, jħaddan ukoll lil dawk li jagħrfu lill-Ħallieq. Fost dawn min ta' l-ewwel huma l-Musulmani li, waqt li jistqarru l-fidi ta' Abraham. jaduraw magħna 'l Alla wieħed, ħanin, li għad jagħmel ħaqq mill-bnedmin fl-aħħar jum."** (*Lumen Gentium*, 16).

**Ġara fl-imgħoddi li kien hemm mibegħda u gwerer ħorox bejn l-insara u l-Misilmin, iżda fi żminijietna, fid-dinja tinħass ħafna l-ħtieġa li huma jifhmu iktar lil xulxin u jaħdmu id f'id għall-ġustizzja, il-paċi, il-libertà, il-jeddijiet tal-bniedem u l-valuri morali.**

Barra mill-Ġudajiżmu u l-Iżlam, hemm reliġjonijiet oħra, bħal Induiżmu u l-Buddiżmu li la huma insara u l-anqas monoteisti. Il-Knisja wkoll tagħraf is-siwi u l-bżonn tad-*Djalogu inter-reliġjuż* anki ma' dawn ir-reliġjonijiet (*Lumen Gentium*, 16) "għaliex dak kollu li hu tajjeb u veru fihom il-Knisja tara fih bħal tħejjija biex huma jilqgħu l-Evanġelju, u huwa kollu mogħti minn Dak li jdawwal lil kull bniedem sabiex fl-aħħar ikollhom il-ħajja." Il-Konċilju jirrikonoxxi li hemm toroq li permezz tagħhom, il-Lhud u l-Misilmin, jistgħu jsibu l-għarfien u l-imħabba ta' Alla u b'hekk jiksbu s-salvazzjoni.

**Għad li ma nistgħux ngħidu li r-reliġjonijiet kollha huma tajbin xorta waħda, iżda l-Kattoliċi għandu jkollhom atteġġjament ta' rispett lejn dawk li jistqarru reliġjonijiet differenti minn tagħhom, u jirrikonoxxu l-verità u t-tajjeb kull fejn jinsabu. Għalhekk il-Knisja "tħeġġeġ lil uliedha biex, waqt li jkunu xhieda tal-fidi u tal-ħajja nisranija, jagħrfu, iħarsu u jġibu 'l quddiem dawk il-valuri spiritwali, morali u soċjo-kulturali li jinsabu fost il-membri tar-reliġjonijiet l-oħra, u dan jagħmluh bil-prudenza u bl-imħabba, permezz tad-djalogu u tal-ħidma flimkien magħhom" (*Nostra Aetate*, n.2).**

*(jissokta)*




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Is-Sbatax-il Parti )*

## *IL-PRODUZZJONI TA' L-ILMA ŻAHAR*

**L-ilma żahar huwa l-essenza taż-żahar tal-larinġ morr jew larinġ tal-bakkaljaw. Ix-Xagħra f'bosta nħawi kien hemm ġonna b'ħafna siġar tal-laring tal-bakkaljaw. Għalhekk f'Għawdex l-ilma żahar kien isir fir-raħal tax-Xagħra, u meta kien fl-aqwa tiegħu ġie li kien hemm xi sitt familji jagħmluh. Ta' min isemmi lil Ġużepp u Fortun Sultana, tan-Naħrik, mix-Xagħra, li kienu magħrufa għal dan ix-xogħol. Ġużepp, billi kien miżżewweġ l-Għasri, kien jaħdem f'dan ir-raħal. Illum għandu mnejn baqa' waħda biss. M'hix ħaġa ħafifa li tagħmel dan ix-xogħol għax biex isir irid ħafna ħin, paċenzja, attenzjoni u sa ċertu punt tbatija.**

### *Il-larinġ qares jew tal-bakkaljaw*

Iż-żahar li minnu jagħmlu l-ilma żahar kien jittieħed mis-siġar tal-larinġ qares li ħafna nies igħidulu 'larinġ tal-bakkaljaw'. In-nies tax-Xagħra kienu jaqtgħu xkejjer sħaħ minnu biex jeħduh lil dak li jagħmel l-ilma żahar.

Skond Victor J. Galea s-siġar tal-larinġ qares ix-Xagħra kont issibhom tal-Qaċċa fejn hemm il-għajn, l-Egħjun, Ta' Gajdoru u Għajn Qamar. Ir-Ramla kien hemm fuq iż-żewġ naħat, anki fl-irdum tan-Nadur. Siġar għoljin kienu jinsabu wkoll il-Pergla. Fl-inħawi tas-Sruġ kien hemm il-larinġ qares fil-ġnien ta' Ċensa l-Melleħija. Dan il-ġnien kien jinsab taħt it-Triq ta' Għajn Futni ftit wara li tħalli t-Triq tas-Sruġ. Għandi nifhem li ħafna siġar tal-laring tal-bakkaljaw kienu jinsabu wkoll fl-inħawi tan-Nadur u tal-Qala u anki f'xi ġonna r-Rabat u x-Xewkija.

Iż-żahar kien jinxtara ta' kull sena mingħand is-sidien tal-ġonna u dawk il-bdiewa li kellhom is-siġar tal-larinġ tal-bakkaljaw. Fis-sekli 17 u 18, l-*Universitas* ta' Għawdex, li kienet il-Gvern Lokali tal-gżira, kienet tbigħ il-permess sabiex jinħadem l-ilma żahar lil min iħallas l-aktar. Imbagħad dan kien iqabblu lil nies oħra bl-iskop li jaqla' xi ħaġa. Infatti, il-Gvern għadu sa llum jikkontrolla x-xogħol ta' l-ilma żahar billi mhux biss jagħti l-permess meħtieġ, imma billi jżomm ukoll minn sena għal oħra fil-għassa tal-pulizija tar-raħal il-lampik li bih isir l-ilma żahar wara li jgħaddi l-istaġun taż-żahar. (Ara *Soċjetà Mużikali S. Margerita V.M. 2008*, p. 25).

### *Kif jinġabar iż-żahar*

L-ilma żahar isir miż-żahar jew fjuri tal-larinġ tal-bakkaljaw. L-aħjar żahar biex jinħadem irid ikun dak li jkun se jiftaħ. Jekk ikun fetaħ jew waqa' ma jkunx tajjeb. Għalhekk dan ix-xogħol irid isir fir-rebbiegħa fix-xhur ta' Marzu, April u Mejju, meta s-siġar jimtlew biż-żahar. Issa hemm żewġ xorta ta' ilma żahar, dak li jsir miż-żahar biss, u dak li jsir biż-żahar u bil-weraq tal-larinġ tal-bakkaljaw. Iż-żahar jaqtgħuh dawk il-ġenniena jew bdiewa li jkollhom is-siġar tal-larinġ tal-bakkaljaw. Tan-Naħrik kienu jqabbdu kemm nisa u tfajliet isibu, kemm il-Għasri kif ukoll ix-Xagħra, biex igħinuhom jaqtgħu ż-żahar mis-siġar ix-Xagħra. Jekk ma jinħadimx mill-ewwel, iż-żahar irid jinfirex fuq xkejjer apposta biex ma jisħonx għax inkella jeħżien u jbiddel it-togħma.

### *Il-lampik*

Il-għodda li biha jsir l-ilma żahar tissejjaħ "Lampik", u billi bil-lampik tista' tagħmel l-ispirti, dan l-apparat f'Għawdex jinżamm għand il-pulizija u jingħata biss fix-xhur imsemmija lil min ikollu l-permess jaħdem l-ilma żahar. Minn żmien għal żmien il-pulizija kienet tmur tispezzjona biex tara t-tali lampik hux qiegħed isir użu tajjeb minnu u ġieli qabdet nies li jabbużaw billi jkunu jipproduċu spirti oħra wkoll minbarra l-ilma żahar. Xi drabi l-pulizija kienet saħansitra tistabbilixxi l-ġranet li fihom kellu jintuża l-lampik, eżempju t-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa. Wara x-xogħol, għall-aħħar ta' Mejju, irid jittieħed lura l-għassa tal-pulizija.

### *Kif isir l-ilma żahar*

Qabel xejn, biex isir ix-xogħol, iż-żahar u l-ilma jridu jitkejlu sewwa ħalli l-lampik la jfur u lanqas jinxef u jinħaraq

għax inkella ssir il-ħsara u trid ħafna xogħol biex terġa' ġġib kollox f'postu. Għalhekk, qisu ma' kull wiżintejn żahar, jitfgħu żewġ fliexken tat-terz u pinta jew ta' l-inbid u xi ftit iżjed. Imbagħad jitfgħu kollox fil-lampik li jkun bħal kaldarun, taħt wiesa' u fuq dejjaq. Imbagħad isaħħnuh bin-nar tal-ħatab. Issa n-nar trid toqgħod miegħu biex la jnin iżżejjed u lanqas iħaġġeġ u jagħmel il-ħsara. Xħin il-lampik jagħli, jpoġġulu kappell, li jkun mimli bl-ilma kiesaħ b'kanna għaddejja minn ġo fih, biex il-fwar jiksaħ u jqattar minn ġoż-żennuna. Dak it-taqtir ikun ilma żahar. Qabel ma jibdew jimlew l-ilma żahar, il-flixkun jaħsluh tajjeb u fl-aħħar ilaħalħuh bi ftit ilma żahar minn ta' qabel biex ikollu dik ir-riħa. Fix-xogħol ta' l-ilma żahar l-indafa hija importanti ħafna għax inkella jista' jmurlek jew jeħżien u ma jibqax tajjeb.




IL-LAMPIK

Meta l-ilma tal-kappell jisħon, jerġgħu jibdluh, biex ikessaħ aħjar. L-ilma żahar mill-fliexken tal-*whiskey* jinġabar fi tramiġġjani kbar tal-ħġieġ u jħalluh joqgħod għal xi erba' xhur biex jitjieb iżjed. Wara li jitjieb u jkun wasal għall-bejgħ, jerġgħu jimlewh fil-fliexken tat-terz u pinta jew tal-*whiskey*. Kull darba qabel jimlew flixkun ġdid bl-ilma żahar, l-ewwel jaħsluh tajjeb u jlaħalħu bi ftit ilma żahar minn ta' qabel biex jieħu dik ir-riħa u jibqa' tajjeb. Jekk l-ilma żahar imurlek minħabba n-nuqqas ta' ndafa, ikollok tarmih. Il-fliexken li jkunu għall-bejgħ jiġu ssiġillati tajjeb b'tapp u bix-xema'.

### *Għalfejn jintuża*

Dari l-ilma żahar kien jinbiegħ ħafna għax tajjeb mhux ftit għas-saħħa, għal min ikun ibati bl-istonku jew bl-uġigħ ta' żaqq, u jużawh anki fix-xogħol tal-ħelu. Xi ħwienet tal-kafè, bħalma kien il-*Ginevra Bar* tat-Tokk, kienu magħrufa għall-kafè bl-ilma żahar li jagħmlu. Hemm min jużah billi jieħu xi żewġ kuċċarini tal-misħun bi ftit zokkor, għax inkella jtiegħem morr. L-ilma żahar jista' jintuża wkoll billi wieħed jagħmel ftit taqtir fil-kafè li b'hekk jieħu togħma bnina u tfuħ li tinżillek għasel.

L-ilma żahar dari, jiġifieri fl-ewwel nofs tas-seklu XX, kien jinbiegħ bi ftit xelini (xelin = 5c jew 12-il ewroċenteżmu), skond kemm ikun kbir il-flixkun. Tista' tgħid li kull familja kien ikollha flixkun id-dar.

*(Ħajr lil Toni Calleja ta' l-Għasri taż-żidiet li għamilli mal-kitba oriġinali. L-istampa hija ta' Frankie Cassar, Victoria).*

**RAYMOND CEFAI**

***TAL-KELBA LTD.***

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE &**
**GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

LETTERATURA | Profili - 1

# Anton Buttigieg: Il-Poeta tan-Natura



*kitba ta'* **CARM C. CACHIA**

**Wieħed mill-esponenti ewlenin tal-poeżija Maltija hu l-poeta Għawdxi Anton Buttigieg. Buttigieg hu poeta li għaraf jesprimi sentimenti qawwija fil-poeżija tiegħu b'tali mod li din issir espressjoni tal-ħsus ġewwiena mhux biss tiegħu bħala individwu, imma wkoll ta' dawk kollha li bħalu jkunu jew kienu għaddejjin minn esperjenzi simili. Għalhekk il-poeżija ta' Buttiġieġ hi poeżija universali tant, li meta nqalbet f'lingwi barranin, ma tilfet xejn mill-qawwa poetika tagħha. Mhux ta' b'xejn li l-mibki kittieb u studjuż tal-Malti, Ġorġ Mifsud Chircop kien iqis lil Anton Buttiġieġ bħal wieħed mill-poeti intimisti tal-letteratura Maltija.**

Anton Buttigieg twieled il-Qala, Għawdex nhar id-19 ta' Frar, 1912, minn Salvatore u Konċetta mwielda Falzon. Hu tgħallem l-iskola tal-Gvern tal-Qala stess u wara kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, ir-Rabat Għawdex. Minn hemm mar il-kulleġġ ta' San Alwiġi u wara l-Università ta' Malta. Hawn segwa kors ta' tliet snin fit-Teoloġija, u wara kompla l-istudji għal avukat. Fl-1939 laħaq nutar u avukat. Matul il-gwerra kien spettur tal-pulizija. Kif spiċċat il-gwerra reġa' beda jaħdem ta' avukat. Fl-1944, hu żżewweġ lil Carmen Bezzina u kellhom tlitt itfal. Imma Carmen mietet wara erba' snin u lil Anton ħallietu armel bi tlitt itfal. Il-mewt tagħha kellha effett profond fuqu u dan jidher ċar mill-poeżija tiegħu li tittratta dwar il-ħajja privata tiegħu. Wara xi żmien hu żżewweġ lil Connie Scicluna imma reġa' romol wara ftit. Għalhekk inġabar b'uliedu ma' tal-familja. Fl-1951 daħal fil-politika u fl-1956 laħaq għall-ewwel darba Membru Parlamentari mal-Malta Labour Party. Fl-1961 sar deputat mexxej tal-partit, kariga li baqa' jokkupa għal żmien twil wara. Meta l-partit tiegħu tela' fil-Gvern fl-1971, Anton Buttiġieġ sar Ministru tal-Ġustizzja. Imbagħad, meta Malta saret Repubblika, hu nħatar it-tieni President tagħha u kien matul il-ħatra tiegħu li Malta akkwistat il-ħelsien tagħha mill-bażijiet militari, fl-1979. Anton Buttigieg miet fl-1983, fl-età ta' 70 sena.

Buttigieg minn dejjem ħabb l-ilsien Malti u kien minn ta' l-ewwel li daħal fl-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Ħafna mill-poeżiji tiegħu deħru l-ewwel darba f'**Leħen il-Malti**, f'**Il-Malti** u f'**Il-Pronostku Malti**. Hu ħareġ bosta kotba bil-Malti fosthom **Mill-Gallerija ta' Żgħożiti** (1944), **Fanali bil-Lejl** (1949), **Qasba mar-Riħ** (1969), u **Il-Muża bil-Kimono** (1968), fejn il-poeta tana l-ewwel poeżija Maltija miktuba bi stil Ġappuniż. Barra minn dawn, Buttigieg tana wkoll kotba ta' epigrammi umoristiċi bħal **Ejjew Nidħku Ftit** (1962) u **Ejjew Nidħku Ftit Ieħor** (1965) u studju awtobijografiku **Toni Tal-Baħri**, li jirrakkonta minn xiex għadda tul-ħajtu.

Fil-qasam letterarju Malti, Buttigieg hu magħruf bħala l-Poeta tan-Natura u dan minħabba l-għadd ġmielu ta' poeżiji li kiteb dan il-poeta u li jittrattaw dan is-suġġett. Infatti n-Natura hi għajn ta' ispirazzjoni li minnha joħroġ bomblu għana u meta l-poeta jipprova jsib l-ispirazzjoni tal-versi tiegħu minn għejjun oħra, spiss jispiċċa biex fl-aħħar jerġa' jdur għall-ħolqien bħalma jgħid hu stess fil-poeżija **Bħall-Farfett**. Oliver Friggieri jgħid li għal Buttigieg, in-natura tieħu forma ta' reliġjon[1] u hu jemmen fiha b'saħħtu kollha. Meta dan il-poeta jaħsel jikteb dwar il-ħolqien narawh bħal jidħol f'dinja għalih u fiha jitgħaxxaq u jammira dak kollu li għoġbu joħloq il-Mulej. Hekk fil-poeżija tiegħu **Il-Ħolma t'Alla** hu jgħid:

*Għalhekk meta tmur timxi fil-kampanja, ftakar sewwa*
*illi qed timxi ġewwa l-Ħolma t'Alla;*
*irfes bil-mod, imxi bis-skiet u l-qima...*

Minħabba f'hekk il-poeżija tiegħu hi poeżija ħajja u lill-qarrej kapaċi ddaħħlu fl-ispirtu tagħha. Hekk jiġri fil-poeżija **Berwang** li tittratta dwar raħal Awstrijakk. F'din il-poeżija jispikka l-kulur aħdar li l-qarrej donnu jarah jitfaċċa minn bejn il-versi. Poeżija oħra li żgur timpressjona lil min jaqraha hi l-poeżija **Ġewwa l-Buskett**. Din id-darba Buttigieg jagħti deskrizzjoni ta' tempesta f'dan il-post. Metaforikament il-masġar jinbidel f'katidral, bin-natura ssir organista ddoqq mużika sagra qalb is-siġar.

Il-poeżiji li jittrattaw in-Natura jistgħu jinġabru fi gruppi differenti. Ibda biex hemm dawk il-poeżiji li għandhom għamla deskrittiva jew fejn il-poeta jiddjaloga man-natura, bħal **Il-Warda tax-Xemx**, **Lilia Agri** u **Lill-Għasfur tal-Bejt**. F'oħrajn il-poeta jikkummenta fuq il-ġid li xi ħlejqiet jagħmlu waqt li jikkundanna lill-bniedem talli jpatti dan il-ġid b'deni meta jispiċċa jeqred dak li jsebbaħ l-ambjent. Din l-idea tidher fil-poeżija **Il-Ħuta**. Nistgħu ngħidu li Buttigieġ hu wieħed mill-ewwel ambjentalisti Maltin. Fl-aħħar nett

hemm dawk il-poeżiji li fihom il-poeta jinqeda bin-natura biex jikkummenta fuq sitwazzjonijiet li l-bniedem spiss isib ruħu fihom. Dan jidher fil-poeżija **Il-Bagħal tas-Sienja** li titkellem dwar il-fqar u l-emarġinati, u **Il-Mewt tas-Sieħba** li titkellem dwar il-ħajja tal-poeta nnifsu.



Aspett ieħor importanti fil-poeżija ta' Anton Buttigieg hu dak awtobijografiku. Il-poeżija awtobijografika hi melankonika u pessimista għall-aħħar għaliex hi poeżija eleġajka. Din il-poeżija hija influwenzata mill-ġrajjiet negattivi li kellu jgħaddi minnhom il-poeta sa mill-bidu tal-ħajja miżżewġa tiegħu. Il-mewt ta' l-ewwel mara tiegħu Carmen Bezzina ħalliet sinjal indellibbli fuq qalbu tant li għal ħafna żmien wara t-telfa tagħha l-poeta donnu ma setax jistabar. Harsa lejn il-poeżiji **It-Triq tal-Ħajja** jew **Niftakar** hija biżżejjed biex turi x'kien iħoss il-poeta għal din it-telfa. Din il-melankonija kompliet tkattret bil-mewt ħesrem tat-tieni mara tiegħu, Connie Scicluna. Għalhekk dawn iż-żewġ avvenimenti kellhom effett kbir fuq kitbietu. Minħabba fihom hu jitqies bħala wieħed mill-***Poeti Romantiċi Intimisti Maltin*** flimkien ma' Dun Karm, Karmenu Vassallo, Ġorġ Zammit, u Rużar Briffa.

Fil-poeżija tiegħu, il-mara ssir is-sieħba mitlufa darba għal dejjem taħt l-irħama kiesħa tal-qabar. Fit-taqsima "Niket u Eleġiji" fl-antoloġija **Qasba Mar-Riħ**, il-poeta jittratta dik il-parti ta' ħajtu fejn hu ġie wiċċ imb' wiċċ mal-mewt. Is-sieħba mitlufa tieħu diversi forom, għalkemm il-messaġġ hu dejjem l-istess wieħed. Fil-poeżija **Il-Bojja**, mart il-poeta ssir prinċipessa kkundannata għall-mewt. F'**Il-Bejta** ssir għasfura li tifel kiefer jirnexxilu jaqbad ġo kopp u jifridha mis-sieħeb ta' qalbha:

*U meta fit-tixniq ta' mħabbtu kbira*
*hu resaq lejn il-qafas biex jistabar,*
*il-qasab żammu 'l bgħid minn wiċċ ħanintu*
*sew sew kif lili jżomm l-irħam tal-qabar.*

*Il-Bejta*

Din l-idea tidher ripetuta f'**Il-Mewt tas-Sieħba** u **Lill-Għasfur fil-Gaġġa**. Imma f'dawn il-mumenti diffiċli, meta d-dinja donnha tieqaf iddur u kollox jidher li jkun spiċċa, titfaċċa l-poeżija. Skond Buttigieg, kienet il-Muża li għenitu jissupera l-aktar waqtiet suwed ta' ħajtu. Dan stqarru hu stess fil-poeżija **Il-Kebbies tal-Fanali**, li hi meqjusa bħala waħda mill-isbaħ poeżiji li qatt inkitbu bil-Malti. Dan jgħidu l-Professur Joe Friggieri waqt intervista ma' Mons. Lawrenz Cachia fil-programm "**Akkademja**" fuq Radju Malta 1. Il-Professur Oliver Friggieri għamel analiżi kritika dettaljata tagħha fil-ktieb tiegħu **Saġġi Kritiċi.**[2]

Buttigieg esperimenta wkoll bil-poeżija. Fil-fatt hu kien minn ta' l-ewwel, jekk mhux l-ewwel poeta li ħaddem l-istil Ġappuniż tal-ħajku u t-tanka fil-kitba tal-poeżija bil-Malti. Dan l-istil deher fl-antoloġija **Il-Muża Bil-Kimono**, li fiha hu ġabar poeżiji ta' dan it-tip, b'linja orjentali. Stil ieħor li Buttigieg kien esperimenta bih kien l-istil krepuskolari. Dan l-istil jieħu ismu mill-artiklu li kien kiteb G.A. Borgese bl-isem "*Poesia Crepuscolare*" fil-bidu ta' dan is-seklu[3] u jiġbor fih dawk il-poeżiji li, minħabba l-istil tagħhom mogħni bin-nofs tonijiet, bl-indeċiżjoni tal-kuluri u ta' espressjonijiet prożajċi miktubin apposta, jagħtu sens ta' dwejjaq u ta' melankonija. Eżempji ta' dan l-istil narawh f'poeżiji bħal **Monotonija**, **Faldrappa Sewda** u **Bil-Lejl**. Buttigieg kiteb ukoll għadd ġmielu ta' Limerikki u spiss kien juża dawn il-versi qosra biex jikkritika lis-soċjetà ta' madwaru.[4] Dawn hu ġabarhom fiż-żewġ kotba **Ejjew Nidħku Ftit** u **Ejjew Nidħku Ftit Ieħor**.

Buttigieg għamel isem ukoll fil-qasam tal-proża. Infatti l-volumi tal-awtobijografija **Toni tal-Baħri** jkomplu jkabbru d-dimensjoni tiegħu bħala kittieb, din id-darba bħala prożatur. Madankollu l-aqwa xogħlijiet tiegħu jibqgħu dejjem dawk poetiċi għax kien bihom li dan il-kittieb irnexxielu jonġor niċċa dejjiema għalih fil-qasam letterarju Malti. Għalina li ngħożżu lsien art twelidna, hu jibqa' dejjem **il-President Romantiku, Poeta tan-Natura.**

***Riferenzi***


1 *Friggieri O., **Saġġi Kritiċi**,(p.9)*
2 *Friggieri O., Ibid (p.42)*
3 *Fenech D., **Għas-Sejħa tal-Għana** (p.41)*
4 *Friggieri O. **Dizzjunarju ta' Terminini Letterarji** (p.386)*



A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

Kummentarju (2)

# 2009 - Ħarsa Finanzjarja 'l Quddiem (2)



kitba ta' MICHAEL GRECH

**Fl-artiklu li ktibt qabel dan ħarisna lejn is-sena 2008 li kienet sena diżastruża fejn jidħlu investimenti. Il-mistoqsija li tiġi weħedha hija: "Is-sena 2009 sejra ġġib xi ħaġa aħjar f'dan ir-rigward?"**

Minn kif bdejna s-sena ma tantx jidher li l-affarijiet sejrin għall-aħjar. Fil-mument li Barak Obama kien qiegħed jieħu l-ġurament tal-ħatra tiegħu ta' President ta' l-Amerika, is-swieq bdew neżlin għaliex għalkemm id-diskors tiegħu kien wieħed ta' kuraġġ, dan xorta kien fih element qawwi ta' preokkupazzjoni u twissijiet li l-isfidi quddiem id-dinja huma kbar ħafna. Ir-riċessjoni li ħakmet id-dinja hija waħda serja ħafna u ma tantx hemm soluzzjonijiet faċli għaliha.

F'dan l-artiklu nixtieq nagħmel ftit punti kif jiena naħseb li wieħed għandu jaġixxi f'ċirkostanzi bħal dawn. L-ewwel punt kardinali huwa li wieħed idur dawra madwaru u jikkontrolla l-ħela li jista' jkollu. **Il-ħela qatt mhi tajba, iżda iżjed u iżjed illum. Wieħed għandu joqgħod attent f'dak kollu li jkun qiegħed jikkonsma, bħal per eżempju, dawl, ilma, *fuel*, ikel. Ma jfissirx li wieħed għandu joqgħod fid-dlam u fil-kesħa jew inkella bil-ġuħ. Tfisser li wieħed għandu jħares ħarsa tajba madwaru u jikkontrolla l-ħela li jista' jkollu. Hekk per eżempju wieħed jista' juża sistema ta' lampi li ma jaħlux iżda li xorta waħda juru tajjeb.**



Għandna ndarru lill-uliedna biex huma wkoll joqgħodu attenti u jagħmlu ftit sagrifiċċji, hekk per eżempju li jikkontrollaw in-nefqa tagħhom fuq *cards* tal-*mobile*. **Qatt waqaftu ftit u ċċekjajtu kemm uliedkom jonfqu f'*mobiles* fis-sena? Għamluha u tibqgħu skantati bl-ammont involut! Il-kapriċċi li nagħmlu għandhom ukoll jiġu kkontrollati.** Hekk per eżempju jekk kont tieħu żewġ vaganzi barra minn Malta fis-sena, din id-darba ħu waħda, jew inkella ħu vaganza ta' turiżmu intern. Xejn xejn il-flus jibqgħu ġol-pajjiż.

Fejn jidħol in-negozju, illum il-ġurnata wieħed irid jiddedika ammont ta' ħin mill-ġimgħa biex ikun jista' jdur dawra u jiġbor flus mingħand min għandu jieħu. Iżjed ma jgħaddi ż-żmien, iżjed sejra ssir diffiċli li wieħed jiġbor flusu. L-imgħallem għandu jitkellem tajjeb mal-ħaddiema tiegħu biex dawn ikunu iżjed produttivi u ma jinħeliex ħin. **Xi ħaddiema mingħalihom li meta jisirqu l-ħin tal-ġurnata lis-sid dan ma jimpurtax. Kemm huma żbaljati! Dawn ikunu qegħdin jipperikolaw l-impjieg tagħhom stess, għax jekk l-imgħallem ma baqgħalux xogħol dawn jistgħu jisfaw barra bla xogħol.**

Niġu issa għad-dover li għandu l-gvern biex jassigura li kemm jista' jkun ir-riċessjoni ma tkabarniex ħafna. Il-problemi maġġuri li qiegħed jiffaċċja l-gvern huma fit-turiżmu u fil-manifattura. **Hemm ċans kbir li din is-sena sejjer ikun hemm mijiet jew anke eluf ta' nies li sejrin jitilfu x-xogħol. Dawn probabbli huma fiż-żewġ industriji li semmejt hawn fuq.** Sabiex jilqa' għal dawn l-isfidi l-gvern tal-lum ma tantx għandu għodda f'idejh biex jiġġieled biha. Hekk per eżempju ma nistgħux aħna ngħidu "ejja niżvalutaw il-munita tagħna". Dan għaliex aħna llum għandna l-Ewro, u deċiżjoni jekk għandux ikun hemm żvalutar jista' jeħodha biss il-Bank Ċentrali Ewropew li huwa totalment indipendenti. **L-anqas nistgħu aħna nbaxxu r-rata ta' l-imgħaxijiet kemm irridu aħna għaliex din ukoll hija prerogattiva esklussiva tal-Bank Ċentrali Ewropew.**

Allura x'jista jagħmel il-gvern? F'ċirkostanzi bħal dawn il-gvern għandu jagħmel kull mezz biex iħalli iżjed flus fil-but taċ-ċittadini tiegħu. Hekk per eżempju għandha titnaqqas it-taxxa, kemm dik diretta (*Income Tax*) u anke dik indiretta (VAT). Per eżempju fl-




*B'apoloġija lis-"Sunday Times"...*

Ingilterra, fi żmien il-Milied li għadda, il-gvern neħħa kompletament it-taxxa tal-VAT għal dak il-perjodu biex ikun jista' jdur iżjed kummerċ. **Il-gvern għandu wkoll jagħti bidu għal proġetti infrastrutturali ġodda li joħolqu x-xogħol għal ħafna nies.** Hawn min jgħidlek "imbagħad x'nagħmlu bid-*deficit?*" Id-*deficit* fejn ilu joqgħod ftit ieħor. Suppost li anke l-Unjoni Ewropea qegħda tħeġġeġ biex il-pajjiżi jagħmlu iżjed użu malajr mill-fondi strutturali li l-Kummissjoni Ewropea poġġiet għalihom.

**Għal min kien bil-għaqal fi żmien li kien hawn il-ġid u irnexxielu jwarrab xi ftit flus kontanti, issa ġej iż-żmien li wieħed jista' japprofitta ruħu miċ-ċirkostanzi li qegħdin insibu ma' wiċċna. Hekk per eżempju l-valur tal-propjetà beda nieżel u x'aktarx li jibqa' nieżel ftit iżjed mhux ħażin.** In-nuqqas tal-valur ta' propjetà kien wieħed mill-artikli li jiena kont ktibt fuqu f'gurnal lokali f'Lulju tal-2006. **Huwa anke ż-żmien li wieħed jidħol f'xi investimenti finanzjarji sewwa lokalment kif ukoll barra minn Malta.** Hawnhekk wieħed dejjem għandu jieħu parir sewwa minn għand persuna jew kumpanija li tkun liċenzjata biex tagħmel dan ix-xogħol. Ma ninsewx li meta l-bniedem jkollu quddiemu diffikultajiet kbar, dan jista' jfisser ukoll opportunitajiet kbar.

**Iż-żminijiet li għaddejjin minnhom il-lum huma diffiċli ħafna u probabbilment ikunu avveniment ta' darba f'ħajjitna. Id-dinja kif konna nafuha l-bieraħ sejra tinbidel kompletament u miskin hu min ma huwiex sejjer jaddatta ruħu għaż-żminijiet tal-lum. Fi ftit kliem *"it is now back to basics'.***

Peter's Butcher Shop
*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**


SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY


Ilħna mill-Bogħod fil-Qrib (8)




# Minn Għawdex għal Ayacucho fil-Perù

## jiktbilna Patri Antonio Zammit Tabone, O.F.M. Konv.

**Dejjem għandna noqgħodu attenti x'nitolbu lil Alla għax hu tajjeb għall-kelma tiegħu! Jien minn meta kont daqsxejn ta' tifel dejjem tlabtu biex insir missjunarju u biex immut martri fil-Missjoni ġo xi borma kbira, basta nħabbar u nwassal l-Aħbar it-Tajba. Issa li Alla tani Missjoni kif dejjem tlabt jien, qiegħed bil-ħniena nitolbu biex ma jlaqqanix ma' xi borma għax ma rridx immut għalissa ħalli jkolli żmien naħdem f'din il-għalqa tant niexfa mill-ilma.**

Ilni fil-parroċċa ta' Santa Rosa minn April 2008 u propju il-bieraħ 16 ta' Ottubru 2008 waqt li jiena qiegħed Lima taw nofs is-siment tal-pedament tal-knisja. Din il-knisja hija tas-siment u kemm is-siment kif ukoll il-ħadid huma għoljin immens u ser tiġi tiswa' 'il fuq minn Lm60 elf. Però l-Providenza dejjem għenet u xi wħud tawni elf Ewro kull wieħed fejn jien wegħedthom li ser inniżżel isimhom fuq plakka meta tkun lesta l-knisja. Malli nasal hemm jumejn oħra, ser infittex art sabiex fuqha nibni kunvent għas-sorijiet li għalih ser jidħlu żewġ negozjanti minn Malta biex iħallsuh.

Mela jien qiegħed f'żona li jisimha Ayacucho. Dawn in-naħat kienu l-benniena tat-Terroristi li qamu kontra l-Gvern. Mietu u qatlu bosta nies u dan biss ftit snin ilu. Konsegwenza ta' dan, l-Isqof neħħa s-saċerdoti kollha mill-parroċċi u ġabarhom fiċ-ċentru l-bogħod mill-periklu tal-mewt. Mela l-parroċċa ta' Santa Rosa qatt ma kellha kappillan u għal dawn l-aħħar 25 sena kienu jaraw biss saċerdot DARBA FIS-SENA meta fit-30 ta' Awwissu jmur jiċċelebra l-festa ta' Santa Rosa ta' Lima. Hemm jagħmel is-sagramenti imma bla preparazzjoni. Jien din is-sena għammidt 116 il-tifel u tifla u kollha mingħajr preparazzjoni ta' xejn. Uħud minnhom kellhom parrini minn Malta, dawk li bgħatuli 50 Ewro biex nixtrilhom il-ħwejjeġ, rigal eċċ. Il-festa għamiltha taħt tinda fil-pjazza, l-uniku post fejn hemm 3 toroq bis-siment, il-kumplament huma triqat tat-trab.

Jien mhux biss ma sibtx knisja jew dar fejn noqgħod imma anqas sibt tagħlim ta' Reliġjon. Imsieken min ser jgħallimhom jekk ma għandhomx qassis. Huma Kattoliċi għax dejjem qalulhom li kattoliċi imma ma jafu xejn. Jien daħħalt idi fil-but u ħriġt żewġ pagi għal żewġ għalliema biex jgħallmu r-Reliġjon fl-iskola primarja lil 1100 tifel u tifla. Dawn ġibthom waħda minn Lima u l-oħra 8 siegħat bogħod minn Humanga. Dawn tgħallmu r-Reliġjon fl-Università Kattolika u għalhekk inħallashom Lm100 fix-xahar kull waħda. Imma jien moħħi mistrieħ li 1100 tifel u tifla qed jieħdu t-tagħlim Nisrani. Membru tan-Neokatekumenat, ċertu Żaren tani ftit flus meta kont Malta u dawn ser nużahom sabiex nistieden ftit koppji Neokatekumeni biex jiġu f'Santa Rosa ħalli jibdewli grupp hemmhekk. Għandi bżonn il-flus biex inħallsilhom il-lukanda (jekk issejħilha lukanda!) u l-ikel. Hekk bit-tagħlim fl-iskola u bil-mixja inkun qed nibni l-komunità u fl-istess ħin nibni t-tempju tal-ġebel. Iltqajt ukoll ma' grupp Kariżmatiku ġo Marsalforn iżda jkun diffiċli biex jiġu hawn għax il-bogħod wisq.

Il-popolazzjoni ta' Santa Rosa hija ta' 16-il elf ruħ, 5 telef huma mdawrin miegħi fiċ-ċentru u 11-il elf jgħixu f'komunitajiet kbar u żgħar imqassmin 40 *Pueblos*. Uħud minnhom bla dawl, ħafna bla drenaġġ u d-djar jagħmluhom minn *bricks* tal-ħamrija bit-tiben. Biex immur inżurhom, hemm xi wħud huma siegħa u nofs il-bogħod u oħrajn irrid nimxi

jew nirkeb xi bhima li dan minhiex ser ngħamlu żgur għax nibża' minnhom. L-ikel huwa bbażat prinċipalment fuq tiġieġ u ħxejjex, ħafna forom ta' patata li fil-fatt ma humiex ħlief għeruq ħoxnin ta' pjanti. Għalija sagrifiċċju kull darba li jasal ħin l-ikel!

Bħal issa qed inqaddes f'garaxx li krejt u il-maġġoranza huma tfal għax il-kbar ma humiex imdorrijin imorru l-quddies. Fil-knisja l-ġdida ser ikolli kampnar iżda minhix ser nagħmel qniepen għax jaqa' kollox u dawk jiswew ħafna flus. Nitlob lil Alla biex iħajjar benefattur u jixtrili apparat elettroniku apposta li jdoqq qniepen veru sbieħ. Ma tagħrafhomx minn dawk ta' veru. Mhux bħal dawk li jdoqqu melodiji, iżda jdoqqu bħal qniepen ta' veru, għal kull okkażjoni.

In-nies huma bdiewa, jkabbru l-kafè, ċikkulata u weraq tal-*coca* li jużawha għall-mediċini, tè u ikel bħala dqiq. Però sfortunatament tista' tintuża ukoll għal droga u minħabba f'hekk għandi fil-parroċċa dak li jgħidulu delitti Narkotiċi, fejn il-pulizija jew Armata jew tad-difiża volontarja jiġu maqtula mill-produtturi tan-Narkotiċi.

In-nies torqod fuq xkejjer jew ftit *foam* fuq it-trab taħt saqaf tal-landi, jew ħaxix u ftit taħt is-siment. Jien għalissa ngħix ġo kamra kbira fuq ħanut, bla madum, bla misħun, u affarijiet oħra imma bil-mod il-mod qed nirranġa, anke bis-saħħa ta' Satariano ta' Bikirkara li kienet irregalatli *toilets*, *showers* u madum u diġà rranġajt it-*toilet* avolja mhux id-dar tiegħi, imma għamilt kuntratt ta' 5 snin u flok inħallsu bil-flus nirranġalu l-kamra. Satariano kienu ukoll tawni *Solar Water Heater* iżda talbuhuli żewġ saċerdoti li jgħixu fil-muntanji u ma kellix qalb ma nagħtihulhomx. Jien qiegħed fis-Selva u hemmhekk suppost dejjem sħana. Però x-xita ma tonqosx u għandna kwantità miżgħuda ta' insetti u annimali li jiddomestikaw rwieħhom mingħajr il-permess tiegħek.

Wara li ilni hawn 5 xhur, issa drawni u jafdawni. L-immaġni li jien qed nagħti ta' kappillan hija l-ewwel waħda u din ser tibqa' għal dejjem, għalhekk qiegħed ħafna attent li nagħti immaġni tajba għax jien l-ewwel kappillan li ser nitniżżel fl-istorja u dan il-kappillan huwa ukoll Malti. Fil-fatt dawn qatt ma kienu semgħu b'Malta u wara ftit li semgħuni nsemmiha bdew jiġu bid-daħqa sarkastika jirrapportaw li Malta tilfet mal-Portugall 4 b'xejn! Issa saru jafu Malta min hi - hi 12-il *Player*! Il-quddiem nurihom ftit *DVDs* fuq Malta iżda mhux għalissa għax għad ma għandix sala jew imkien fejn nurih.







Mela kien hemm persuna Malta u tatni 200 Ewro u qaltli dawn il-flus użahom ma' xi persuna li għandha bżonn operazzjoni għax jien ser nagħmel waħda u din tkun offerta biex Alla jkollu ħniena minni. Meta Solimar, tifla ta' 5-6 snin waqgħet mir-raff fejn jorqdu, darba bil-lejl, għax kellha bżonn tmur sat-*toilet*. Isfel kien hemm biċċa siment u kissret imneħierha u żewġ għajnejn suwed. Ommha ħaditha San Francisco, siegħa il-bogħod u ħadulha żewġ *x-rays* imċajprin. Qalulha probabbilment għandha l-ksur imma aħna ma nafux għax trid tmur Ayacucho (8 siegħat il-bogħod) u tara speċjalista ta'l-E.N.T. Jien bagħadt għal ommha u staqsejtha għaliex kienet għadha ma ħadithiex. "Minħabba li ma għandix biex", qaltli. "Flus inħallas jien". "Ħwejjeġ ma għandix" qaltli. "Tieħux ħsieb"..... Insomma morna u rqadna għand l-Isqof. Kellna ħafna problemi, bi *strike*, l-uniku tabib ta' l-*Ear Nose and Throat* marad serjament hu stess dak il-lejl li konna nivjaġġaw, insomma Alla kien magħna u anke t-tabib raha. Saritilha operazzjoni u dawk il-200 Ewro għamlu tajjeb.

Din kienet storja waħda li żvolġiet f'5 xhur li ilni hawn. Ma' din kien hemm oħrajn żgħar bħal il-possibbiltà li mal-50 ruħ tgħammdu għax 50 Malti bgħatuli 50 Ewro għall-magħmudijiet. Waħda mara bagħtitli 500 Ewro u la qaltli fejn toqgħod xejn. Xi darba rrid insibha u ngħaddilha l-ismijiet ta' l-10 itfal li għammdet. Kien hemm qassis minn Ħal Qormi li dan ukoll għammidtlu tifel f'ismu. Tajt ħafna ħwejjeġ u żraben minn *container* li wasalli minn Malta.

Jien ser ikolli nieqaf hawn. Għandi internet għalkemm ngħix fil-ġungla imma dan hu ħażin ħafna, *slow* wisq, imma ninqeda għall-*emails*. Jekk xi ħadd ikun jixtieq jikkuntattjani jiktibli f'dan l-indirizz: *latomilla@yahoo.co.uk*


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

Passiġġata Biblika - 43

"Għixu mela fi Kristu Ġesù Sidna, kif tgħallimtuh, b'għeruqkom fih u ħajjitkom mibnija fuqu, imwettqin bil-fidi bħalma tgħallimtu, b'kotra ta' radd il-ħajr." (Efesin 4:3-5).

# FIDUĊJA FIL-QAWWA TA' KRISTU

## Ħarsa qasira lejn it-Tagħlim fl-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin

**minn Fr. Charles Buttigieg**

### *L-Ittra lill-Kolossin*

**Fi żmien San Pawl, Kolossi fil-Friġja fit-Turkija tal-lum, kienet belt ċkejkna qrib Laodiċeja u Ġerapoli u 'l bogħod minn Efesu madwar 170 km. L-ittra lill-Kolossin inkitbet aktarx meta San Pawl kien miżmum taħt arrest domiċiljari ġewwa Ruma u għalhekk hija meqjusa bħala waħda 'mill-ittri mill-ħabs': "Insellu għalikom Aristarku, sieħbi fil-ħabs, u Marku, ulied l-aħwa ma' Barnaba..."** (Kol 4:10, ara ukoll Atti 28:30). **Minn dak li jikteb, jidher li San Pawl qatt ma mar f'din il-belt; lanqas ma hija msemmiha fl-Atti ta' l-Appostli, imma żgur li l-missjoni tiegħu ġewwa Efesu ħalliet il-frott anke f'din il-komunità: "Irridkom tkunu tafu kemm kelli nissielet minħabba fikom u minħabba f'dawk li joqogħdu f'Laodiċeja u oħrajn li qatt ma raw wiċċi b'għajnejhom"** (Kol 2:1). **Huwa ċar li Epafras li kien ma' San Pawl f'Ruma, kien proprju minn Kolossi u għalhekk kellu rabta kbira ma' din il-belt: "Isellmikom Epafras wieħed minnkom u qaddej ta' Ġesù Kristu; dejjem iħabrek għalikom fit-talb. Nixhidlu jien li hu jitħabat ħafna għalikom u għal dawk ta' Laodiċeja u dawk ta' Ġerapoli"** (Kol 4:12-13, ara ukoll



*San Pawl jikteb lill-Kolossin mill-ħabs domiċiljari f'Ruma. Jidhru warajh Epafras u s-suldat Ruman għassa miegħu.*

Kol 1:7). **Anke Filemon, li lilu San Pawl kiteb ittra qasira ħafna, kien minn din il-belt ukoll. L-ittra kienet mibgħuta ma' Tikiku u Onesimu** (ara Kol 4:7-9).

### *L-Ereżija ta' Kolossi*

San Pawl jikteb lill-Kolossin wara li rċieva aħbarijiet minn għand Epafras dwar xi tagħlim qarrieqi minn għalliema foloz ġewwa din il-belt. Huwa ried juri għalhekk f'din l-ittra, il-verità tal-Evanġelju u l-Kobor ta' Kristu: **"Araw li ma jkunx hemm xi ħadd li iħassarkom b'filosofija li mhix ħlief qerq fieragħ u tagħlim tal-bnedmin skond l-elementi tad-dinja u mhux skond Kristu"** (Kol 2:8). Dawn l-eretiċi kienu qegħdin jgħallmu li kien hemm bżonn li wieħed ikollu l-intermedjarji u medjaturi oħra bejn is-sema u l-art sabiex wieħed isalva u għalhekk kienet qed issir enfasi żejda fuq l-ispirti jew anġli bil-konsegwenza li kienu qegħdin inaqqsu l-importanza ta' Kristu. Dawn l-eretiċi kienu taħt l-influss ta' ċertu sinkretiżmu injostiku u ġudajku. Għalhekk San Pawl juri l-importanza u l-kobor tal-Persuna ta' Kristu u li s-salvazzjoni ġejja minnu biss u għalhekk juri li s-salvazzjoni ta' Kristu hija sħiħa mingħajr il-ħtieġa ta' spirti intermedji bejna u bejnu: **"Għixu mela fi Kristu Ġesù Sidna, kif tgħallimtuh, b'għeruqkom fih u ħajjitkom mibnija fuqu, imwettqin bil-fidi bħalma tgħallimtu, b'kotra ta' radd il-ħajr"** (Kol 2:6-7); "midfunin miegħu bil-magħmudija, qomtu ukoll miegħu bil-fidi fil-qawwa ta' Alla li qajmu minn bejn l-imwiet" (Kol 2:12).

### *Kristu fuq Kollox u fuq Kulħadd*

F'din l-ittra lill-Kolossin insibu test bibliku tassew meraviljuż, qiegħed nirreferi għall-Innu Kristoloġiku, Innu ta' Tifħir lil Kristu li jagħtina San Pawl f'Kol 1:12-20, fejn naraw lil Kristu xbiha ta' Alla, l-ewwel wieħed fost il-ħlejjaq kollha li fih kollox iżomm, Kristu bħala r-Ras tal-Knisja, l-ewwel wieħed fost il-mejtin li fih tinsab il-milja (bil-grieg: *pleroma*) ta' Alla. **"...Hu x-xbiha ta' Alla li ma jidhirx, l-ewwel fost il-ħlejjaq kollha, għax fih maħluq kollox, fis-sema u fuq l-art, dak li jidher u dak li ma jidhirx, sewwa Tronijiet, sewwa Ħakmiet, sewwa Prinċipati, sewwa Setgħat; kollox maħluq bih u għalih. Hu qabel kollox u kollox hu fih, u Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja; Hu l-bidu, l-ewwel mill-imwiet, biex ikun l-ewwel f'kollox, għax Alla għoġbu li jagħti tgħammar fih il-milja kollha, u jħabbeb kollox miegħu bih, fl-art u fis-sema, u jġib is-sliem bid-demm tas-salib tiegħu"** (ara ukoll Gal 4:3). F'dan l-innu, naraw il-Misteru tal-Knisja 'jiżżewweġ' mal-Misteru ta' Kristu.



Laodiċeja (Laodicea)



Ġerapoli (Hierapolis)

B'din il-figura ċara dwar il-Persuna u l-Missjoni ta' Kristu, San Pawl ikompli jħeġġiġhom ħalli jgħixu f'din l-imħabba ta' Kristu fil-familja u fil-komunità: "**Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar.** Stabru b'xulxin, u jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddiehor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll" (Kol 3:12-13, ara ukoll il-kodiċi tal-ħajja domestika f'Kol 3:18–4:1).

### *Konklużjoni*

**San Pawl jesiġi għalhekk f'din l-ittra, l-imħabba fil-qalba tal-ħajja tal-komunitajiet li kien qed jevanġelizza, għaliex il-Knisja hija l-Ġisem ta' Kristu, hija l-għaqda ta' bejn Alla u l-poplu tiegħu, u għalhekk għandha tkun it-tempju ta' din l-imħabba vera. L-imħabba li twaħħad ma' xulxin il-membri kollha tal-ġisem f'armonija sħiħa u unika: "U fuq kollox ilbsu l-imħabba li hi l-qofol tal-perfezzjoni"** (Kol 3:14). Nilqgħu mela dan il-messaġġ ta' San Pawl permezz ta' din l-ittra ħalli verament l-esperjenza tar-Randan li ser nagħmlu flimkien twassalna biex immewtu fina dak li hu tad-dinja u naslu għall-qawmien fi Kristu: **"Mewtu mela l-membri tagħkom ta' l-art, żina, faħx, ġibdiet, xewqat ħżiena, regħba li hi qima ta' l-allat: dan kollu jġib il-għadab ta' Alla"** (Kol 3:5).

### *Biblijografija*


Bosetti, E., *"Codici familiari: storia della ricerca e prospettive"*, *RivB* 35 (1987) 129-179.

Bruce, F.F., *Paul. Apostle of the Heart set Free*, Grand Rapids (MI) 1977.

Caird, G.B., *Paul's Letters from Prison*, Oxford 1976.

Giordani, I., *St. Paul. Apostle and Martyr*, Boston (MA) 1981.

Gordley, M.E., *The Colossian Hymn in Context: An Exegesis in Light of Jewish and Greco-Roman Hymnic and Epistolary Conventions*, Wissenschaftliche Untersuchungen zum Neuen Testament 2, Tubingen 2007.

O'Brien, P.T., *"Lettera ai Colossesi"*, in G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), *Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, Torino 2000, 273-283.

Moreschini, C. – Norelli, E., "The Letters of Paul and of the Pauline Tradition", in *Early Christian Greek and Latin Literature: A Literary History*, Peabody (MA) 2005.

Schweizer E., *The Letter to the Colossians: A Commentary*, Minneapolis 1982.



GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR
JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN



GREZZJU BONELLO

Jiġi jagħtik stima b'xejn

"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**



Għawdex Qabel ir-Ritratti (12) — minn JOHN CREMONA

# Għawdex gżira tat-tliet għoljiet jew aktar?




GHAUDEX.

**Il-gżira ta' Għawdex hija magħrufa bħala l-gżira tat-tliet għoljiet, imma ħafna jinfixlu liema huma dawn it-tliet għoljiet peress li Għawdex għandu diversi għoljiet.**

Il-litografija li qiegħed nuri llum ġiet ippubblikata minn Pietru Pawl Castagna fil-ktieb tiegħu *"Lis storia ta Malta bil Ghzejer Tahha"* li huwa ppubblika l-ewwel darba fl-1866 u reġa' ppubblika t-tieni edizzjoni bejn l-1888 u l-1890. Fl-introduzzjoni għat-tieni edizzjoni jikteb *"Illum, li quasi colhat jaf jakra bil malti, ghaib ghal min ma ghandux lis-storia ta pajisu mictuba bil lingwa li jitkellem! Dan u'l'ewel ktieb li wiehed imissu icollu fil libreria tighu"*. Fil-fatt, Castagna kien wieħed minn ta' l-ewwel li ppubblika storja ta' pajjiżna bil-Malti. Il-popolarità tal-kotba tiegħu tixhed li kien hawn għatx għall-istorja ta' pajjiżna bl-ilsien tagħna u għenet mhux ftit biex żdied l-interess fil-movimenti nazzjonali.

Il-litografija turi veduta idealizzata ta' Għawdex bl-għoljiet tiegħu. Fuq quddiem in-naħa tal-lemin jidher il-wied ta' Mġarr ix-Xini iserrep wara r-raħal tax-Xewkija. Fin-naħa ta' fuq jidhru l-għoljiet Tad-Dbieġi, Ta' Għar Ilma, il-Belt (iċ-Ċittadella) T' Għammar, Ta' Gelmus, iż-Żebbuġ, Ta' Kuljat u Tad-Dabrani. Il-litografija saret fl-istamperija ta' Brockdorff il-Belt Valletta minn Giuseppe jew Luigi Brockdorff li flimkien ma' missierhom Charles ħallewlna ħafna impressjonijiet artistiċi ta' Malta u Għawdex f'nofs is-seklu dsatax. Il-litografija li qiegħed nuri hija meħuda mit-tieni edizzjoni tal-ktieb peress li fl-ewwel edizzjoni tidher l-istess veduta iżda mingħajr l-ismijiet tal-postijiet kif jidhru f'din il-litografija. Ix-xogħol mhux xi wieħed oriġinali peress li l-istess litografija dehret oriġinarjament fil-ktieb ta' Captain T.A.B. Spratt *"On the Geology of Malta and Gozo"* stampat l-Ingilterra fl-1854 u li dwarha nitkellmu darb'oħra.

Lura għall-kwistjoni tat-tliet għoljiet, il-litografija turi tmien għoljiet differenti u l-veduta ma tinkludix lix-Xagħra, n-Nadur u l-Qala. Veduta tixbah ħafna lil din wieħed għadu jista' jaraha minn fuq Ta' Ċenċ. Allura wieħed jistaqsi liema huma t-tliet għoljiet li għalihom huwa magħruf Għawdex? Ir-risposta jagħtihielna portulan jew ktieb tal-baħħara tas-seklu ħmistax li jgħid *'La cognosenza si e' tal chi vien ver Cecilia vedi lo Gozo in tre monti; lo mezani si e' mazior, sovra 'l qual si e' uno Castel de Molta, zioe' del Gozo'* jiġifieri *'Wieħed jagħraf il-gżira ta' Għawdex billi meta jkun ġej min-naħa ta' Sqallija jara lil Għawdex bħala tliet għoljiet, tan-nofs l-akbar u li fuqha hemm il-kastell ta' Malta ċioe' ta' Għawdex'*. Dan ifisser li l-baħħara mill-bogħod kienu jagħrfu lill-gżira ta' Għawdex mill-forma tat-tliet għoljiet meta jilmħuha min-naħa tat-tramuntana. Fuq ix-xellug jidhru qishom għolja waħda ix-Xagħra, in-Nadur u l-Qala; fin-nofs tidher l-għolja taċ-Ċittadella filwaqt li fuq il-lemin jidhru bħala għolja waħda oħra ż-Żebbuġ ma' Ta' Gelmus, Tad-Dabrani, Ta' Kuljat, Tad-Dbieġi, T'Għammar u Għar Ilma*.

Il-litografija hija intitolata GHAUDEX u għandha qisien ta' 125mm x 197mm.

* *Ħajr lil Victor J. Galea li tani din l-informazzjoni.*

Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 171
Riċerka ta' Joseph Bezzina
© 2009



# Il-Biskotti Sqallin f'Għawdex

**Id-dokument numru mija u wieħed u sebgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar il-bejgħ tal-biskotti lill-aġenti u patruni ta' bċejjeċ tal-baħar residenti Għawdex. Iġib id-data tat-2 ta' Frar, 1709. Jinsab fil-għaxar volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjonali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1708–1709), folju 54r (NAG, UG, *Acta,* 10/1708–1709, f. 54r).**

Din hi traskrizzjoni tad-dokument:

*Io, sotto scritto, come publico pesatore di questa Isola del Gozzo fa piena et indubitata fede a chiunque aspetta vedere la presente, qualmente nel mio libro di pesatore come sopra si trovano le infrascritte note, cioè:*

*Al dì 10 gennaro 1709:*

*Ho pesato a Giovanni Camilleri commessionato delli personali del vassello armato a corso capitaneggiato da Capitan Paulo Fornier d'ordine di questi Signori Giurati quintali 122, r(otoli) 17 di netto bischotto*

*Al dì 18 gennaro 1709:*

*Ho pesato a' Padrone Michele Dandalona et a Padrone Giacobo Magro sacchi ed bischotto di brutto insacchi 104, pesano quintali 72 e r(otoli) 72*

*Al dì 29 gennaro 1709:*

*Ho pesato a' Padrone Michele Dandalona et a Padrone Giacobo Magro sacchi ed bischotto di sacchi 115 di peso brutto, quintali 69 e r(otoli) 81*

*Al dì 1 febraro 1709:*

*Ho pesato al detto P(adrone) Michele Dandalona et al detto P(adrone) Giacobo Magro sacchi 64 in uno de' quali si trovano insacchati altri sacchi cinque ed bischotto di brutto di peso quintali 35, r(otoli) 6.*

*Io Alonzo Calleia, pesatore come sopra.*

Dan id-dokument għandu x'jaqsam ma' dak ippubblikat qabel. Il-kunsinja ta' biskotti destinata għal Għawdex kienet trasportata mill-Port il-Kbir lejn l-Imġarr biex tinbiegħ lil diversi aġenti Għawdex. Alonzo Calleja, piżatur, kien responsabbli biex igħaddi din il-kunsinja lill-aġenti.

Il-piżatur kien mgħallem mogħti s-sensja, jiġifieri l-liċenzja, biex jiżen il-merkanzija, speċjalment ħwejjeġ ta' l-ikel. Hu kien jingħata s-sensja mill-*Universitas* u kien jiżen bl-istasija. Kien xogħol li ried isir bl-ikbar reqqa u preċiżjoni; tant li għal min ifittex ix-xagħra fl-għaġina jingħad li jagħmel ix-xogħol bl-istasija. Alonzo beda jbiegħ il-kunsinja ta' biskotti lil diversi aġenti.



Fl-10 ta' Jannar biegħ 122 qantar u 17-il ratal lil Giovanni Camilleri. Din hi kwantità kbira ħafna: qantar jiġi 79.38 kilogramm; kull qantar fih mitt ratal u kull ratal jiġi 0.79 kilogramm. Camilleri kien kummissjonat jixtri l-biskotti mill-kaptan Pawlu Fornier, li kellu vaxxell, jiġifieri *full-rigged ship,* armat għall-*corso*, jiġifieri s-*sibi*. Il-*sibi* kien il-qbid ta' bċejjeċ li jbaħħru u ż-żamma tal-priża tagħhom. Kien isir b'sensja mogħtija mill-Gvern u kienet titħallas taxxa skont il-priża maqbuda. Għalhekk is-*sibi* – kelma pulita għal pirati u ħallelin tal-baħar – kien iħalli ħafna dħul lill-Gvern. Il-vaxxelli armati għas-*sibi* kien ikellhom ħafna qaddiefa u dan jispejga l-kwantità kbira ta' biskotti li nxtraw.

Tliet kunsinji oħra ta' biskotti ngħataw fi tliet jiem differenti lil żewġ padruni oħra ta' bċejjeċ tal-baħar: Mikiel Dandalona u Ġakbu Magro. L-ewwel kunsinja kienet tikkonsisti f'104 ta' xkejjer b'piż totali ta' 72 qantar u 72 ratal. It-tieni kunsinja kienet ta' 115-il xkora, b'piż ta' 69 qantar u 81 ratal. It-tielet kunsinja kienet ta' 64 xkora li f'waħda minnhom kien hemm ħamest ixkejjer iżgħar b'piż totali ta' 35 qantar u sitt irtal.

Il-frażi *di peso brutto* tfisser il-piż nett, jiġifieri l-piż ta' meta ntiżnu l-biskotti. Il-piż tagħhom seta' jvarja għax jekk, per eżempju, l-arja tkun umda l-gallett kien jiżen iktar. Dan id-dokument jipprova li kien hemm xi vaxxell jew iktar għas-*sibi* bbażat fil-port ta' l-Imġarr Għawdex.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Dun Ġużepp Diacono

## (1847 - 1924)

**Wieħed ma jistax jistudja l-Istorja tal-Knisja f'Għawdex mingħajr ma jsemmi lil Dun Ġużepp Diacono.**

Twieled fir-Rabat Għawdex fis-16 ta' Awwissu 1847. F'dak il-jum stess, kif kienet l-użanza, tgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Huwa rċieva l-ewwel edukazzjoni tiegħu b'mod privat, b'eċċezzjoni ta' erba' xhur fl-iskola primarja tar-Rabat. Fis-16 ta' Settembru 1861, meta kellu erbatax-il sena, beda jattendi l-iskola sekondarja fir-Rabat, fejn wera ċerta assidwità fl-istudju. Ħalla din l-iskola fis-16 ta' Settembru 1867.

Kien wieħed mill-ewwel studenti fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù, li ġie nawgurat fl-4 ta' Novembru 1866, u kien fdat mid-Djoċesi ta' Għawdex f'idejn il-Ġiżwiti Sqallin. Billi kien joqgħod fil-qrib, kien student estern. Fi tmiem is-sena akkademika ta' l-1870 lesta l-kors tat-teoloġija u, billi kien għad ma kellux erbgħa u għoxrin sena, kellu bżonn ta' dispensa minn Ruma. Din ingħatat u l-Isqof ta' Għawdex, Anton Grech Delicata, ordnah saċerdot fl-4 ta' Marzu 1871, fil-Katidral ta' Għawdex.

Wara l-ordinazzjoni saċerdotali nħatar viċendarju, jiġifieri rettur, l-ewwel f'Marsalforn, wara l-Għasri u mbagħad Kerċem, sakemm inħatar viċiparroku tar-Rabat. Hawnhekk ingħata l-inkarigu bħala Direttur Spiritwali tal-grupp '*Stelle del Sacro Cuore*' u daħal għal dan l-inkarigu b'ruħu u ġismu. Filwaqt li nissel f'dawn ix-xebbiet l-ispirtu ta' San Franġisk ta' Assisi, beda jorganizzahom u sabilhom min jgħallimhom il-bizzilla. Kellu f'moħħu li jwaqqaf grupp ta' tnax-il soru, ħsieb li beda jwettaq pass wara ieħor.

Ħadem kemm felaħ biex minn dan il-grupp jinbtu s-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù. Kien bis-saħħa tiegħu li dawn is-Sorijiet seħħilhom jiksbu proprjetà fi Strada Palma. Biex jagħmel dan huwa kellu jagħmel ħafna djun u hekk ħtieġlu jiġbor ħafna. Huwa kellu f'moħħu li hawnhekk jibni kunvent, u kappella għas-sorijiet biss. Iżda megħjun u mħeġġeġ minn Katarina Farrugia, bidel il-pjan u għamilha kappella pubblika. Hija ddedikata lill-Madonna tal-Qalb ta' Ġesù. Tbierket mill-Isqof Pietru Pace fis-17 ta' Mejju 1885. Fl-24 ta' Mejju 1885, Diacono nnifsu inawgura l- '*Casa di Carità*" il-ġdida u berikha.

Minkejja li ħadem ħafna f'dan il-proġett ta' Sorijiet ġodda, magħrufa bħala ta' l-Istilla, beda jiltaqa' ma' ħafna diffikultajiet. L-ewwelnett, kien hemm min għer għalih. Ta' min isemmi li nħatar bħala kappillan tal-Qala fit-22 ta' Marzu 1881, u b'hekk tbiegħed minnhom. Għalhekk sar aktar diffiċli li jikkomunika magħhom. Qamu qlajjiet, li ma jsemmix x'kienu, filwaqt li l-Isqof neħħielu l-awtorità li kellu fuq is-Sorijiet. Barra minn hekk, kien mgħobbi b'diversi djun. Nhar it-8 ta' Ottubru 1887 Dun Ġużepp Diacono mar fil-*Casa Madre* u pprova jżarma dak kollu li kien għamel b'sagrifiċċju matul disa' snin. Iżda l-providenza riedet li dan ma jseħħx. Imnebbħa minn Alla, Virginia Debrincat, magħrufa bħala Madre Margerita, li kienet Birkirkara, ġiet malajr Għawdex u ndaħlet hija biex tmexxi l-Kongregazzjoni.

Diacono baqa' attiv. Meta kien kappillan il-Qala rnexxielu jibda u jtemm il-bini tal-knisja ddedikata lil San Ġużepp u lill-Immakulata



Kunċizzjoni. Wara l-parroċċa tal-Qala, inħatar kappillan ix-Xagħra. Matul il-parrokkat tiegħu ngħata t-titlu ta' Arċipriet u twaqqfet il-kolleġġjata. Huwa bena l-koppla ta' din il-knisja parrokkjali ddedikata lil Marija Bambina.

Għalkemm ma għamel l-ebda kors ta' perit, huwa kien arkitett fil-veru sens tal-kelma. Huwa ħażżeż il-pjanti ta' dawn il-knejjes: il-knisja parrokkjali tal-Qala, il-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz, il-koppla tal-knisja parrokkjali tax-Xagħra, il-faċċata tal-knisja l-qadima fix-Xewkija, il-knisja ta' Sant'Antnin, magħrufa tal-Patrijiet fl-Imġarr, il-knisja parrokkjali ta' l-Għasri, u l-knisja ta' Ġesù Nazzarenu fix-Xagħra. F'Malta ddisinja l-knisja parrokkjali tal-Madonna ta' Pompej f'Marsaxlokk.

Barra minn hekk huwa jibqa' msemmi għall-ħidma tiegħu fil-kamp soċjali, billi ppromwova kemm felaħ ix-xogħol tal-bizzilla. Dan ma għamlux għal xi qligħ personali, iżda biex itejjeb il-qagħda finanzjarja tal-mara Għawdxija.

Dun Ġużepp Diacono miet nhar it-22 ta' Lulju 1924, fil-għomor ta' 77 sena. Huwa twieled fqir, għex fqir u miet fqir. Jinsab midfun fil-knisja parrokkjali u Bażilika tax-Xagħra.

***Angelo Xuereb***

*(Din is-sensiela hija bbażata fuq il-ktieb "Dun Ġużepp Diacono", ta' Fr.Joseph Bezzina, kif ukoll il-ktieb "Ġabra ta' xi wħud mill-kitbiet ta' Dun Ġużepp Diacono" u ta' Dokumenti oħra ta' l-ewwel komunità, maħruġ mis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù).*

Għawdex Online (7)



# Għawdex Pawlin fis-Sena Pawlina



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfelicepace@mail.global.net.mt

Kien xieraq li fid-digriet li kien ħareġ l-Isqof tagħna Mons. Mario Grech nhar l-24 ta' Ġunju 2008 kienu ġew identifikati tlett knejjes fejn tista' tintrebaħ indulġenza plenarja fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni universali ta' din is-Sena Pawlina. Dawn il-knejjes huma kollha ddedikati lil San Pawl. Bil-kundizzjonijiet ġenerali li japplikaw għar-rebħ ta' din l-indulġenza, id-digriet jidentifika **l-Knisja-Bażilika parrokkjali ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur, il-Knisja Parrokkjali tal-Munxar u l-knisja ta' Marsalforn.** L-indirizz elettroniku fejn tista' ssib dan id-digriet huwa: *www.gozodiocese.org/2008/06/29/indulgenza-plenarja-marbuta-mas-sena-pawlina-ta-ghawdex*. Tlett tempji għal kollox differenti minn xulxin, fl-arkitettura, fl-istorja tagħhom u fl-importanza tagħhom fil-ħajja ekkleżjali f'Għawdex.

**Dwar il-knisja maestuża tan-Nadur tista' tidħol fil-websajt tal-parroċċa bl-indirizz: *www.nadurparish.com*.** Is-sit fiha ġabra ta' aħbarijiet, pubblikazzjonijiet, organizzazzjonijiet parrokkjali u lista ta' servizzi. Hemm ukoll gallerija, dokumentarju dwar l-aħħar festa u omelija dwar iż-żewġ qaddisin martri San Pietru u San Pawl. It-taqsima *History* hija importanti fil-kuntest ta' dan l-artiklu. **Maria R. Pisani tipproduċi testimonjanza tal-bravu pittur Lazzaro Pisani (1854-1932).** Dan il-materjal, dettaljat ħafna, jagħti stampa ċara ta' l-arkitettura rikka u x-xogħol artistiku li jsebbħu dan it-tempju. Maria għandha wkoll artiklu ieħor *online* **b'dettalji impressjonanti dwar xogħol Lazzaro Pisani.** Dan tista' ssibu f'dan l-indirizz: *www.sanpawlmalta.com/Knisja/Arkivji/Arkivji/SP%20fil-Pittura%20ta%20Lazzaro%20Pisani.htm*.



F'dan l-artiklu Maria ssemmi wkoll xogħol Lazzaro Pisani li jinsab fil-knisja parrokkjali tal-Fontana. Il-kwadru ta' l-appostlu San Pawl imħejji għall-martirju, b'idejh marbuta wara daru u rasu mistrieħa fuq il-kolonna, filwaqt li l-bojja bix-xabla fl-ajru lest biex jaħsadlu rasu.

**Dwar il-knisja parrokkjali tal-Munxar iddedikata lin-Nawfraġju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl tista' tidħol fil-websajt tad-djoċesi fl-indirizz: *www.gozodiocese.org/churches/parishes/munxar/*** fejn issib l-istorja ta' din il-knisja fil-qosor jew tista' tidħol fil-websajt tal-Kunsill Lokali tal-Munxar bl-indirizz: *www.munxar.gov.mt/the_parish.html*, fejn issib l-istorja dettaljata tar-raħal u l-parroċċa. L-istorja hija msebbħa bi stampi tal-knisja u ta' l-istatwa tal-qaddis patrun nhar il-festa. Din l-istatwa ġiet magħżula mill-*Maltapost* bħala parti minn set ta' tlett bolol li ħarġu b'mod speċjali biex jikkommemoraw din is-Sena Pawlina. L-istatwi l-oħra huma dawk tal-knisja tal-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta u tal-parroċċa ta' Ħal Safi. Jekk trid tara dawn il-bolol tista' tidħol f'*www.maltapost.com/page.asp?p=7094&I=1*.

**Fatt interessanti ħafna dwar il-knisja tan-Nawfraġju ta' San Pawl li tinsab f'Marsalforn huwa dak li sa mis-seklu 14, kien hemm knisja f'dan il-lokal.** Tagħrif dwar din il-knisja jinsab fil-websajt tal-Kunsill taż-Żebbuġ bl-indirizz: *www.zebbuggozo/marsalforn.htm* fejn hemm l-aħbar li għaddejjin pjani biex tinbena knisja ġdida. L-ewwel ġebla tal-knisja preżenti tqegħdet fis-sena 1730. It-tradizzjoni tat-twemmin li San Pawl ħalla dawn il-gżejjer mill-bajja ta' Marsalforn fi triqtu lejn Ruma tista' b'xi mod tispjega l-għażla ta' l-emblema tal-lokal, li fuq kulur blu, turi s-sejf b'lifgħa mdawra miegħu, konnessjoni diretta mar-rakkont mill-Atti ta' l-Appostli.

**Kien jixraq li d-djoċesi tagħti importanza lil dawn it-tlett tempji fis-Sena Pawlina, però hemm aktar kwadri u statwi ta' San Pawl imxerrda mal-gżira, li wkoll jixirqilhom '*coverage*' fuq xi websajt. B'hekk nistgħu niffurmaw stampa sħiħa tal-kultura pawlina fi gżiritna!**

*Kummentarju (3)*

# Is-sitt siġġu



*kitba ta'* FRANCO MASINI

**Fis-*summit* ta' Diċembru li għadda ta' l-Unjoni Ewropea tal-kapijiet ta' Gvernijiet li saret ma' l-għeluq tal-presidenza Franċiża reġa' ġie diskuss kif jista' jiġi fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona li bih l-Unjoni Ewropea tista' timxi 'l quddiem fis-snin li ġejjin. Ta' min ifakkar illi dan it-Trattat jiġi fis-seħħ mar-ratifika tiegħu mill-pajjiżi Ewropej kollha. Kważi l-pajjiżi kollha ġa rratifikawh iżda pajjiż biss minnhom, l-Irlanda, għandha provvediment kostituzzjonali li jinħtieġ li r-ratifika ssir permezz ta' referendum. Dana kien sar u rriżulta fin-negattiv.**

Issa hemm proposta li jsiru xi tibdiliet li jagħmilha iktar possibbli li referendum ieħor fl-Irlanda jirnexxi għaliex jitneħħew xi affarijiet li l-Irlandiżi ma jogħoġbuhomx, bħal per eżempju n-nuqqas fin-numru ta' Kummissarji. Jidher ukoll minn dak li qal il-Prim Ministru Gonzi wara l-wasla tiegħu illi jekk ikun hemm referendum fl-Irlanda u dan jirnexxi, ż-żieda ta' siġġijiet għal Malta fil-Parlament Ewropew minn ħamsa għal sitta tista' sseħħ qabel l-elezzjonijiet ta' l-2014. **Dan ifisser illi fl-elezzjonijiet li ġejjin, voldieri dawk ta' Ġunju 2009, xorta jkollna ħames siġġijiet iżda jekk immedjatament wara, ngħidu aħna fl-2010 jew l-2011, jiġi ratifikat kompletament it-Trattat ta' Lisbona, Malta jkollha skont dak it-Trattat, is-sitt siġġu u dan jimtela' permezz ta' xi tip ta' elezzjoni.**

Iddeskrivejt dan l-isfond ftit fil-tul peress li l-ewforija li kellna meta t-Trattat ġie addottat, sfumat fix-xejn bil-le ta' l-Irlanda u ħafna forsi kienu nsewh. Ix-xewqa ta' l-Għawdxin li jkollhom leħen fil-Parlament Ewropew, dejjem baqgħet hemm u l-ebda referendum Irlandiż jew tnikkir ta' ratifika minn xi pajjiż ieħor mhux sejjer inaqqas mill-ħeġġa għal din l-aspirazzjoni ta' Għawdex.

**Nitkellmu ħafna fuq ir-reġjonalità ta' Għawdex iżda frankament ftit li xejn qed isir biex Għawdex ikollu l-is*tatus* u l-poteri ta' reġjun awtentiku.** Illum għandna fil-Kabinett żewġ membri, Ministru li fil-ġerarkija għandha l-ewwel post wara l-Prim Ministru u d-Deputat Prim Ministru u Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru b'uffiċċju saħansitra f'Kastilja. Għaldaqstant wieħed għandu għax jaħseb illi Għawdex għandu *lobby* qawwi fil-Gvern. Il-poplu Għawdxi li eleġġa lil dawn is-sinjuri għandu raġun jistenna li l-mument wasal biex **Għawdex ikollu verament *status* ta' reġjun fi ħdan l-Unjoni Ewropea**. Espressjoni ċara ta' din ix-xewqa tista' tinkiseb billi Għawdex jeleġġi bi dritt persuna li tirrappreżentah fil-Parlament Ewropew. Ma nistax nifhem kif din it-talba magħmulha diversi drabi fil-ġurnali kif ukoll permezz ta' korrispondenza mal-partiti politiċi **qed tiġi injorata jekk mhux ukoll imwarrba.**

Forsi xi ħadd jista' jgħid li ġaladarba Malta għadha ma ottjenietx is-sitt siġġu allura ma hemmx lok biex tiġi kkunsidrata din it-talba. Jiena ma naqbilx. Fl-opinjoni tiegħi l-Gvern għandu mil-lum stess jiddikjara jekk jaqbilx jew le ma' dan is-suġġeriment. **Jiena tal-fehma illi anke llum b'ħames siġġijiet hemm bżonn li Għawdex ikollu siġġu għalih fil-Parlament Ewropew**. Għawdex għandu l-votanti tiegħu u ma għandux għax joqgħod jistenna il-voti ta' l-Irlandiżi jew it-tnikkir ta' xi pajjiż biered. Li jistenna huwa li l-Awtoritajiet Maltin jirrispondu pożittivament għat-talba ġustifikata ta' l-Għawdxin. Kienet ta' sodisfazzjon kbir għal Għawdex meta saru emendi kostituzzjonali qabel l-elezzjoni ġenerali li għaddiet, u dan bl-approvazzjoni unanima tal-Parlament Malti, li Għawdex ġie assikurat li jkollu *status* ta' **distrett elettorali distint.** U l-fatt li dan ġie *entrenched* fil-Kostituzzjoni ta' Malta kien pass għaqli u tassew mistħoqq. **Issa jmiss pass ieħor – dak li Għawdex jingħata siġġu għalih fil-Parlament Ewropew mill-elezzjonijiet li ġejjin, dawk ta' Ġunju 2009.** Meta mbagħad, kif ilkoll nittamaw, Malta tingħata s-sitt siġġu dan ikun assenjat għal Malta.




Kull ma jonqos huwa r-rieda politika tal-Gvern, possibbilment bi ftehim ma' l-Oppożizzjoni, biex f'qasir żmien isiru l-emendi neċessarji biex din ix-xewqa ta' l-Għawdxin tiġi milqgħuha. Lill-Awtoritajiet ngħidulhom: "Agħmlu ftit kuraġġ u iffurmaw konvinzjoni li Għawdex jistħoqqlu verament u realment l-is*tatus* ta' reġjun b'rappreżentanza diretta fil-Parlament Ewropew". **Jalla l-2009 tkun sena li matulha Għawdex jieħu dak li jistħoqqlu.**

*francomasini@gmail.com*

*"Picture Story" - 4* — *minn* **SEQER**

# IL-LOĠIKA GĦAL GŻIRA EKOLOĠIKA: TINDIFA KIF IMISS!!


















*"Sinjali bħal dawn, narawhom u ninjorawhom..."*

Kummentarju (4)

# Il-Globalizzazzjoni... il-mostru modern fl-ekonomija tad-dinja



kitba ta' DR MARIO SALIBA

**Il-kriżi li tinsab fija d-dinja moderna għandha l-egħruq tagħha fil-bidla li għamel il-bniedem fejn partat il-valuri tal-ħajja mal-flus. Il-bniedem beda jinnegozja l-ħajja bil-flus. Dan huwa negozju li jmur kontra n-natura tal-bniedem li bi żmien wasslu biex iħaddan sistema totalment kapitalista.**

Kuntrarju għal dak li jingħad, il-globalizzazzjoni hija l-għadu mortali tal-ħaddiema u tal-foqra. Din is-sistema ma tagħtix każ tal-ġid komuni.

### *Spekulazzjoni bil-flus*

Tabilħaqq li l-vokabularju tal-finanzi u l-ekonomija huwa dinja ta' qerq li jgħatti l-bżonn veru u n-natura tal-flus. Per eżempju, meta nużaw bil-pulit il-kelma investimenti, din tista' tfisser spekulazzjoni bil-flus li globalment tista' tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji madwar id-dinja. Kulħadd huwa xhud ta' dak li ġara dan l-aħħar fid-dinja bankarja bi kriżi kbira tal-kreditu. Hekk ukoll nużaw il-kliem bħal flus, kapital, ġid u assi qishom ħaġa waħda mingħajr ma' wieħed jagħmel differenza bejn il-flus bħala numru ta' karti jew deheb u ġid reali li għandu valur reali, bħalma huwa l-ikel jew in-nuqqas tiegħu, ix-xogħol jew il-qgħad, bini u djar, għodda u teknoloġija moderna, tniġġis jew ambjent nadif. **Fid-dinja hawn ħafna forom ta' faqar moħbija. Għalhekk aħna naċċettaw dak li jgħidu l-ispekulaturi li qegħdin joħolqu l-ġid, meta fil-fatt huma qegħdin jisirqu l-ġid billi jingħataw xi biċċa art kbira bi ftit flus, kundizzjonijiet speċjali, intriċċi u protezzjonijiet oħra li ċittadin komuni ma għandu l-ebda ċans għalihom.** Din hija s-sistema kapitalista li tirrenja fid-dinja fejn l-allat huma l-flus u l-poter. F'din is-sistema dominata tal-kbir, miskin iż-żgħir u ċ-ċittadin komuni għax dawn ma għandhom l-ebda vuċi. **Fis-snin tmenin kulħadd feraħ bir-rebħa tas-sistema kapitalista fuq il-komuniżmu. Fis-snin disgħin aħna lkoll rajna quddiem għajnejna r-rebħa tal-kapitaliżmu fuq id-demokrazija u l-ekonomija tas-suq. Issa fl-ewwel għaxar snin tat-tielet millennju qegħdin naraw il-kapitaliżmu taħt il-kappa tal-globalizzazzjoni jeqred l-istess ċiviltà umana.**



Miskin il-fqir!

### *Skemi kollettivi fażulli*

Għal dawk li jaħsbu li l-globalizzazzjoni hija biss xniegħa mhux qegħdin jirrealizzaw li bil-globalizzazzjoni l-ġustizzja soċjali ma għada tfisser xejn. Is-suq hu kkontrollat minn korporazzjonijiet li huma ikbar minn ċerti pajjiżi mdaqqsin, aħseb u ara minn Malta, it-telfien ta' mpiegi hija biss eżiġenza jew skuża ta' nuqqas ta' kompettività u l-qerda ta' l-ambjent huwa meqjus bħala inevitabbli. Il-ħajja tagħna qed tkun mmexxija minn *'casino* finanzjarju globali'. Parti minn dan il-*casino* huma l-banek kbar, l-iskemi kollettivi ta' investiment u l-korporazzjonijiet ġiganteski li kapaċi jingħaqdu u jinfirdu bħallikieku xejn, basta jagħżlu profitti kbar fi żmien qasir u jżommu l-politika ekonomika ta' pajjiżi sħaħ skjava ta' l-interessi tagħhom. Meta jiġri xi ħaġa jdaħħlu l-gvernijiet responsabbli magħhom biex taparsi jħarsu l-impjieg tal-ħaddiem. L-aħħar eżempju kien l-iskandlu tal-kumpanija multinazzjonali tal-"Parmalat" fl-Italja.

**Il-kapitaliżmu kien terminu li beda jintuża f'nofs is-seklu dsatax biex jirreferi għal dik it-tip ta' ekonomija fejn il-ġid tal-pajjiż kien maqsum bejn ftit nies u l-ħafna jaħdmu biex ikabbru dan il-ġid. Iżda hawn min jgħid l-oppost, jiġifieri din hija s-sistema komunista u mhux kapitalista! Dan għax id-differenza bejn kapitaliżmu u komuniżmu hija waħda ta' idealoġija biss u llum ftit baqa' ideoloġiji! Il-kapitaliżmu jew il-*komuniżmu modern* huma biss ismijiet għax fil-fatt illum kollox immexxi mis-setgħa tal-flus u t-teknoloġija elettronika tal-kompjuters li għandhom qawwa ikbar minn tal-gvernijiet eletti demokratikament. L-*istock markets* saru sempliċiment *casinos* fejn il-lagħaba jagħmlu l-imħatri tagħhom fuq il-prezz tax-*shares*.**









***Ħsara lill-ambjent***

**Il-korporazzjonijiet il-kbar tant għandhom qawwa fuq il-gvernijiet li kapaċi joħolqu kultura u mentalità ġdida madwar id-dinja. Huma jnaqqsu x-xelta tal-konsumatur għall-prodotti tagħhom biss. Illum niġġudikaw prodott mill-isem, it-tikketta kollox!** L-ispejjeż kollha jgħaddu għall-konsumatur u jdawru l-gvernijiet biex jilleġiżlaw favurihom. Min-naħa l-oħra, l-istess gvernijiet iħalluhom jeqirdu l-ġid naturali u komuni billi jippermettu l-qerda tal-foresti, tal-ħut u annimali oħra u jippermettu li kumpaniji kbar iħammġu l-ambjent b'materjal tossiku. Ma hemmx bżonn li wieħed jitbiegħed wisq għax ħarsa madwarna tikkonferma. **Il-kumpaniji l-kbar jipprovaw iġibu fix-xejn is-saħħa tal-*unions* tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet ta' xogħol u pagi li tant ħadmu għalihom l-istess *unions* tal-ħaddiema.** Il-lum il-kompetittività u r-restrutturar huma t-theddida moderna tal-ġid komuni u lill-ħaddiem qed joħolqulu ħafna tensjonijiet u inċertezzi. **Il-ħaddiem illum sar biss oġġett ta' konvenjenza suġġett għad-daqqiet ta' l-ekonomija globali li tqis biss l-interessi tal-kbar. Il-kompetitività tfisser sfruttament u inġustizzja mal-ħaddiem għax dan l-ewwel jinħaleb u mbagħad jitkeċċa!**

Irridu nirrikonoxxu l-fatt li **dan it-tip ta' *komuniżmu modern* li jissejjaħ globalizzazzjoni huwa l-kankru modern li qed jeqred liż-żgħir u lill-ħaddiem.** Biex inneħħu l-kankru li ġa kiber, irridu jkollna mentalità ġdida fejn kulħadd irid iħoss ir-responsabbiltà lejn ħaddiehor u lejn l-ambjent ta' madwarna. Min-naħa l-oħra l-ħajja saret tfisser sfida ikbar ta' kuljum. Skont il-ġustizzja soċjali kulħadd għandu dritt jaħdem imma mhux kulħadd isib fejn jaħdem. **Il-kompetittività llum hija l-minaċċja ewlenija għax l-ebda impjieg mhix garantit. Sakemm issib xogħol alternattiv mhux problema. Jekk ma ssibx impjieg ieħor hija problema, u aktar se ssir bir-riċessjoni.**

*mariosaliba@gmail.com*

HILITE
HARDWARE STORE
**FRANCO - BELGE FIRE PLACES**
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

*APPREZZAMENT*

# Monsinjur Ġwann Dimech



Il-mewt ta' Dun Ġwann Dimech kienet sa ċertu punt mistennija peress li dawn l-aħħar xhur ma kienx jiflaħ sewwa. Iżda meta jitlaq xi ħadd li jkun maħbub u rispettat iħalli vojt kbir.

Dun Ġwann għex ħajja twila u mimlija u kemm il-Knisja kif ukoll in-nazzjon se jħossu n-nuqqas tiegħu. Fil-qasam ekkleżjastiku Dun Ġwann ħadem ħafna, mhux biss biex jgħix u jgħallem dak li kien vokat għalih iżda ta dak kollu li Alla żejjnu bih fl-interess tal-poplu t'Alla. Il-kariżma tiegħu fix-xogħol maż-żgħażagħ tispikka ħafna u bdiet kmieni f'ħajtu. Min hu ta' l-età tiegħi żgur jiftakru sa minn meta kien għadu seminarista jaħdem, jistinka u jħeġġeġ lit-tfal u l-pre-adolexxenti. Jiena personalment sirt nafu kmieni fit-tfulija tiegħi. Il-familja tiegħu fis-sajf kienet toqgħod bieb ma' bieb magħna Marsalforn. Huwa kien jiġborna biex immorru l-knisja ta' San Pawl għar-Rużarju kull filgħaxija wara xi passiġġata. U niftakar qisu l-bieraħ kif kien hu li għallimni u lil sħabi kif inservu l-quddies. Iżda l-kariżma tiegħu kienet testendi ukoll għal dak li hu passatemp. Niftakar bl-iktar mod ċar kif kien jorganizzalna *sports* fit-triq ta' ħdejn il-wied ta' Marsalforn, propju quddiem id-dar tagħna. Kellu dak id-don li jiġbdek u tagħmel kollox biex tobdih. Fi żmien li la kien jeżisti televiżjoni u lanqas radju, għaliex Marsalforn kien għadu mingħajr elettriku, daħħlilna l-ħajra għall-i*sports*. Nista ngħid illi kellu influwenza qawwija fuq il-formazzjoni tal-karattru tagħna.

Iżda Dun Ġwann kellu sehem importanti fil-qasam nazzjonali li ftit forsi japprezzaw. Bħala segretarju (dak iż-żmien konna nsejħulu kappillan) għal numru ta' snin tal-Arċisqof Mikiel Gonzi huwa għex il-ġrajjiet movimentati f'Malta fl-aħħar tal-ħamsinijiet u l-ewwel snin tas-sittinijiet. F'dawk is-snin nistgħu ngħidu li dejjem kien fil-marġini ta' l-istorja ta' pajjiżna. Għaliex Mikiel Gonzi, bil-personalità formidabbli tiegħu ma kienx biss Arċisqof ta' Malta, iżda persunaġġ uniku fuq quddiem nett fis-snin ta' qabel l-Indipendenza u wara, u dejjem b'Dun Ġwann qrib tiegħu. Dawk l-għexieren ta' eluf li bħali fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Settembru 1964 kienu fix-Xagħra tal-Furjana bid-dmugħ nieżel ma' ħaddejna naraw 'il pajjiżna jakkwista l-Indipendenza, żgur li jiftakru lil Dun Ġwann ħiereġ dritt dritt ma' l-Arċisqof Gonzi li bierek il-bandiera Maltija qabel din ttellgħet mat-tokk ta' nofs il-lejl wara li tniżżlet dik Ingliża.

Dun Ġwann kien iħobb ħafna lil Għawdex fejn studja, għex u ħadem għal snin twal. Kien sar qassis wara li studja fis-Seminarju ta' Għawdex u meta mal-familja tiegħu reġa' ġie hawn minn Malta biex ma jiċċaqlaqx, ddedika l-ħidma pastorali tiegħu favur l-Għawdxin. Lanqas il-karigi kbar u importanti li kellu fl-Ordni Sovran ta' Malta ma reġgħu ġibduh lura lejn Malta. Għawdex għalih kien il-post fejn ħadem bis-sħiħ u fejn ukoll sab il-mistrieħ eventwali tiegħu. Għawdex li tant kien iħobb huma midjun sewwa miegħu anke fil-predikazzjoni.

Dun Ġwann jibqa ħaj mhux biss fil-ħidma sfieqa tiegħu jew fil-kotba li kiteb, iżda bħala tifkira ta' qassis żelanti, ġentlom kbir u bniedem dedikat għall-ġid tal-proxxmu tiegħu fil-knejjes,fl-Ordni Sovran tal-Kavallieri ta' San Ġwann, fiċ-Ċentru ta-Moviment ta' Kana f'Għawdex, fl-iskejjel, u f'Marsalforn.

*Franco Masini*

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

MIX-XENA SPORTIVA F'GĦAWDEX — *minn* **Joe Bajada**



# TISSOKTA L-ĦIDMA MILL-KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORTS F'GĦAWDEX

Il-Kunsill Malti għall-iSport kompla għaddej b'iktar attivitajiet sportivi f'Għawdex, fejn għal darb'oħra b'kollaborazzjoni mal-*Gozo F.A.* kien organizzat *festival* ieħor sportiv, kif ukoll sar il- *'Girls on the Move'*. Iż-żewġ entitajiet, kemm il-Kunsill Malti għall-iSport li huwa l-entità Nazzjonali responsabbli bil-liġi Maltija mill-iSports fil-gżejjer Maltin, kif ukoll il-*Gozo Football Association* li hija l-ikbar Assoċjazzjoni Sportiva fil-gżira Għawdxija fejn din tħaddan iktar minn 1200 membru magħha, huma ferm sodisfatti bir-relazzjonijiet tajba ta' bejniethom. Fattur interessanti huma li minkejja li l-*Gozo F.A.* tinsab topera f'Għawdex, din torganizza xejn inqas minn seba' kampjonati diversi flimkien ma' bosta *festivals* ta' *football*, kif ukoll dawn l-attivitajiet sportivi oħra f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-iSport.

Dawn iż-żewġ attivitajiet sportivi kienu organizzati fil-*ground* tax-Xagħra fejn il-Ġimgħa 30 ta' Jannar 2009 fil-għaxija sar il-programm *'Girls on the Move'*. Din l-attività saret fil-konoxxenza ta' nuqqas ta' attivitajiet sportivi



mmirati għas-settur tat-tfajliet, fejn hawn kemm il-Kunsill Malti għall-iSport, kif ukoll il-*Gozo F.A.* qed jagħmlu minn kollox biex inaqqsu dan l-ostaklu. Fil-fatt il-*Gozo F.A.* tat bidu ukoll l-għada ta' dan il-programm, għal Kampjonat tat-Tfajliet ta' eta' żgħira tal-*football*. Dan kien anke avveniment storiku għall-gżejjer Maltin fejn għall-ewwel dan ġie organizzat kampjonat ta' din il-kategorija. Il-programm *'Girs on the Move'* jinkorpora fih siegħa u nofs ta' sport assortit u divertenti.

L-għada s-Sibt, l-aħħar ġurnata tax-xahar ta' Jannar 2009, inżamm festival ieħor sportiv fejn hawn iktar minn 100 tifel ħadu sehem f'sagħtejn ta' divertiment sportiv organizzati tajjeb ferm fejn il-varjazzjoni tal-logħob ta' sports differenti għamel din l-attività interessanti.

Il-Kunsill Malti għall-iSport permezz tal-kordinazzjoni tiegħu f'Għawdex huwa determinat li jkompli jinkoraġġixxi iktar tfal u żgħażagħ Għawdxin biex jipparteċipaw fl-isport għall-gost u li jagħmlu l-attività sportiva bħala parti mill-ħajja tagħhom ta' kuljum.

L-istess Kunsill Malti għall-iSport flimkien mal-*Gozo FA* għal darb'oħra ħarġu sodisfatti ferm bil-promozzjoni li qed jagħtu għal kultura dejjem iktar sportiva fil-gżira Għawdxija. Din il-promozzjoni ta' rispett lejn l-oħrajn u b'lealtà lejn l-aspetti vajri tal-prattika sportiva kienu l-qofol dawn l-attivitajiet sportivi li għalihom reġa' kien hemm attendenza ferm inkoraġġanti. Iż-żewġ entitajiet iroddu ħajr kemm lil *Xagħra United*



*F.C.* għall-kollaborazzjoni tagħhom fejn anke uffiċjali tagħhom għenu jqassmu l-ilma li jingħata b'xejn lit-tfal li ħadu sehem, kif ukoll jirringrazzjaw lil Fergħa Għawdxija tas-Salib l-Aħmar li kienu preżenti jagħtu s-servizz tagħhom meta nħasset il-ħtieġa.






# Għawdex max-Xhur

***Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard***
***Ritratti minn diversi sorsi***







## 2. FRAR

*Frar fawwar il-bjar żgur jimla*
*ilma nieżel mal-widien,*
*jieħu l-ħajja r-raba' jħaddar*
*seħer jiksi kullimkien.*

*Frar ix-xahar għalina mbierek*
*l-għaxar jum, jum it-twemmin,*
*jum is-sebħ għad-din Nisrani*
*jum il-glorja għall-Maltin.*

*Għax tassew l-Appostlu Pawlu*
*fit-triq tiegħu tat-tiġrib*
*l-irjieħ qliel waddbuh fuq artna*
*biex il-fidwa lilna jġib.*

*Min-nawfraġju w it-tempesta*
*tfaċċa għalina żerniq ġdid,*
*mit-tiġrib u dell il-għarqa*
*tat-twemmin ksibna t-twelid.*

*Frar qasir fil-jiem u s-sura*
*imma kbir fit-tifkiriet,*
*Frar il-barka t'art u sema*
*fuqna traxxax bil-kotriet.*







# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti ta' Patrick Fenech

## STORJA U NATURA FL-AMBJENT GĦAWDXI








# Seba' Kotba minn Għawdex għas-Sena Pawlina

## Erbgħa għall-kbar u tlieta għaż-żgħar




*Studju dettaljat ta' Mons. Lawrenz Sciberras. "Xogħol tassew prestiġjuż". €7*

*Xogħol ta' Kevin J. Hanlon dwar l-Ittri ta' San Pawl, Ragħaj li għadu jiggwida l-insara. €4*







*Ktieb klassiku tal-Biblista famuż Mons. Ronald Knox fuq it-tagħlim teoloġiku ta' San Pawl. €5*




*L-Ewwel Ittra lill-Korintin, rigal ta' l-Isqof lill-Għawdxin. Kopji extra b'donazzjoni libera.*




*Ktejjeb ideali għall-kbar u għaż-żgħar, b'qari ħafif, kollu kulur fuq il-ħajja ta' San Pawl. €2*

*Żewġ kotba għat-tfal, wieħed ta' attivitajiet u ieħor għat-tpinġija. €2 u €1.50*







SENA PAWLINA 2008 – 2009

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS